MAĦRUĠ MILL-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

# BULLETTIN TAL-ARĊIDJOĊESI



ĦARĠA NUMRU 157 Lulju - Awwissu 2009

# BULLETTIN TAL-ARĊIDJOĊESI

**Numru 157** **LULJU - AWWISSU**

## WERREJ

### MILL-KNISJA UNIVERSALI

- Address of his Holiness Benedict XVI to participants in the European Congress on the Pastoral Care of Vocations 5
- Pope Benedict XVI: Angelus – 2 - 08 - 09 9
- Pope Benedict XVI on St John Mary Vianney 11
- Pope Benedict XVI: greeting Maltese altar servers during the General Audience of the 12th August, 2009 17

### DOKUMENTI MILL-KURJA

- Omelija ta' Monsinjur Arċisqof f' Ħamis ix-Xirka 19
- Omelija ta' Monsinjur Arċisqof nhar il-Ġimgħa l-Kbira 23
- Omelija ta' Monsinjur Arċisqof fil-Vġili tal-Għid 27
- Laqgħa "Puttinu Cares" - Diskors ta' Mons. Arċisqof 31
- Omelija tal- Arċisqof fl-Anniversarju tal-Papa 35
- Għoti tal-Ministeru tal-Lettorat 40
- Omelija tal-Arċisqof fil-25 Anniversarju tal-Isqof Pawlu Darmanin 44
- Omelija tal-Arċisqof fil-Festa ta' San Ġwann Battista 50

- Omelija tal-Arċisqof fil-Knisja San Pawl tal-Ħġejjeġ 55

- Omelija fil-Professjoni Solenni ta' Soru Klarissa 60

- Omelija fil-Konsagrazzjoni tal-Knisja tal-Baħrija 64

- Omelija fl-40 Anniversarju tal-Parroċċa ta' Santa Luċija 69

- Omelija fl-Anniversarju tal-Professjoni Solenni ta' Sorijiet Franġiskani 74

- Omelija fil-Kappella tal-Fergħa Ewkaristika fil-Marsa 79

- Omelija lejliet il-Festa ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema 84

- Diskors tal-Arċisqof waqt il-preżentazzjoni tar-rapport "For Worse not for Better" 87

- Ċirkolari 37: Regoli temporanji dwar Tqarbin 89

**STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA**

- Kawża tal-Beatifikazzjoni tal-Qaddej ta' Alla L-Isqof Emanuel Galea 91
- L-Arċisqof fl-Art Imqaddsa f'Pellegrinaġġ maż-Żgħażagħ Maltin 92
- L-Arċisqof jiltaqa' mal-Missjunarju Maltin 95
- Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona u L-Isqof George Frendo jiċċelebraw l-40 Anniversarju tal-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom 96

- Il-K. D. Ż. f'laqgħa ta' kortesija ma' l-E.T. Dr. George Abela, President ta' Malta 98
- L-Arċisqof jilqa' liċ-ċiklisti tal-Lifecycle 2009 100
- 35 Anniversarju mill-mewt tal-Qaddej t'Alla l-Isqof Emanuel Galea 101
- Proġett Impenn jirribatti lis-Sur Martin Scicluna 102

LIBRERIJA PUBBLIKA
TAL-KATIDRAL
TRIQ QASAM SAN GORG
VICTORIA GOZO
TEL. 21560479

## ADDRESS OF HIS HOLINESS BENEDICT XVI TO PARTICIPANTS IN THE EUROPEAN CONGRESS ON THE PASTORAL CARE OF VOCATIONS

Dear Brothers and Sisters,

I meet you with great pleasure, aware of the precious pastoral service that you carry out in the context of the promotion, animation and discernment of vocations. You have come to Rome to take part in a congress of reflection, comparison and sharing among the Churches of Europe on the theme: *"Sowers of the Gospel of Vocation: a word that calls and sends forth"* and it aims to imbue your commitment to vocations with new dynamism. The fostering of vocations is a pastoral priority for every diocese which assumes even greater value in the context of the Year for Priests that has just begun. I therefore warmly greet the Bishops Delegate for the pastoral care of vocations of the various Bishops' Conferences, as well as the directors of the national Vocations Centres, their collaborators and all of you present.

At the heart of your labours is the Gospel Parable of the Sower. The Lord scatters the seed of the word of God freely and with abundance but knowing that it may fall on poor soil, which will not allow a seed to mature because of dryness, or that its vital force may be extinguished, choked by thorn bushes. Yet the sower does not lose heart, for he knows that part of this seed is destined to find "good soil", namely, ardent hearts capable of receiving the word with willingness to help it mature through perseverance and yield fruit generously for the benefit of many.

The image of the soil can evoke the reality of the family, on the

whole good; the sometimes arid and harsh environment of work; the days of suffering and tears. The earth is above all the heart of every person, especially of youth, to whom you address your service of listening and guidance: a heart that is often confused and disoriented, yet capable of containing unimaginable powers of generosity. It is like a bud ready to open to a life spent for the love of Jesus, able to follow him with the totality and the certainty that comes from having found the greatest treasure that exists. It is always and only the Lord who sows in human hearts. Only after the abundant and generous sowing of the word of God can one progress further along the paths of companionship and education, of formation and discernment. All this is linked to that tiny seed, the mysterious gift of divine Providence which releases from within an extraordinary force. In fact, it is the Word of God who brings about in himself what he says and desires.

There is another saying of Jesus' which uses the image of the seed, and which can accompany the Parable of the Sower: "Unless a grain of wheat falls into the earth and dies, it remains alone; but if it dies, it bears much fruit" (Jn 12: 24). Here the Lord insists on the connection between the death of the seed and the "much fruit" that it will yield. The grain of wheat is he, Jesus. The fruit is having "life abundantly" (Jn 10: 10), which he acquired for us through his Cross. This is also the logic and the true fruitfulness of every vocations ministry in the Church. Like Christ, the priest and the animator must be a "grain of wheat" who sacrifices itself to do the Father's will; who lives hidden from the clamour and the noise; who renounces the search for that visibility and grandiose image which today often become the criteria and even goals of life in a large part of our culture and which attract many young people.

Dear friends, be sowers of trust and hope. The sense of being lost that the youth of today often experience is indeed profound. Human words are frequently without a future or prospects, and also lack meaning and wisdom. The attitude of frenetic impatience and of the inability to live through a period of waiting is spreading. Yet, this could be God's hour: his call, mediated by the power and efficacy of the word, generates a path of hope towards the fullness of life. The word of God can truly become light and strength, a spring of hope, it can plot a path that passes through Jesus, the "path" and the "way"; through his Cross, which is the fullness of love. This is the message that comes to us from the Pauline Year which has just ended. St Paul, won over by Christ, inspired and formed vocations, as can be seen clearly from the greetings of his Letters, in which dozens of proper names appear, that is, the faces of men and women who worked with him in service of the Gospel. This is also the message of the Year for Priests that has just begun: the Holy Curé d'Ars, John Mary Vianney who is the "beacon" of this new spiritual itinerary was a priest who devoted his life to the spiritual guidance of people, with humility and simplicity, "tasting and seeing" God's goodness in ordinary situations. He thus proved to be a true teacher in the ministry of consolation and vocational guidance. The Year for Priests therefore offers a beautiful opportunity to rediscover the profound sense of the vocations ministry, as well as the fundamental decisions on its method: simple and credible witness, communion, with itineraries organized and shared within the local Church, the daily routine which is a lesson in following the Lord in everyday life; listening, guided by the Holy Spirit, to orient youth in their search for God and for true happiness; and lastly truth, which alone can give rise to inner freedom.

Dear brothers and sisters, may the word of God become in each one of you a source of blessing, of consolation and of renewed trust, so that you may help many to "see" and "touch" that Jesus whom they welcomed as Teacher. May the Word of the Lord always dwell within you, renew in your hearts the light, love and peace that God alone can give, and make you capable of witnessing and proclaiming the Gospel, source of communion and love. With this hope, which I entrust to the intercession of Mary Most Holy, I warmly impart the Apostolic Blessing to you all.

Clementine Hall
Saturday, 4 July 2009

## ANGELUS

*Dear Brothers and Sisters,*

I returned a few days ago from the Val d'Aosta and it is with great pleasure that I am with you once again, dear friends of Castel Gandolfo. To the Bishop, the parish priest and the parish community, to the civil Authorities and the entire population of Castel Gandolfo, along with the pilgrims as well as the holiday-makers, I renew my affectionate greeting together with a heartfelt "thank you" for your ever cordial welcome. I also thank you for the spiritual closeness that many people expressed to me in Les Combes at the time of the small accident to my right wrist.

Dear brothers and sisters, the Year for Priests that we are celebrating is a precious opportunity to deepen our knowledge of the value of the mission of priests in the Church and in the world. In this regard, useful ideas for reflection can be found in remembering the saints whom the Church holds up to us daily. In these first days of the month of August, for example, we commemorate some who are real models of spirituality and priestly devotion. Yesterday was the liturgical Memorial of St Alphonsus Mary de' Liguori, a Bishop and Doctor of the Church, a great teacher of moral theology and a model of Christian and pastoral virtues who was ever attentive to the religious needs of the people. Today we are contemplating St Francis of Assisi's ardent love for the salvation of souls which every priest must always foster. In fact today is the feast of the "Pardon of Assisi", which St Francis obtained from Pope Honorious III in the year 1216, after having a vision while he was praying in the little church of the Portiuncula. Jesus appeared to him in his glory, with the Virgin Mary on his right and surrounded by many Angels. They asked him to

express a wish and Francis implored a "full and generous pardon" for all those who would visit that church who "repented and confessed their sins". Having received papal approval, the Saint did not wait for any written document but hastened to Assisi and when he reached the Portiuncula announced the good news: "Friends, the Lord wants to have us all in Heaven!". Since then, from noon on 1 August to midnight on the second, it has been possible to obtain, on the usual conditions, a Plenary Indulgence, also for the dead, on visiting a parish church or a Franciscan one.

What can be said of St John Mary Vianney whom we shall commemorate on 4 August? It was precisely to commemorate the 150th anniversary of his death that I announced the Year for Priests. I promise to speak again of this humble parish priest who constitutes a model of priestly life not only for parish priests but for all priests at the Catechesis of the General Audience next Wednesday. Then on 7 August it will be the Memorial of St Cajetan da Thiene, who used to like to say: "it is not with sentimental love but rather with loving actions that souls are purified". And the following day, 8 August, the Church will point out as a model St Dominic, of whom it has been written that he only "opened his mouth either to speak to God in prayer or to speak of God". Lastly, I cannot forget to mention the great figure of Pope Montini, Paul VI, the 31st anniversary of whose death, here in Castel Gandolfo, occurs on 6 August. His life, so profoundly priestly and so rich in humanity, continues to be a gift to the Church for which we thank God. May the Virgin Mary, Mother of the Church, help priests to be totally in love with Christ, after the example of these models of priestly holiness.

*Courtyard of the Papal Summer Residence, Castel Gandolfo*
*Sunday, 2 August 2009*

## *GENERAL AUDIENCE*

### *St. John Mary Vianney, the Curé d'Ars*

*Dear Brothers and Sisters,*

In today's Catechesis I would like briefly to review the life of the Holy Curé of Ars. I shall stress several features that can also serve as an example for priests in our day, different of course from the time in which he lived, yet marked in many ways by the same fundamental human and spiritual challenges. Precisely yesterday was the 150th anniversary of his birth in Heaven. Indeed it was at two o'clock in the morning on 4 August 1859 that St John Baptist Mary Vianney, having come to the end of his earthly life, went to meet the heavenly Father to inherit the Kingdom, prepared since the world's creation for those who faithfully follow his teachings (cf. Mt 25: 34). What great festivities there must have been in Heaven at the entry of such a zealous pastor! What a welcome he must have been given by the multitude of sons and daughters reconciled with the Father through his work as parish priest and confessor! I wanted to use this anniversary as an inspiration to inaugurate the Year for Priests, whose theme, as is well known, is "Faithfulness of Christ, Faithfulness of Priests". The credibility of witness depends on holiness and, once and for all, on the actual effectiveness of the mission of every priest.

John Mary Vianney was born into a peasant family in the small town of Dardilly on 8 May 1786. His family was poor in material possessions but rich in humanity and in faith. Baptized on the day of his birth, as was the good custom in those days, he spent so many years of his childhood and adolescence working in the fields and tending the

flocks that at the age of 17 he was still illiterate. Nonetheless he knew by heart the prayers his devout mother had taught him and was nourished by the sense of religion in the atmosphere he breathed at home. His biographers say that since his earthly youth he sought to conform himself to God's will, even in the humblest offices. He pondered on his desire to become a priest but it was far from easy for him to achieve it. Indeed, he arrived at priestly ordination only after many ordeals and misunderstandings, with the help of far-sighted priests who did not stop at considering his human limitations but looked beyond them and glimpsed the horizon of holiness that shone out in that truly unusual young man. So it was that on 23 June 1815 he was ordained a deacon and on the following 13 August, he was ordained a priest. At last, at the age of 29, after numerous uncertainties, quite a few failures and many tears, he was able to walk up to the Lord's altar and make the dream of his life come true.

The Holy Curé of Ars always expressed the highest esteem for the gift he had received. He would say: "Oh! How great is the Priesthood! It can be properly understood only in Heaven... if one were to understand it on this earth one would die, not of fright but of love!" (Abbé Monnin, *Esprit du Curé d'Ars,* p. 113). Moreover, as a little boy he had confided to his mother: "If I were to become a priest, I would like to win many souls" (Abbé Monnin, *Procès de l'ordinaire,* p. 1064). And so he did. Indeed, in his pastoral service, as simple as it was extraordinarily fertile, this unknown parish priest of a forgotten village in the south of France was so successful in identifying with his ministry that he became, even in a visibly and universally recognizable manner, an *alter Christus,* an image of the Good Shepherd who, unlike the hired hand, lays down his life for his sheep (cf. Jn 10: 11). After the example of the Good Shepherd, he gave his life in the decades of

his priestly service. His existence was a living catechesis that acquired a very special effectiveness when people saw him celebrating Mass, pausing before the tabernacle in adoration or spending hour after hour in the confessional.

Therefore the centre of his entire life was the Eucharist, which he celebrated and adored with devotion and respect. Another fundamental characteristic of this extraordinary priestly figure was his diligent ministry of confession. He recognized in the practice of the sacrament of penance the logical and natural fulfilment of the priestly apostolate, in obedience to Christ's mandate: "if you forgive the sins of any, they are forgiven; if you retain the sins of any, they are retained" (cf. Jn 20: 23). St John Mary Vianney thus distinguished himself as an excellent, tireless confessor and spiritual director. Passing "with a single inner impulse from the altar to the confessional", where he spent a large part of the day, he did his utmost with preaching and persuasive advice to help his parishioners rediscover the meaning and beauty of the sacrament of Penance, presenting it as an inherent demand of the Eucharistic presence (cf. *Letter to Priests for the inauguration of the Year for Priests*).

The pastoral methods of St John Mary Vianney might hardly appear suited to the social and cultural conditions of the present day. Indeed, how could a priest today imitate him in a world so radically changed? Although it is true that times change and many charisms are characteristic of the person, hence unrepeatable, there is nevertheless a lifestyle and a basic desire that we are all called to cultivate. At a close look, what made the Curé of Ars holy was his humble faithfulness to the mission to which God had called him; it was his constant abandonment, full of trust, to the hands of divine Providence. It was not by virtue of his own human gifts that he succeeded in moving peoples'

hearts nor even by relying on a praiseworthy commitment of his will; he won over even the most refractory souls by communicating to them what he himself lived deeply, namely, his friendship with Christ. He was "in love" with Christ and the true secret of his pastoral success was the fervour of his love for the Eucharistic Mystery, celebrated and lived, which became love for Christ's flock, for Christians and for all who were seeking God. His testimony reminds us, dear brothers and sisters, that for every baptized person and especially for every priest the Eucharist is not merely an event with two protagonists, a dialogue between God and me. Eucharistic Communion aspires to a total transformation of one's life and forcefully flings open the whole human "I" of man and creates a new "we" (cf. Joseph Ratzinger, *La Comunione nella Chiesa,* p. 80).

Thus, far from reducing the figure of St John Mary Vianney to an example albeit an admirable one of 18-century devotional spirituality, on the contrary one should understand the prophetic power that marked his human and priestly personality that is extremely timely. In post-revolutionary France which was experiencing a sort of "dictatorship of rationalism" that aimed at obliterating from society the very existence of priests and of the Church, he lived first in the years of his youth a heroic secrecy, walking kilometres at night to attend Holy Mass. Then later as a priest Vianney distinguished himself by an unusual and fruitful pastoral creativity, geared to showing that the then prevalent rationalism was in fact far from satisfying authentic human needs, hence definitively unliveable.

Dear brothers and sisters, 150 years after the death of the Holy Curé of Ars, contemporary society is facing challenges that are just as demanding and may have become even more complex. If in his time the "dictatorship of rationalism" existed, in the current epoch a sort of

"dictatorship of relativism" is evident in many contexts. Both seem inadequate responses to the human being's justifiable request to use his reason as a distinctive and constitutive element of his own identity. Rationalism was inadequate because it failed to take into account human limitations and claims to make reason alone the criterion of all things, transforming it into a goddess; contemporary relativism humiliates reason because it arrives de facto at affirming that the human being can know nothing with certainty outside the positive scientific field. Today however, as in that time, man, "a beggar for meaning and fulfilment", is constantly in quest of exhaustive answers to the basic questions that he never ceases to ask himself.

The Fathers of the Second Vatican Council had very clearly in mind this "thirst for the truth" that burns in every human heart when they said that it is the task of priests "as instructors of the people in the faith" to see to the "formation of a genuine Christian community", that can "smooth the path to Christ for all men" and exercise "a truly motherly function" for them, "showing or smoothing the path towards Christ and his Church" for non-believers and for believers, while also "encouraging, supporting and strengthening believers for their spiritual struggles" (cf. *Presbyterorum Ordinis,* n. 6).

The teaching which in this regard the Holy Curé of Ars continues to pass on to us is that the priest must create an intimate personal union with Christ that he must cultivate and increase, day after day. Only if he is in love with Christ will the priest be able to teach his union, this intimate friendship with the divine Teacher to all, and be able to move people's hearts and open them to the Lord's merciful love. Only in this way, consequently, will he be able to instil enthusiasm and spiritual vitality in the communities the Lord entrusts to him. Let us pray that through the intercession of St John Mary Vianney, God will give holy

priests to his Church and will increase in the faithful the desire to sustain and help them in their ministry. Let us entrust this intention to Mary, whom on this very day we invoke as Our Lady of the Snow.

*Papal Summer Residence, Castel Gandolfo*
*Wednesday, 5 August 2009*

# *GENERAL AUDIENCE*

## *Pope greets Maltese Altar Servers*

I offer a warm welcome to the English-speaking visitors present at today's Audience, including the Sisters of Saint Anne, the altar servers from Malta, and the pilgrims from Australia and the United States of America. As the Feast of the Assumption of the Blessed Virgin draws near in this Year of the Priest, my catechesis today is centered on Mary the Mother of priests. She looks upon them with special affection as her sons. Indeed, their mission is similar to hers; priests are called to bring forth Christ's saving love into the world.

On the cross, Jesus invites all believers, especially his closest disciples, to love and venerate Mary as their mother. Let us pray that all priests will make a special place for the Blessed Virgin in their lives, and seek her assistance daily as they bear witness to the Gospel of Jesus. Upon you and your families I invoke God's blessings of joy and peace!

BENEDICT XVI

*Wednesday, 12 August 2009*

*Papal Summer Residence, Castel Gandolfo*

## ĦAMIS IX-XIRKA - 2009

### Omelija ta' Monsinjur Arċisqof

Ħuti, aħna ġejna bħala komunita nisranija biex niċċelebraw l-aħħar ikla tal-Mulej. Hu ċċellebraha lejliet il-mewt tiegħu. Ried li jiċċelebraha kemm biex juri l-imħabba u jagħmel kuraġġ lid-dixxipli tiegħu li ftit wara kienu se jarawh imsallab, imma wkoll biex iħallilna l-Ewkaristija bħala tifkira tiegħu. Il-preżenza tiegħu ma setgħetx tibqa' fostna bħal dawk li kienu jarawh fi żmienu, u allura huwa tana l-Ewkaristija biex jibqa' magħna: Kristu li qiegħed magħna dejjem fl'Ewkaristija.

X'inhi l-Ewkaristija? L-Ewkaristija hija l-ikla li biha niftakru fil-Mulej għal dejjem. Il-kliem li aħna smajna fit-tieni lezzjoni mill-Ittra ta' San Pawl lill-Korintin: "Xandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi" (1 Kor 11, 26). Minn dak iż-żmien, elfejn sena sal-lum, il-mewt tal-Mulej baqgħet titfakkar f'kull żmien u f'kull post propju permezz tal-Ewkaristija. L-Ewkaristija fiha nifisha hija t-tkomplija, biex ngħidu hekk, tal-Inkarnazzjoni tal-Mulej. Ħa nispjegaha.

Alla l-Missier bagħat lil Ibnu biex ikun bniedem bħalna u dawk li kienu jgħixu fi żmienu kellhom esperjenza personali tal-Mulej Ġesu; kienu kapaċi jarawh, jisimgħuh u kien prezenti fosthom. U Alla l-Imbierek, Alla l-Missier ma riedx li dawk biss ikollhom l-esperjenza profonda tal-Mulej. X'għamel? Għamlilna l-Ewkaristija – min jieħu sehem fl'Ewkaristija jkollu l-preżenza reali tal-Mulej Ġesu, ikun ħaġa waħda miegħu. Dak li fl'Inkarnazzjoni kienet għal bnedmin kollha, fl'Ewkaristija issir tiegħi; fit-tqarbin inkunu jiena u inti u inti li l-Mulej isir parti minna.

U dik il-ġrajja li saret elfejn sena ilu, kienet ġrajja ta' qawwa enormi. Meta ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija minn hemmhekk ħarġet il-qawwa biex l-Ewkaristiji kollha li saru wara, ikunu jistgħu jsibu l-bidu tagħhom f'dik l-aħħar ikla. Qed ngħid dan, għaliex f'dik l-aħħar ikla

Sidna Ġesu Kristu ta l-qawwa lis-saċerdoti ministerjali, dawk li jiġu ordnati saċerdoti, u dik il-qawwa baqgħet tintired minn Isqof għal Isqof, għal saċerdot għal saċerdot sa ma waslet illum. Aħna qegħdin niċċelebraw l-Ewkaristija bl-istess qawwa li ħarġet f'dik l-aħħar ikla tal-Mulej. Ma kien hemm l-ebda mument ieħor meta l-Mulej reġa' tana dik il-qawwa. Bilfors irridu nirtuha minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni, minn dik l-aħħar ikla tal-Mulej.

Izda l-aħħar ikla tal-Mulej hija wkoll manifestazzjoni u bil-mod kif Alla jrid jippreżenta lilu nnifsu u din turik li aħna nwieġbu billi nippruvaw ngħixu bħal ma għex Sidna Ġesu Kristu. Ftakru li fil-Vanġelu Ġesu ma ddejjaqx jgħid: "Jiena l-Mulej u l-Imgħallem" (Ġw 13, 14). Kieku ried biss jagħtina l-Ewkaritija ma kienx jgħid dawn iż-żewġ kelmiet importanti: Mgħallem biex jgħallem, Mulej biex jasal quddiemek, biex imexxik u inti timxi warajh. Ħa naraw ftit kif Sidna Ġesu Kristu huwa Mgħallem u Mulej għalina lkoll.

Se nsemmi ftit riflessjonijiet wara xulxin, ħalli mbagħad nippruvaw ngħixuhom.

**L-ewwelnett:** fl'Ewkaristija Alla wera li jagħti kollox flok jippretendi kollox. Hawn diversi reliġjonijiet fejn Alla hu dak li jippretendi kollox, għaliex għandu l-qawwa. Fil-każ ta' Sidna Ġesu Kristu qal hekk: kif aħna nħarsu lejn Alla l-Imbierek, hu huwa dak li jagħti, mhux jippretendi kollox. Il-kliem ta' Ġesu li smajna: "Ġismi li jingħata għalikom" (1 Kor 11, 24); la jingħata għalikom għaliex Ġesu ried jgħaqqad l-aħħar ċena tiegħu, l-aħħar ikla, propju mal-mewt li kellu fuq is-salib.

**It-tieni Riflessjoni**: Ħafna drabi aħna naraw demm imxerred minħabba xi vjolenza u fiha ma narawx ħlief mewt jew weġgħat jew mard ta' xi ħadd. Sidna Ġesu Kristu għaqqad id-demm imxerred tiegħu mhux biex ikun mewt, imma biex ikun ħajja. Għall-ewwel darba fl-istorja, demm imxerred ma baqax effett ta' vjolenza, imma sar mument ta' ħajja għal bnedmin kollha. Tiftakru fl'Ewwel Lezzjoni tal-

lum, fl'Antik Testment kien hemm diġa ħjiel għax meta kienu ħerġin mill-Eġittu, huma ssagrifikaw ħaruf ta' mogħoz jew ta' nagħaġ, u imbagħad bid-demm tal-offerta tagħhom, meta mesħuha mal-ħajt, setgħu jindunaw li kellhom il-ħelsien permezz tat-tixrid tad-demm (cfr Ez 12, 5-7). Ġesu b'dan it-tixrid tad-demm ifisser ħajja għalija, għalik u għalik.

**It-tielet Riflessjoni:** Din hi kelma li ħafna drabi aħna nassoċċjaw ma' xi ħaġa negattiva. Ħafna drabi meta nisimgħu din il-kelma qaddej, aħna ngħaqqduha ukoll ma' dak li ġġiegħel lil ħaddieħor jaqdi ma' dak li għax għandu l-awtorita, allura jista' jabbuża minn dawk li għandhom jaqdu. Sidna Ġesu Kristu jdawwar din il-kelma u jgħid li fil-każ tagħna, il-qadi - jaħsel riġlejn l-oħrajn - sar att ta' mħabba minflok ta' awtorita jew inkella ta' umiljazzjoni, kultant bla sens. Pietru kien jemmen li Ġesu huwa Alla u f'daqqa waħda dan jarah nieżel quddiemu biex jaħsillu riġlejh. Mhux ta' b'xejn li Pietru – nixtieq li aħna nimxu f'dak l-ispirtu – mhux ta' b'xejn li Pietru meta rah qudiemu ma ridux: 'le jien Alla kbir irrid, mhux Alla li jaħsel ir-riġlejn'. Imma Ġesu kompla jinsisti: jien irrid inkun Alla li jaħsel ir-riġlejn. Għalhekk ngħaqqad mal-kliem li qal Mons. Victor Grech fil-bidu: Knisja jekk ma taħsilx riġlejn, jekk ma jkollhiex dawn l-għemejjel ta' karita u ta' qadi li l-bniedem għandu bzonn, mhix Knisja sħiħa, mhix Knisja li tiċċelebra l-Ewkaristija b'mod sħiħ.

**Ir-Raba' Riflessjoni:** Hi l-importanza ta' dawk li kien hemm madwaru. Kemm hu sabih li aħna meta niċċelebraw, bħalma qed niċċelebraw issa, nieħdu l-kliem ta' Ġesu għalija u għalik. U jgħid hekk: "Hu li kien ħabb 'il tiegħu, ħabbhom għall-aħħar" (Ġw 13, 1). Dak li Ġesu qal, id-dinjita kbira li hu tahom huwa meta jgħid dan il-kliem, Hu li ħabb lil tiegħu, ħabbhom għall-aħħar. Aħna kull darba li niċċelebraw l-Ewkaristija, tajjeb li niktakru dan il-kliem għax il-Mulej iħobbni għall-aħħar, kull darba li aħna niċċelebraw l-Ewkaristija miegħu.

**U l-aħħar riflessjoni.** Aħna bħala bnedmin ħafna drabi nistgħaġbu bl'affarijiet il-kbar u niddisprezzaw l-affarijiet iż-żgħar, Ġesu kemm-il darba qaleb dan il-mod ta' raġunar. Fejn naf jien, aħna ġejna f'din il-Knisja, għandna din il-Knisja sabiha, kbira, lilna timpressjonana, Ġesu li tana mhux din il-Knisja kbira, li tana hija dik li minn hawn u ftit ieħor hi l-Ewkaristija, żgħira daqshekk, li se tidħol ġewwa fina. Dak li tana l-Mulej – hemm il-kobor. Mur għidilhom lil dawn it-turisti, min ma jemminx, li aħna l-kobor tagħna qiegħed propju fl-Ewkaristija, fit-tabernaklu fejn jinsab il-Mulej Ġesu.

Mela nagħlaq b' żewġ ħsibijiet. L-ewwelnett, kemm hu sabih li aħna jkollna din l-idea sabiha tal-quddiesa. Ħafna drabi jkun hemm ħafna nsara li qisu joqogħdu mingħajr il-quddies u jgħidu - mhux xorta ma nistax nitlob fil-kamra? Jekk tiftakar dak il-kliem li qal il-Mulej Ġesu propju fl-aħħar ċena, u qal "Għamlu dan b'tifkira tiegħi", aħna nkunu qed nobdu lil Mulej biex jiena u intom nkunu qed inkomplu dan il-kmand tal-Mulej li nkomplu dak li għamel hu elfejn sena ilu. Kemm hu sabih li int taf li kull darba li ġejt il-quddies, ġejt għax il-Mulej qallek: 'isma' kompli għamel dan b'tifkira tiegħi'.

U t-tieni ħaġa u ngħaqqad ma' dak li semmejt fl'omelija. Kemm hu sabih li Ġesu mhux biss tana l-Ewkaristija – setgħa tahilna u daqshekk, tkun miktuba – imma urina kif aħna nħejju ruħna għall-Ewkaristija, kif ħejja għaliha hu: b'imħabba, komunjoni, qadi, importanza għall-affarijiet zgħar. Jalla dawn l-affarijiet li Ġesu uriena fil-Vanġelu tal-lum ikomplu jbiddlu lili u lilkom ukoll biex anke f'dan insibu t-tagħlim tal-Mulej.

9 ta' April, 2009

# IL-ĠIMGĦA L-KBIRA - 2009

## Omelija ta' Monsinjur Arċisqof

Ħuti naħseb li hemm ħafna modi kif aħna nistgħu nħarsu lejn ir-rakkont tal-Passjoni tal-Mulej, imma jiena ħsibt li llum nistgħu narawha taħt id-dawl u allura nistgħu naraw id-diżppunt ta' Ġesu għaliex kienet tfisser ħafna nuqqas ta' twemmin fih. U l-Vanġelu li għadna kif qrajna nistgħu ninterpretawha bħala s-sinjal ta' ħafna nies li ma riedux dak li kien Sidna Ġesu Kristu.

Kellna l-ewwelnett lil Ġuda, dak li ċaħad lil Mulej. Ġuda ma emminx fil-kliem tal-Mulej li hu kien il-Messija u allura fittex modi oħra biex hu jkun jista' jisfrutta l-ħbiberija li kien tah il-Mulej Ġesu. Kien in-nuqqas ta' twemmin li Sidna Ġesu Kristu kellu l-mod tiegħu kif ikun il-Messija, is-Salvatur u allura Ġuda ttradih.

It-tieni persunaġġ kien Pietru li mbagħad wara kellu jkun l-ewwel kap tal-Knisja ta' Sidna Ġesu Kristu. U Sidna Ġesu Kristu lil Pietru kemm-il darba qallu: 'Pietru lili għad tarani msallab'. U Pietru ma emminx il-kliem tal-Mulej Ġesu, u għalhekk meta wasal il-mument, għax ma emminx, Pietru silet is-sejf u mingħalih li se jbiegħed lil Sidna Ġesu Kristu minn dak li kellu jbati. U Sidna Ġesu Kristu qallu dan il-kliem: "Forsi l-kalċi li tani Missieri m'għandiex nixorbu?" (Ġw 8, 11). U reġa qal lil Pietru u Pietru wara emmen li s-salib ma kienx impost fuq Sidna Ġesu Kristu, imma li Ġesu ħalla lilu nnifsu f'idejn dawk li riedu joqtluh

Għandna lil Pilatu u meta dan kien ifaċċjat mill-Mulej Ġesu għalkemm għamel il-mistoqsija: "X'inhi l-verita?", kien jaf x'inhi l-verita u skopriha dak il-ħin. Tant hu veru li dak il-ħin stess Pilatu setgħa jgħid; "Jien ma nsibx ħtija fih" (v 38). U għaliex Pilatu kien jemmen aktar fil-biża' tiegħu mill-Lhud, x'setgħu jagħmlulu fil-poter tiegħu, milli kellu rispett lejn il-verita, ħasel idejh u lil Ġesu, il-verita, ħallih biex ikun jista' jissallab.

U għandna wkoll lill-Lhud u lil dawn il-Lhud Sidna Ġesu Kristu kien offrilhom il-verita. Qalilhom: 'Jiena l-Iben t'Alla, jiena li ġejt fostkom'. U kien igħinhom b'ħafna modi, u għamel il-mirakli biex jindunaw li dak li kien hemm quddiemhom ma kienx bniedem biss imma l-Iben t'Alla li sar bniedem. U l-Lhud mhux talli ma semgħux u ma aċċettawx u ma emmnux din il-kelma ta' Sidna Ġesu Kristu, imma għamluha bħala dagħwa li fuqha riedu jixluh. Immaġinaw il-qalb ta' Ġesu li l-ewwel il-ferħ tiegħu kien li fl-aħħar se jgħidilhom li se jagħtihom id-dinjita kollha għax l-Iben t'Alla ġie fosthom, imbagħad jisma', kif smajna fil-Passjoni ta' Sidna Ġesu Kristu u jakkuzawh propju f'dak li huwa verament l-Iben t'Alla. Fil-fatt l-akkuża li ġabu kontrih kienet din: "għax għamel lilu nnifsu Bin Alla" (Ġw 19, 7). Mela t-traġedja kollha li aħna smajna f'dan id-dramm tal-Passjoni tal-Mulej, aħna nistgħu norbtuh mal-mod li aħna nħarsu lejn il-verita kif irid jippreżentahielna Sidna Ġesu Kristu, naċċettawhiex jew le.

U jiena xtaqt nagħmel żewġ proposti ta' verita. L-ewwel waħda mill-Ewwel Lezzjoni ta' Isaija, u t-tieni waħda mit-Tieni Lezzjoni li kienet mill-Ittra lil-Lhud. Fil-profeta Isaija rajna li Isaija waqt li qed jipprofettizza dak li kellu jbati l-qaddej t'Alla u li dan aħna nirreferuh għal Sidna Ġesu Kristu, huwa ma setax jifhem kif tista' tgħaqqad is-sbuħija ta' Alla l-Imbierek, il-kobor ta' Alla l-Imbierek ma' dak li kien hemm qed jidher quddiemu, dak li lanqas kien jidher li huwa bniedem. U l-verita hi din: li aħna meta nħarsu lejn Sidna Ġesu Kristu, aħna m'aħniex qegħdin inħarsu lejn Alla fih innifsu imma lejn Alla li tgħabba bid-dnubiet tagħna. Biex ngħidu hekk: iktar milli nħarsu lejn Alla meta naraw lil Ġesu, aktar naraw id-dnubiet tagħna. U min ma jarax id-dnubiet tiegħu u tagħna ma jkunx jista' jifhem kif Alla tbaxxa daqshekk u sar qisu mhux bniedem. Naraw ftit x'qal Isaija:

"Refa' fuqu l-mard tagħna,
tgħabba bin-niket tagħna.
Aħna hsibnih bħal wieħed ikkastigat,
milqut minn Alla u miġjub fix-xejn.

Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubnietna,
misħuq minħabba fi ħzunitna" (Is 53, 4-5).

Meta nħarsu lejn Ġesu msallab irridu nħarsu u naraw lilna. Min ma jasalx għal dak il-punt, ikun qed igħix it-tisħib tal-Mulej Ġesu barra minnu, minflok ġewwa fih.

Allura l-ewwel ħsieb li xtaqt li naqsam magħkom: naħseb waħda mill-aktar affarijiet li biha nistgħu nweġġgħu lil Mulej Ġesu huwa meta aħna ma nqisux id-dnub bħala dnub, meta aħna ma nagħtux l-importanza kollha u d-dlam kollu li hemm kull darba li nidimbu. Għax dak il-ħin qisu nkunu qegħdin ngħidu lill-Mulej Ġesu: imma int għax esaġerajtha, Mulej, id-dnubiet tagħna m'huma xejn. Int ma jmissikx spiċċajt hemmhekk fuq is-salib, għax id-dnubiet tagħna x'inhuma?

Mela l-ewwel riflessjoni, ħuti: quddiem is-salib tal-Mulej Ġesu, ejjew naraw id-dnubiet tagħna, mhux biex nibżgħu, imma naraw id-dnubiet tagħna u nkunu nistgħu neħilsu minnhom. Fit-tisħib tal-Mulej Ġesu wassalna sal-qofol ta' fejn jasal id-dnub tal-bniedem li naslu li aħna nkunu rridu norbtu u noqtlu lill-verita u lil Iben t'Alla.

It-tieni riflessjoni li xtaqt naqsam magħkom hi mit-tieni Ittra lil-Lhud u mill-Ittra lil-Lhud qisu qed jgħid l-istess: Ġesu daħħal fl-eternita anke l-esperjenza tiegħi tat-tbatija, jiġifieri meta reġa rritorna lejn Alla l-Missier li jagħtih glorja hemmhekk ġarr miegħu l-esperjenza tiegħi ta' tbatija, meta bata wkoll bħala bniedem, li allura jġorr it-tbatija kollha tagħna u jgħid hekk: "Għandna qassis li daħal fis-smewwiet... jagħder in-nuqqas ta' ħila tagħna... imġarrab bħalna f'kollox minbarra fid-dnub" u allura jgħid "nersqu qawwija lejn it-tron tal-grazzja" (Lhud 4, 15-16).

It-tieni riflessjoni, ħuti: min jaf kemm inweġġgħu lil Alla l-Imbierek, lil Mulej Ġesu, meta aħna għadna ngorru bi kliem bħal: 'għax għamilli hekk, Alla l-Imbierek, x'għamiltlu jien?' meta ngħaddu

minn xi ħaġa. Hu li ġarr t-tbatija tagħna! Min jaf x'iħoss Alla l-Imbierek meta aħna nirraġunaw: 'min jaf jekk jaħfirlix?' wara dak kollu li huwa ġarr ġewwa fih! Dan huwa kliem li jweġġa' lil Alla l-Imbierek għaliex mhux kliem ta' verita. U allura din hi r-realta li llum irridu noffru lil Alla l-Imbierek. Ejjew nemmnu li Alla l-Imbierek hu Alla ħanin, Alla li jħobbna, li kull darba li nersqu lejh aħna niltaqgħu mal-ħniena kbira tiegħu li huwa tana wirja tagħha b'mod speċjali fuq is-salib.

Biex nagħlaq, ħuti, ħalli nirriflettu kemm hu importanti dak li qed ngħidu issa. Jgħid hekk mill-Ittra lil-Lhud: "Sar awtur tas-salvazzjoni" imbagħad ikompli jgħid: "Għal kull min jisma' minnu" (Lhud 7, 9). Illum għandna proposti b'verita fuq xhiex nibbażżaw il-fidi tagħna. Ejjew inħalluha illum, ħuti, tidħol verament ġewwa qalbna u nħarsu lejn ir-realta tagħna u t'Alla skond il-passjoni li għadna kemm qrajna llum.

10 ta' April, 2009

# IL-VĠILI TAL-GĦID - 2009

## Omelija ta' Monsinjur Arċisqof

Aħna mistiedna flimkien bħala komunita nisranija, għexna t-tbatija u l-mewt tal-Mulej. Għada fil-għodu aħna se niċċelebraw il-qawmien tal-Mulej mill-imwiet. Il-lejla, il-Vġili tal-Għid m'aħniex se niċċelebraw il-qawmien tal-Mulej – dak għada. Aħna qegħdin niċċelebraw il-passaġġ tal-esperjenza tad-dixxipli mill-esperjenza tal-mewt tal-Mulej sa l-esperjenza ta' meta Ġesu Kristu qam mill-mewt u kellhom esperjenza personali tiegħu. Dan huwa lejl tal-passaġġ u aħna ma nistgħux ngħixu dan it-tridu kollu jekk ma nagħtux importanza ħafna lejn dan il-passaġġ, mhux biss il-mewt, mhux biss il-qawmien, imma dan il-passaġġ.

X'kienu qegħdin jagħmlu dawk li kienu madwar Ġesu f'dan il-lejl? Dawk in-nies li kienu ħdejn is-salib ta' Ġesu, l-aktar kuraġġużi, jiena naħseb li kienu qegħdin jagħmlu vġili bil-ħerqa kollha biex l-għada jmorru jidilku l-ġisem ta' Ġesu mejjet. Dan il-lejl għaddewh fi stennija sakemm jiġi sbieħ il-jum biex imorru jidilku l-ġisem mejjet ta' Ġesu: dak biss kien il-ferħ tagħhom. Issa miet, issa għallanqas immorru nagħtu ġieħ il-ġisem mejjet tiegħu.

L-appostli u dawk li ma kienux hemmhekk ma' Ġwanni ħdejn is-salib ta' Ġesu, nistħajjel li dan il-lejl għaddewh f'lejl ta' dwejjaq enormi. Kellhom tamiet daqshekk kbar; kienu lesti li jmutu għal Ġesu. Ftakru f'Pietru li ħareġ is-sejf. Kienu lesti li jmutu għal Ġesu. Li ma kienux lesti kien li jaraw lil Ġesu mejjet – għal dak ma kienux lesti. U allura dan il-lejl għaddewh fi dwejjaq, fi qtiegħ il-qalb liema bħalu. Tant kellhom qtiegħ il-qalb, li l-għada meta dawk in-nisa twajbin iltaqgħu ma' Ġesu rxoxt, lanqas riedu jemmnuhom li veru kien. Ġew żewġ raħħala forsi d-dixxipli ta' Emmaws, qalulhom li ltaqgħu mal-Mulej Irxoxt u xorta ma riedux jemmnuhom. Dan il-lejl għalihom kien lejl ta' dlam, ta' disperazzjoni.

Forsi l-unika waħda li għaliha dan il-lejl ma kienx lejl ta' dlam kienet Sidtna Marija għax ma tidher imkien, la mal-appostli, lanqas ma' dawk in-nisa. Jiena ngħid - dan mhux miktub - l-unika waħda li għexet verament dan il-mument ta' qabel il-qawmien tal-Mulej kienet Sidtna Marija għax fil-għodu kmieni hija ma marritx ma' dawk in-nisa twajba biex jidilku l-ġisem ta' Ġesu. L-unika waħda li għexet dan il-lejl verament tal-istennija tal-qawmien ta' binha Ġesu – l-unika waħda.

Imma allura dan il-lejl kien importanti anke għal dawk in-nies li kienu qed jgħixu dan il-Vġili tal-Għid propju fid-dlam tiegħu għaliex kellhom bżonn li huma jgħaddu mill-passaġġ. Dan il-lejl huwa lejl tal-passaġġ. Dan il-lejl huwa lejl ta' meta aħna għaddejna mill-weġgħa ta' Sidna Ġesu Kristu fil-passjoni sa kemm għada nkunu nistgħu nifirħu bil-qawwa miegħu għaliex issa Ġesu qam.

X'inhu dan il-passaġġ? Aħna dan il-lejl għandna x-xorti li dan il-passaġġ narawh f'tarbija li llum se tirċievi l-magħmudija. Illum se naraw kif il-passaġġ li din it-tarbija se tagħt, aħna wara se narawha l-istess, imma nafu li għandha dan il-passaġġ ta' dan il-lejl. Il-Magħmudija x'inhi, ħuti? Il-Magħmudija m'hi xejn ħlief dik il-qawwa li ħarġet minn Ġesu f'dawn it-tlett ijiem mill-mewt għall-ħajja, issa tiġi applikata, mhux lill-umanita kollha bħal meta Ġesu kien qiegħed fuq is-salib, imma tiġi applikata lil kull persuna li, b'xi mod jew ieħor, taċċetta li tieħu din il-grazzja.

Issa din id-darba l-grazzja tal-Mulej Ġesu bil-Magħmudija, ssir personali, issir tiegħi. Din il-grazzja tkun il-grazzja li nieħu jien u allura titlob risposta. L-ewwel risposta ta' dan il-lejl se jkunu l-ġenituri ta' din it-tarbija. Huma għazlu, huma talbu li din il-grazzja tal-Mulej Ġesu tingħata lit-tarbija tagħhom. U allura din il-grazzja llum se ssir ta din it-tarbija. Se jkun hemm il-magħmudija. Imma l-mogħdija li se jkun hemm f'dan il-lejl dik it-tarbija hi mogħdija ta' grazzja. Il-quddies bl'għajnejn tal-ġenituri, trid tkun mogħdija verament tal-persuna fil-

maturita tagħha. Illum qed nagħtihom f'idejhom din it-tarbija biex issa din il-grazzja li hemm ġewwa fiha, li jkollha minn hawn u ftit ieħor, irawmuha u jkattruha.

Imma t-tieni mogħdija, ħuti, ta' dan il-passaġġ, irrridu nagħmluh aħna lkoll, għax aħna lkoll, snin ilu, irċevejna l-magħmudija. Imma jekk il-Magħmudija ġewwa fina ma tiġġeddidx, il-grazzja ssir bla qawwa. Il-grazzja nkunu qed immewtuha aħna stess. Dan kien minn dejjem, ħuti, aħseb u ara llum meta aħna mdawwrin b'ċivilta li ma tantx tgħinna, b'ċertu sekularizzazzjoni. Għidli ftit, nisrani jekk ma jġeddidx il-grazzja b'sens matur tal-Magħmudija kif se jasal biex jibqa' jgħix is-sejħa tiegħu tal-Magħmudija! Ma jistax! Trid tiġi mmarkata mhux biss fil-mument tal-Magħmudija imma bħal ma se nagħmlu aħna f'dan il-lejl, kull darba li terġa ġġedded u tgħid iva għal dan il-passaġġ.

X'inhu l-passaġġ? Illum kellna diversi simboli. Kemm se nsemmihom biss; ħa nsemmi tlieta. Illum kellna l-passaġġ mil-dlam tal-lejl għal sebħ ta' dawl. U dan hu l-ewwel passaġġ li rridu nagħmlu. Aħna meta konna tgħammidna, poġġew fuqna l-libsa l-bajda, li kienet tfisser il-mixja li wieħed jagħmel flimkien ma' Kristu u skont Kristu. F'dan il-lejl aħna se nagħmlu dan il-passaġġ biex dak li hemm dlam fina jerġa' jsir dawl fi Kristu.

F'dan il-lejl aħna bdejna bin-nar li kien hemm iħeġġeġ. Aħna fil-Magħmudija diġa kellna l-għoti tal-Ispirtu s-Santu li huwa nar u aħna f'dan il-lejl, irridu nagħmlu l-passaġġ: jekk l-Ispirtu ġewwa fina ħallejnih li ma jibqax nar, f'dan il-lejl irridu nagħmlu l-passaġġ. L-Ispirtu s-Santu jrid ikun nar.

It-tielet ħaġa hija x-xemgħa tal-Blandun, li huwa d-dawl ta' Kristu. Aħna meta nagħmlu l-Magħmudija, waħda mis-sinjali tkun: li niftaħlek widnejk biex inti tkun tista' tisma' lil Kristu, il-Kelma t'Alla, u niftaħlek fommok biex ixxandar il-Kelma t'Alla. Jekk dan il-Blandun m'għadux ħaj ġewwa fina, dal-lejl huwa l-lejl tal-passaġġ

biex il-Blandun jerġa jkun id-dawl tal-ħajja ta' kull wieħed u waħda minnha.

Biex nagħlaq, ħuti, se nsemmi biss. Tiftakru kellna d-djaknu qed ikanta hennhekk it-tħabbira tal-Għid? Se nieħu zewġ sentenzi minnha; x'għandu jfisser dan il-passaġġ ta' dan il-lejl għalija u għalikom. Jgħid hekk:

Xi ħtija ħienja kienet,
ladarba stħaqqilha Feddej kbir bħal dan! ...
jalla mela bil-misteru ta' dan id-dawl qaddis,
jinqered il-ħazen, titnaddaf kull ħtija,
jissaffa kull min waqa' fid-dnub,
jimtela bil-ferħ kull min hu mnikket...
X'lejl tabilħaqq ħieni,
meta l-ħwejjeġ tas-sema jingħaqdu ma' tal-art,
dak li hu ta' Alla ma' dak li hu tal-bniedem!

Dan hu l-passaġġ ta' dan il-lejl!

11 ta' April, 2009

# LAQGĦA ma' "PUTTINU CARES" -

## Diskors ta' Monsinjur Arċisqof

Iltqajna bħala komunita nisranija bħal ma ġejna llum, l-ewwelnett biex nirringrazzjaw lil-Mulej talli jidħol fil-ħajja tagħna. Imma t-tieni raġuni għaliex nifhmu li hi importanti daqs tal-ewwel li aħna nitgħallmu ħalli nkunu nistgħu nagħarfu kif ngħixu b'mod nisrani l-mumenti kollha tal-ħajja tagħna. X'tifsira għandha li wieħed jemmen fi Kristu l-mumenti kollha tal-ħajja tagħna. X'tifsira għandha li wieħed jemmen fi Kristu u x'dawl se jitfa fuq l-avvenimenti tal-ħajja tagħna, kbar u zgħar, tal-ferħ jew tat-tbatija.

U llum għadna kemm smajna zewġ lezzjonijiet: l-ewwel lezzjoni, imbagħad il-Vanġelu. Fl-ewwel lezzjoni tal-lum, aħna qed nitkellmu fl-ewwel Knisja wara l-Pentecoste u rajna lil Pietru jfejjaq wieħed li kien magħtub. U għalija din hi l-ewwel indikazzjoni ta' min hu Alla tagħna. Alla tagħna hu Alla, kif irrevelahulna l-Mulej Ġesu, li jibki magħna. Alla tagħna hu Alla li mhux kuntent bit-tbatija u kull darba li jagħmel fejqan huwa biex jagħtina dan il-messaġġ. Aħna meta naqraw il-kelma t'Alla naraw li għamel kollox tajjeb. Mhux se nidħlu f'dettalji imma kien permezz tad-dnub tal-bniedem li dik l-armonija ma baqgħetx, u parti mill-hajja tal-bniedem hi wkoll tbatija. Alla tagħna hu Alla differenti minn, per ezempju, kif jippreżentawh xi reliġjonijiet, anke tribali. Fejn naf jien, ħafna snin ilu, fl'Amerka tan-Nofs kien hemm tribu, kien hemm ċivilizazzjoni u li kienet taħseb li alla jieħu gost jekk taqbad ġuvni u xebba u toffrihomlu. D aqshekk għawwiġna l-idea ta' Alla. Illum S. Pietru li qed ifejjaq irid ifakkarna li Alla qiegħed ma' min qed ibati. Alla qiegħed biex jgħin lil dawk li qegħdin ibatu.

It-tieni riflessjoni li nagħmlu: Jekk Pietru kellu l-qawwa minn għand Alla biex ifejjaq anke lil dan li kien magħtub, allura meta kien il-mument tal-prova ta' Sidna Ġesu Kristu fuq is-salib, għaliex din il-qawwa t'Alla ma dehritx? Għaliex il-qawwa t'Alla ma dehritx biex

Ġesu jeħles minn dik it-tbatija kollha? U t-tweġiba għalina l-insara hija: din ukoll hi wirja, manifestazzjoni tal-imħabba kbira t'Alla. Għaliex? L-ewwelnett għaliex Alla f'Ibnu ried ikun jaf x'inhi t-tbatija tagħna l-bnedmin. Kemm inkunu ferħanin meta naraw lil xi ħadd irid jidħol fit-tbatija ta' xi ħadd ieħor biex igħinu. Alla hekk għamel. Bagħat lil Ibnu, daħal fit-tbatija tagħna biex issa Alla l-Imbierek f'Ibnu jaf x'jiġifieri t-tbatija li aħna nsofru minnha, aħna l-bnedmin.

It-tieni ħaġa għaliex Ġesu kien qiegħed hemmhekk fuq is-salib, hija biex min qiegħed ibati u jemmen, jagħraf li hu qatt m'hu se jbati waħdu għax Ġesu qiegħed fuq is-salib. Aħna m'għandniex Alla li ġie fid-dinja u kien komdu; aħna għadna Alla li ġie fid-dinja u kien skomdu, bħal ma nkunu skomdi aħna, biex meta aħna nkunu skomdi, inkunu qegħdin inbatu, ngħarfu li għandna 'l Alla li qiegħed ibati magħna. Min jaf kemm hemm insara jħarsu lejn is-salib tal-Mulej Ġesu u jsibu l-faraġ tagħhom għaliex Ġesu qed ibati magħhom, jagħtihom motivazzjoni għaliex anke fis-salib, fit-tbatija hemm ħafna valur spiritwali li jgħaqqadna. Fejn naf jien, is-solidarjeta, l-offerta tiegħek innifsek għandha sens spiritwali kultant minn ħaġa li tidher permanent negattiva.

U t-tielet raġuni għaliex Alla l-Imbierek ħalla lil Ġesu fuq is-salib hija biex jgħaddi mill-passaġġ tal-mewt u ma jħallix mewt, għax huwa qam. Għexniha f'dawn il-ġranet. U allura l-mewt hija passaġġ li warajha hemm il-ħajja. Għan-nisrani anke l-mewt mhix telfien biss, imma taħtha hemm zerriegħa li għad trid tinbet. Din hija l-fidi ta' min jemmen, li tana l-Mulej Ġesu.

Fil-Vanġelu tal-lum, fid-dixxipli ta' Emmaws, aħna naraw dan il-misteru kbir tal-Għid tal-Mulej. U dan il-misteru kbir qiegħed għaliex kien hemm dawk id-dixxipli ta' Emmaws; kienu jemmnu f'Ġesu li kienu jarawh tant qawwi u mbagħad rawh fuq is-salib, u f'daqqa waħda fit-triq jiltaqgħu mal-Mulej Ġesu u jgħidilhom: 'Jien għadni ħaj, hemm bzonn li temmnu fil-qawmien'. In-nisrani ma jistax

ikun nisrani jekk ma jemminx li f'dak kollox, inkluż il-mewt, hemm żerriegħa qiegħda biex tinbet. U taħt il-mard, taħt it-tbatija, taħt kollox, xejn m'hu biss dak li jidher, imma taħtu hemm il-ħajja ta' Ġesu li qed jistenna biex tkun tista' tinbet. U din hija l-fidi li aħna ġejna nġeddu llum.

Jien dan xtaqt naqsam magħkom illum, ġejna hawnhekk għal quddiesa ta' radd il-ħajr. U hawnhekk nixtieq li aħna nirringrazzjaw kif Alla jaħdem b'diversi persuni. Ġesu fit-tbatija tiegħu meta kien miexi x'sab bħala persuni li għenuh fit-tbatija tiegħu? U sibt dan l-ezempju li se naqsam maħkom, u nagħtikom dawl taħt dawn iċ-ċirkostanzi.

L-ewwel wieħed li sab fit-triq: kien hemm Xmuni miexi fit-triq u kien hemm is-suldati u qalulu biex jgħin lil Ġesu fis-salib. Nistgħu f'din l-okkazjoni nirringrazzjaw meta Alla jaħdem permezz tax-xjenzjati, permezz tat-tobba, tan-nurses li f'dal-mument Alla jibgħathom biex jgħinu lil min qiegħed ibati? Dawk huma Xmun li flimkien ma' Ġesu ikun qiegħed jgħin lil min qiegħed ibati iġorr is-salib ta' dak il-mument. Nixtieq din l-okkazjoni tal-lum tkun talba u ringrazzjament għalihom għal dak kollu li jagħmlu.

It-tieni ħaġa li għamel, sab il-Mulej Ġesu fuq is-salib u hemmhekk jagħzel lil Marija ommu. F'dak il-mument tant kienet prezzjuza ommu, (missieru Ġuzeppi kien miet), li jagħzel lil Ġwanni biex jieħu ħsiebha. Hanwhhekk nixtieq li l-figura tal-ġenituri toħroġ b'mod speċjali. Kemm hi ħaġa sabiha l-figura tal-ġenituri li jkunu mat-tfal u jkunu ta' konsolazzjoni għalihom. Ħaġa waħda nsemmi – ara taħsbu li l-Madonna kienet taħt is-salib b'kumbinazzjoni. Mhux hekk. Meta Sidna Ġesu Kristu kien għadu żgħir u hija marret fit-tempju, hemmhekk kien hemm Xmun li qal lil Marija: 'sejf għad jinfidlek qalbek'. Jiġifieri b'dak it-tifel int ukoll se jkollok tbati. U dak il-ħin il-Madonna għexet ħajjitha titlob lil Alla l-Imbierek li tkun ħdejn Binha meta jkun qiegħed ibati. Kienet taf li se jbati għax qalilha. Li tkun ħdejn Binha, jiġifieri kienet fuq is-salib għax Alla l-Imbierek sema'

t-talba tagħha biex Binha ma jmutx waħdu. U din hija r-rwol u nixtieq nirringrazzja lill-Mulej għal dan l-pjan kbir tal-familja, taż-żwieġ li huwa ta lill-umanita, dil-konsolazzjoni. Nixtieq nirringrazzja lil-Mulej – grazzi Mulej għall-ġenituri ta' dawn it-tfal b'mod speċjali lilkom li llum qegħdin infakkru, ta' dawn it-tfal li l-ġenituri jkunu ta' sostenn għalikom.

U t-tielet ħaġa: minbarra Marija ommu ħdejn is-salib kien hemm Ġwanni l-Evanġelista, Marija ta' Kleofe, Marija Maddalena, kollha jikkunslaw bil-preżenza tagħhom lil Ġesu li qiegħed ibati. Nista' jien niftakar ukoll f'dawk kollha li mit-tbatija jirnexxilhom joħorġu tant ġenerozita? Jien iltqajt ma' familja, l-ewwel darba meta konna l-Ingilterra fil-"Puttinu Cares" meta ngħid li kien hemm xi ħadd żifinli żifna. Imma dik il-ġenerozita! Illum irrid nirringrazzja 'l Alla li jnibbet tant ġenerozita b'mod speċjali għal min qed ibati. Nixtieq nirringrazzja lil "Puttinu cares" imma mhux biss, hemm oħrajn tafuhom intom fejn il-Mulej jirnexxilu, għax dan hu l-misteru tal-Għid - mhux li Ġesu qam biss – imma li joħroġ tant ġenerozita minn xi ħaġa li fiha nfisha tant tweġġagħlek qalbek. U ta' dan nirringrazzja lill-Mulej.

Qabel ma bdejt il-quddiesa kien hemm xi ħadd qalli b'xi ringrazzjament minn barra lil xi persuna partikolari; dan ir-ringrazzjament għaliex min jaf kemm joħorġu grazzji li aħna ma nagħrfux, mirakli ta' bidla tal-qalb, anke f'dan il-mument. Ejjew nagħmlu att ta' fidi: grazzi Mulej għall-ġid kollu fil-qalb tal-bniedem ta' ħafna minna li ħassew f'dawn il-mumenti. Nirringrazzjakom.

15 ta' April, 2009

# ANNIVERSARJU TAL- PAPA

## Omelija ta' Monsinjur Arċisqof

Eċċellenza Dr George Abela, President ta' Malta
Sinjura Abela,
Onor. Prim Minsitru,
Eċċellenzi

Aħna iltqajna hawnhekk biex infakkru r-raba' anniversarju tal-ħatra tal-Papa Benedittu XVI biex imexxi l-Knisja ta' Sidna Ġesu Kristu u f'dan l-Jum jiġuna ħafna sentimenti.

L-ewwel li nirringrazzjaw lil Alla għad-don tal-Papa fil-Knisja. Alla kien jaf li bħala bniedem, tana l-Kelma, imma kien hemm bzonn ukoll li jkun hemm element ta' għaqda li permezz tagħha il-Knisja tibqa' waħda. U allura mill-bidu nett meta waqqaf il-Knisja, huwa poġġa lil Pietru bħala sinjal ta' għaqda. U llum irridu nibdew billi nirringrazzjaw lill-Mulej propju għall-għerf infinit tiegħu li tana l-Papat li għal elfejn sena sħah il-Knisja, li għaddiet minn bosta esperjenzi differenti, illum tipprezenta lilha nnifisha bħala Knisja waħda, qaddisa u apostolika. Anke għad-don kbir tal-Papat.

It-tieni sentiment li jiġi f'qalbna hu ovvjament li nirringrazzjaw lil Alla l-Imbierek talli għoġbu jagħzel lil Papa Benedittu XVI biex hu jmexxi il-Knisja f'dawn iz-zminijiet. Nixtieq nirringrazzja lill-Mulej għat-tagħlim kbir fuq ħafna suġġetti li hu ta lill-Knisja u permezz tal-Knisja, f'xi suġġetti minnhom, ta dawl anke lil bnedmin kollha. Qiegħed nitkellem fuq it-tagħlim tiegħu dwar li l-Knisja tikber fil-Mulej u dak ikun indirizzat għall-membri tal-Knisja, imma qiegħed nitkellem ukoll fuq id-duttrina tiegħu soċjali li permezz tagħha, il-bnedmin fil-Knisja kollha jistgħu jirriflettu minn dawl ġdid u differenti biex jagħmlu l-għazliet tagħhom.

Nixtieq ukoll nirringrazzja lil Alla l-Imbierek għal dawn

il-vjaġġi twal, tqal li l-Papa Benedittu XVI, li issa għandu 82 sena, qiegħed jagħmel. Qed nitkellem, biex nieħdu daqsxejn ta' ezempju fuq il-vjaġġ li għamel is-sena l-oħra ġewwa l-Awstralja flimkien mażżgħażagħ. Hu kien hemmhekk, jien wkoll inzertajt kont hemmhekk. Kien hemm l-element ta' bniedem ta' dik l-eta, element ta' ħafna ħeġġa u enerġija għaż-żgħażagħ. Il-kelma tiegħu setgħet tħeġġihom għax ġejja minn qalb mimlija bi Kristu. Qiegħed nitkellem dwar il-vjaġġ li għamel dan l-aħar ġewwa l-Afrika fejn huwa ndirizza ħafna problemi fl'Afrika, problemi soċjali, problemi umanitarji u ovvjament, quddiem id-dinja li mhux dejjem hija ġusta, għax hemm diffikulta kbira bejn kontinenti sinjuri u kontinenti fqar, indirizza wkoll din il-problema.

Imma llum b'mod speċjali, jiena xtaqt li naqsam magħkom l-esperjenza, allura tkun esperjenza personali, tas-Sinodu tal-Isqfijiet li kien hemm f'Ottubru ġewwa Ruma. Kien Sinodu li kellu jitratta fuq il-Kelma t'Alla. Kien hemm 270 Isqof mid-dinja kollha u hemmhekk il-Kelma t'Alla ġiet fil-wiċċ. U kien xahar li, biex ngħid hekk, kien l-iktar mument fil-ħajja tiegħi li kont fil-qrib ta' Papa, u kont qrib il-Papa Benedittu XVI. Daqsxejn ta' ħsibijiet - x'joħroġ minnhom.

L-ewwelnett il-fatt li l-Papa kien preżenti għal kważi s-sessjonijiet kollha ħlief meta kien ikollu xi udjenza. U tgħiduli, imma, xi tfisser din? Għalija kienet tfisser ir-rispett li kellu filli jisma' l-Isqfijiet jagħmlu l-interventi tagħhom. Bniedem li ma jkunx umli jgħidlek biżżejjed naqra bil-mod il-mod xi jkunu qalu. Ried ikun presenti bl'attenzjoni kollha, jikteb in-noti fi kważi s-sessjonijiet kollha. U li jolqtok ukoll kien il-mod kif hu kien ikun verament rilassat ma' dawk l-Isqfijiet kollha. Per eżempju wara li kien jgħid it-talba fl'egħluq, jew fil-bidu qabel ma jgħid it-talba dejjem 'Buon Giorno', 'Buona Notte', xi ħaġa li biha uriena lkoll u ħassejna li aħna qegħdin hemmhekk verament f'unjoni biex inservu l-Kelma.

It-tieni ħaġa li verament impressjonatna huwa li hu tkellem darba waħda – bħala l-Kelma, mhux tkellem biex jimponi. U allura

meta kien se jitkellem hu, ovvjament l-Isqfijiet kollha bdejna nċapċpu. Hu beda jgħidilna: "Le, le, le m'hemmx għalfejn, le." Imbagħad d-diskors tiegħu beda hekk, qalilna: "Issa mhux il-Papa Benedittu XVI li se jitkellem, imma Josef Ratzinger". U r-raġuni li qal hekk biex jurina li f'dak il-mument ma kienx qiegħed jitkellem mill-Kattedra imma kien qed jitkellem bħala wieħed mill-Isqfijiet; biex aħna ma nibżgħux minn din il-kelma tiegħu.

U t-tielet ħaġa li mpressjonatni anke f'din il-laqgħa li kellna fis-Sinodu li meta tkellem, tkellem fuq xi ħaġa li hi għal qalbu, anke jsemmiha fil-ktieb *Gesu di Nazareth* u jgħid b'mod speċjali lill-istudjużi: "Il-Kelma t'Alla, il-Ktieb ta' Alla tqisuhx biss bħala xi ħaġa letterarja, jew nippruvaw nikkundizzjonawh f'dak li huwa l-istudju biex ngħid hekk u mandat, li hu mportanti wkoll. Imma aqraw f'sens spiritwali, ħalli tifhmu li min kitbu, kitbu taħt l-ispirazzjoni ta' Alla l-Imbierek biex intom tgħinu lill-bnedmin jiskopru x'ried jgħidilna Alla l-Imbierek hemm moħbi taħt it-test. Laqtitni enormi l-imħabba kbira li biha l-Papa Benedittu XVI f'dan is-sens wera' lejn il-Kelma t'Alla. Wera' li hu aktar jikkonsidra lilu nnifsu bħala l-Qaddej tal-Kelma t'Alla.

U allura jiena għidt meta se nitkellem f'dan l-anniversarju kelli żewġ għażliet: jew nitkellem dwar il-ħajja tal-Papa Benedittu XVI imma dik insibuha kullimkien - taqra' l-gazzetta nkella l-ħajja kollha tiegħu. Jew inkella it-tieni ħaġa: inħalli lil Papa Benedittu XVI illum imexxina biex il-kelma li l-Liturġija tatna tkun il-kelma li tkun immexxiha minnu. Nagħtih id-dinjita – naħseb li kieku kelli ngħidlu: "x'inhuwa l-aktar li inti tixtieq?" jgħidli "li jien inkun dak li ngħinkom tifhmu l-Kelma". U allura li se nagħmel huwa propju dan. Il-Liturġija tal-lum se jkellimna l-Papa permezz ta' siltiet li jien għażilt.

Fil-Vanġelu tal-lum, tiftakru, kien hemm laqgħa personali tal-Appostli ma' Sidna Ġesu Kristu: mingħajru ma setgħux ikunu xhieda tal-Mulej. U biex ikunu xhieda tal-Mulej kellhom l-ewwel l-esperjenza

tal-misteru tal-Għid – Kristu li qam imma li wriehom il-marki tal-passjoni tiegħu. Ma tistax tkun xhieda tal-Mulej Ġesu jekk dan il-misteru ma jidħolx fiċ-ċentru tal-ħajja tiegħek. Tahom l-Ispirtu s-Santu u mbagħad, bħala konsegwenza loġika qalilhom: "Jiena nibgħatkom" (Ġw 20, 21). Ma tirċeviex l-Ispirtu s-Santu għalik biss, għax l-Ispirtu s-Santu hu għotja. Ħa ngħidlkom x'kiteb il-Papa Benedittu fil-Vġili tat-talb maż-żgħażagħ tat-12 ta' Settembru tas-sena l-oħra. Hu qal hekk liż-żgħażagħ u lilna: "Intelaq fl-Ispirtu s-Santu biex issib lil Kristu. L-Ispirtu huwa l-gwida indispensabbli fit-talb, huwa jgħani, huwa l-għajn tal-ferħ veru. L-Ispirtu s-Santu jagħtikom il-qawwa li tersqu lejn il-misteru ta' Alla u jgħinkom tifhmu min hu Alla. Meta jirrevela min hu l-Mulej msallab u li qam huwa jimbuttakom biex tagħtu xhieda għal Kristu. Il-lejla," jgħid liż-żgħażagħ u lilna, "inħalli f'idejkom s-salib ta' Kristu kif esprimih San Pawl: 'ngħid għalija ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux fis-salib ta' Sidna Ġesu Kristu li fih id-dinja msallba għalija u jien għad-dinja.'" Dik parti mill-omelija tal-Papa Benedittu fuq il-Vanġelu.

Fit-tieni lezzjoni aħna kellna lil San Ġwann qiegħed jikteb lill-insara ta' żmienu u lilna. Fl-I ittra tiegħu hu jgħidilna: "dak li se jsalva lilna u lid-dinja hija l-fidi". U l-fidi tfisser, l-ewwelnett esperjenza ta' mħabba li biha tibda tara d-dinja kollha ta' madwarek bl'għajnejn ta' Alla. Mhux ta' b'xejn illum fil-messaġġ tiegħu il-Papa tkellem kontra kull diskriminazzjoni għax dak muhiex in-nuċċali ta' Alla l-Imbierek.

Ngħaddi għal biċċa omelija tal-Papa Benedittu li għamilha fl-I Għasar tal-ftuħ tas-Sena Pawlina fit-28 ta' Ġunju tas-sena l-oħra. "Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl'Iben t'Alla li ħabbna u ta lilu nnifsu għalija. L-egħmejjel kollha ta' Pawlu," jgħid il-Papa Benedittu, "jibdew minn dan bħala ċentru. Il-fidi tiegħu hija l-esperjenza li huwa maqbud minn Ġesu Kristu b'mod personali ħafna. Il-fidi tiegħi hija l-impatt tal-imħabba ta' Alla f'qalbu. Hekk l-istess fidi kienet imħabba għal Ġesu Kristu."

L-ewwel lezzjoni tal-lum meħuda mill-Atti tal-Appostli kienet titkellem fuq l-ewwel komunita tal-insara – kif kienu maqgħudin flimkien. Il-kliem li smajna hija "qalb waħda u ruħ waħda" (Atti 4, 32). Forsi hija l-ikbar sfida għall-Knisja għax hemm l-uman, hemm l-uman li ma jaqbilx ma'xulxin, imma l-ikbar sfida hija li nippruvaw nikkupjaw l-għaqda li kien hemm fl-ewwel komunita nisranija biex inkunu xhieda.

L-omelija fuq hekk tal-Papa Benedittu. Din kienet fl'għasar fil-Konverzjoni ta' S. Pawl u allura ta' din is-sena. U allura kienet ukoll l-egħluq tal-ġimgħa tal-unita. U jgħid hekk: "Huwa biss iċ-ċaħda tagħna nfusna f'din il-konformita ma' Kristu li nistgħu ningħaqdu bejnietna". Qed jgħidilna l-għaqda trid tkun mhux hekk, imma lejn Kristu u lejn il-persuna l-oħra; li nsiru wieħed fi Kristu Rxoxt li ġibilna l-għaqda. L-għaqda li Alla jagħti lil Knisja tiegħu u li għaliha nitolbu, hija naturalment komunjoni fis-sens spiritwali tal-Kelma fil-fidi u l-karita.

Ħuti, biex nagħlaq. Aħna fil-kelma t'Alla nsibu li aħna l-glorja t'Alla. Mhux nagħtu glorja lil Alla, aħna l-glorja tiegħu. Nista' ngħid illum ukoll li l-ikbar glorja li nistgħu nagħtu lil Papa Benedittu XVI huwa li nagħtu każ tal-kelma li jgħid u nippruvaw ngħixuha. Hekk inkunu verament, jekk nista' ngħidha,aħna dik il-glorja tal-Papa Benedittu XVI.

19 ta' April, 2009

## GĦOTI TAL-MINISTERU TAL-LETTORAT

### Omelija ta' Monsinjur Arċisqof

Din iċ-ċelebrazzjoni tal-lum qed tfakkarna fiċ-ċentralita tal-Kelma t'Alla fil-Knisja. Dawn il-ħames żgħażagħ seminaristi l-Knisja se tistitwihom fil-Ministeru tal-Lettorat, jiġifieri se tagħtihom qadi speċjali lill-Poplu ta' Alla permezz tal-qari tal-Kelma t'Alla.

Tant hija ċentrali l-Kelma t'Alla li, bħal ma tafu, f'Ottubru li għadda kien hemm Sinodu tal-Isqfijiet propju fuq il-Kelma t'Alla fil-Knisja. U forsi waħda mill-formoli mportanti li ħarġu minn dan is-Sinodu hija li l-Poplu t'Alla mhux poplu tal-Ktieb imma huwa Poplu tal-Kelma t'Alla. U l-formola li ngħatat kienet din: "L-ewwel kellna l-Kelma. Fil-każ ta' Sidna Ġesu Kristu l-ewwel hu kien il-Kelma li għexha nkarnata; din il-Kelma saret Ktieb li aħna naqraw ħalli nkunu nafu x'għex u għallem Kristu. Imma dan il-Ktieb hu mportanti li ma jibqax Ktieb. U fl-aħħar jerġa jsir Kelma, għaliex ikun jista' jidher fina u permezz tagħna." U l-ministeru, il-medjazzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ tal-lum huwa propju li huma jaqraw il-Ktieb, mhux biss bħala Ktieb, imma bħala Kelma ħajja ħalli min jismagħha jilqagħha u jgħixha.

U tiftakru li fil-Vanġelu tal-lum kien propju dan li aħna smajna. Darba kien hemm kelma għax kien Isaija li għamel l-ewwel kelma u għexha, il-profeta Isaija. Imbagħad Ġesu ħa l-ktieb li kiteb il-profeta Isaija, fetħu u wara li fetħu, il-kelma li qal Ġesu kienet propju: "Dak seħħ illum," (Lq 4, 21). Il-Ktieb reġa sar Kelma f'Sidna Ġesu Kristu. U din hi l-funzjoni tal-kitba – hija forma ta' qadi, ta' medjazzjoni. Fit-tliet lezzjonijiet li aħna smajna llum joħorġu tliet responsabbiltajiet li jiena xtaqt li nsemmi llum.

L-ewwel responsabbilta hija tagħkom quddiem Alla l-Imbierek għax il-Kelma hija tiegħu. It-tieni responsabbilta hija tagħkom quddiem kull persuna li tiġi, għaliex twasslulha l-Kelma. U t-tielet responsabbilta hija l-qadi lejn il-komunita tal-insara li trid timbena

permezz tal-Kelma, kif urina San Pawl. Ħa nerġa nfakkarkom xi smajna u minn fejn ħarġu dawn it-tliet responsabbiltajiet.

Fil-Vanġelu tal-lum għandna Sidna Ġesu Kristu li reġa rrepeta l-Ktieb tal-Profeta Isaija u s-silta li qara' bdiet hekk: "Ikkonsagrani," (Is 61, 1); hu Alla li jibgħat. U llum il-Kelma mhux għax se ssir tagħkom, imma l-Knisja qed tgħaddilkom ir-responsabbilta li hi tagħha uffiċjalment biex intkom tirċevuha minn Alla permezz tal-Knisja. U din ir-responsabbilta quddiem Alla hija kbira, għax il-messaġġ huwa kbir. Skont dak il-qari Sidna Ġesu Kristu fil-Vanġelu permezz tal-profeta Isaija, il-kelma t'Alla, hi, tfisser il-ħelsien, dak li ġejt inxandar, il-bxara t-tajba, id-dawl. Responsabbilta kbira li Alla l-Imbierek lil dawk li se jkun hemm quddiemek, jista' jkun li Alla permezz tiegħek, il-Mulej se jwasslilhom id-dawl, il-ħelsien, dan kollu.

U allura r-responsabbilta rridu neħduha dejjem b'umilta kbira. Il-Mulej irid il-fomm, il-Mulej irid il-qalb biex tkun tista' twassal il-Kelma. Illum il-Mulej qed jgħid lilkom, qed jafdakom biex twasslulu l-Kelma tiegħu li min jaf kemm se jkun hemm persuni meta jisimgħuha, jirċievu l-ħelsien, jew il-bxara t-tajba, jew id-dawl.

It-tieni responsabbilta li intkom qegħdin tieħdu, jew tagħtikom il-Knisja illum isemmihielna l-Profeta Għamos. U din hija r-responsabbilta ta' kif taqraw il-Kelma, b'liema responsabbilta taqraw il-Kelma quddiem dawk li qegħdin jisimgħuha. Għamos jgħid hekk: "Inqiegħed għatx u ġuħ għas-smigħ tal-Kelma" (Għam 8,11). Emmnu li kull min hemm quddiemkom il-Mulej diġa ħadem ġewwa fihom biex ikollhom il-ġuħ u l-għatx għall-Kelma u intom tridu tissodisfaw il-Kelma tal-għatx u l-ġuħ. U dak jagħtikom motivazzjoni qawwija, għaliex il-Kelma ma tistax tkun skont il-burdata tiegħi imma trid tkun skont il-għatx u l-ġuħ tal-persuni li hemm quddiemi. Iktar u iktar għax il-profeta Għamos jgħid: "In-nies li huma quddiemkom, x'uħud minnhom jiġġerrew 'l hawn u 'l hemm, ifittxu din il-Kelma," (cfr Għam 8, 12). Quddiemek jista' jkollok xi ħadd ifittex il-Kelma, u l-Kelma

li huma se jisimgħu minn għandkom se tkun dik li jgħid: 'sibtha fl-aħħar il-Kelma, dan l-għatx, dan il-ġuħ!' Min jaf kemm hemm persuni fid-dinja li mxew wara Kristu għaliex semgħu qari qawwi tal-Kelma t'Alla u dak il-ħin biddlilhom ħajjithom. Għaliex issodisfalhom dik li hi l-prezenza ta' Alla l-Imbierek tal-ġuħ u l-għatx għal-Kelma t'Alla, u rridu nemmnu li l-Mulej ibiddel u jqiegħed f'kull persuna li hawn fid-dinja, mhux f'kull mument imma hemm qiegħda, sakemm tinbet.

U t-tielet responsabbilta, u hawnhekk għandna l-isbaħ għalliem li jista' jkollna fuq il-Kelma, li huwa San Pawl; jgħidilna fuq ir-responsabbilta quddiem il-komunita. Il-kelma hija dik li qed tibni l-komunita biex ikollna qalb waħda u ruħ waħda għax tagħtina dawl ġdid. U San Pawl allura jiddeskrivi lilu nnifsu bħala dak li l-missjoni tiegħu fil-Knisja hija propju illi jaqdi l-komunita, li jaqdi l-Kelma. Araw il-kelma li juza' kemm hi qawwija u zommuha: "Ħerqan li nxandar l-Evanġelju u lilkom ukoll ma nistħix nxandar l-Evanġelju. Naqdi b'qalbi kollha billi nxandar l-Evanġelju ta' Ibnu," (cfr Rum 1, 8). Dan huwa San Pawl, l-ispirtu tiegħu li jagħmlu komunikatur daqshekk qawwi tal-Kelma. U din il-Kelma tiegħu, S. Pawl jgħaqqadha mal-imħabba kbira li għandu mal-komunita li hemm quddiemu. Ma tistax tifridha. M'huwiex attur; attur jgħid il-kelma u daqshekk. Qed jgħid il-kelma għaliex ħierġa mill-imħabba tal-persuni li hemm quddiemu. U jgħid S. Pawl, qed jikteb lir-Rumani: "Nixtieq narakom u naqsam magħkom id-doni spiritwali biex inwettaqkom. Niftakar fikom dejjem fit-talb tiegħi" (cfr Rum 1, 11). Qed jitkellem fuq il-ministeru tiegħu tal-Kelma u jgħaqqadha ma' l-imħabba kbira li għandu li jrid jaqdiha permezz tal-Kelma. U din hija l-ministeru li qegħdin tingħataw illum.

U l-aħħar kelma li jgħid S. Pawl, mhux dejjem niftakruha. Imma S. Pawl jgħid li l-kelma mhix naħa waħda biss, importanti li niftakruha. Il-Kelma mhux li jien nagħti biss. Aħna l-Mulej se jwasslilna l-Kelma u r-riflessjoni fuqha, permezz tal-persuni li hemm quddiemkom li rċevew ukoll l-Ispirtu s-Santu. Hija x-"*sharing*" tal-kelma, l-għatx li jiena nisma' l-ħuti jitkellmu ħalli nitgħallem, jien

min jien, Isqof, saċerdot, hu min hu. U jgħid S. Pawl: "Inqawwu lil xulxin bil-fidi," San Pawl qed jitkellem: "jiena lilkom u intom lili, jiena lilkom u intom lili" (Rum 1. 12).

Jalla, ħuti, u din hi t-talba li se jkollna f'din il-quddiesa: il-Mulej jagħtikom anke llum l-Ispirtu tiegħu biex dik l-istess ħeġġa li ħarġet fil-Pentecoste, il-ħeġġa tal-Ispirtu tkun ukoll f'qalbkom, f'moħħkom, f'fommkom biex ixxandru l-Kelma tiegħu.

27 ta' April, 2009

## ĦAMIS u GĦOXRIN SENA mill-ORDINAZZJONI EPISKOPALI tal-E.T. Mons. Isqof PAWLU DARMANIN

### Omelija ta' Monsinjur Arċisqof

Qegħdin niċċelebraw il-festa tat-Tlugħ fis-sema ta' Sidna Ġesu Kristu, jiġifieri l-Axxensjoni tal-Mulej, u jiena naħseb li hemm għaqda kbira bejn dik il-ġurnata tal-Axxensjoni tal-Mulej u dak li l-Mulej wettaq permezz tal-Isqof Darmanin tul dawn il-25 sena. X'ġara fl'Axxensjoni bit-tlugħ fis-sema tal-Mulej? Ġraw tliet affarijiet importanti fil-mixja tal-appostli biex jieħdu fuqhom il-missjoni tagħhom.

L-ewwel ħaġa li ġrat huwa li huma nfatmu mill-preżenza fiżika ta' Sidna Ġesu Kristu. Wara 40 jum li huwa għamel magħhom, jispjegalhom dak kollu li kien qalilhom qabel, wasal il-jum li huma ma jibqgħux jiddependu iktar fuq il-preżenza fiżika tiegħu.

It-tieni ħaġa li ġrat fl'Axxensjoni hija li Sidna Ġesu Kristu wriehom b'mod ċar għaliex kien ilu dawk is-snin kollha jħejjihom għal dak il-jum. U l-missjoni tagħhom kienet tal-biża: sejjah l-appostli u qalilhom – morru d-dinja kollha, morru fid-dinja kollha xandru l-bxara t-tajba.

U jiena ċert, u din hija t-tielet ħaġa li ġrat, li meta semgħu dik il-kelma twerwru u l-uniku kuraġġ li kellhom kien għaliex hu wegħedhom li huma mhux se jibqgħu weħidhom għaliex kien se jibgħat l-Ispirtu s-Santu li jqawwihom biex ikun Hu fihom mhux huma weħidhom, li jkunu jistgħu iwettqu dik il-missjoni. L-Axxensjoni kien il-jum li fih Sidna Ġesu Kristu pprepara lill-Appostli ħalli fil-Pentecoste huma jkomplu l-missjoni li beda hu, jeħduha fuq spallejhom u jieħdu postu.

U dak li aħna qegħdin niċċelebraw illum huwa kontinwazzjoni permezz ta' dik li aħna nsejħu s-suċċessjoni appostolika ta' dak li sar elfejn sena ilu. Dak li sar elfejn sena ilu, jiġifieri l-wegħda tal-Ispirtu

s-Santu, it-twettiq tal-Ispirtu s-Santu, baqa' jsir minn Isqof għall-ieħor, wieħed wara l-ieħor, qatt ma jaqta'. U ħamsa u għoxrin sena ilu dik il-qawwa kbira tal-Ispirtu s-Santu biex jaqdi l-missjoni tiegħu bħala Isqof, ġiet mogħtija lill-Isqof Pawlu Darmanin. U jiena xtaqt li naqsam magħkom daqsxejn ta' ħsibijiet biex naraw ftit anke fid-dawl tal-Axxensjoni tal-Mulej x'kien ifisser dan kollu anke mill-lezzjonijiet li għadna kemm smajna.

Fl-ewwel lezzjoni tal-lum aħna smajna l-awtur tal-Atti tal-Appostli u qiegħed jgħid li hemm żewġ mumenti – l-ewwel "jiena ktibtilkom". S. Luqa qed jitkellem fuq il-Vanġelu, dak li għamel u għallem Sidna Ġesu Kristu. U b'hekk lill-appostli ried ifakkarhom fit-tliet snin ta' dixxipulat li huma kellhom quddiem il-Mulej. Diġa kienu jafu min hu Alla l-Missier, diġa kienu jafu x'suppost jagħmlu għax kienu dixxipli tal-Mulej. Dak li ġara fil-jum tal-Pentecoste kien li din l-esperjenza kollha ta' dixxipulat, l-Ispirtu s-Santu ħadha f'idejh u issa saret qawwa ġewwa fihom. Ma baqgħetx esperjenza barra minnhom imma saret esperjenza li l-Ispirtu s-Santu jinqeda bihom biex huma jkunu jistgħu jaqdu l-missjoni tagħhom ta' appostli.

U l-istess ħaġa ġrat 25 sena ilu meta l-Isqof Darmanin ħa l-ordinazzjoni tiegħu bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Il-ħajja kollha tiegħu ta' qabel, dak kollu kien bħala dixxipulat biex l-Ispirtu s-Santu issa jbiddlu fl'Isqof Darmanin bħala qawwa biex kollox iservi ħalli jaqdi l-missjoni tiegħu. F'dak il-mument nippretendi, fuq nota personali bħalma ġara' lili, li kollox jibda jseħħ f'din id-dispożizzjoni providenzjali tal-Mulej. Tibda tiftakar fit-tfulija tiegħek, f'dawk kollha, b'mod speċjali l-ġenituri u l-familja li jkunu swew biex huma jagħtuk l-ewwel bażi tal-ħajja nisranija. Tibda tiftakar f'dak iż-żmien meta l-Mulej ikun sejjaħlek għall- ħajja reliġjuża fi ħdan l-Ordni tal-Franġiskani tal-Kappuċċini. Tiftakar fil-mument meta l-Mulej

ġie ġewwa fik bl-Ispirtu tiegħu biex jagħtik il-qawwa tal-ministeru saċerdotali u tibda tqis li dawn kollha kienu biss passaġġ biex jasal għal din il-qawwa li l-Mulej ried jagħtik, din il-missjoni. Naħseb f'dak il-mument tibda tinduna anke b'ċerti ubbidjenzi li kienu tawk is-superjuri tiegħek u tinduna li kollox għen biex tasal hawn. Jekk għażluk bħala Formatur għaliex l-Isqof huwa Formatur; jekk għażluk biex tmur tistudja għaliex l-Isqof irid ikun dak li jgħallem lill-oħrajn; jekk jgħażluk biex tmexxihom, bħal ma kien l-Isqof bħala Ministru Provinċjali, għaliex inti trid tmexxi. Kollox hu sinjal tal-providenza. U dan kollu l-Ispirtu s-Santu fil-mument tal-ordinazzjoni episkopali ħadu f'idejh u tah lil-Mons. Darmanin biex kollox iservi għall-missjoni episkopali tiegħu.

It-tieni ħaġa li rajna fil-Vanġelu tal-lum hija l-kelma tal-Mulej Ġesu: "Morru fid-dinja kollha u xandru l-Bxara t-tajba (cfr Mt 28, 19). U l-kelma kollha kienet – morru fid-dinja kollha. U din ngħaqqadha mal-vokazzjoni missjunarja li kienet qabel l-ordinazzjoni episkopali ta' Mons. Darmanin. Għaliex minn qabel, kemm meta kellu jibqa' hawnhekk għax kellu l-uffiċċju hawnhekk, il-missjoni kienet ġewwa qalbu, sakemm qabel meta spiċċa mill-uffiċċju tiegħu bħala Ministru Provinċjali, seta' jmur bħala missjunarju ġewwa l-Kenja.

Tajjeb li nfakkru xi tfisser missjunarju fil-Knisja. Ftakru f'dawk l-appostli, f'dawk li jien tal-Axxensjoni. L-ewwel kienu tant kuraġġużi – marru mal-Mulej Ġesu saħansitra ġo Ġerusalemm – kien diġa qalilhom ma xiex se jiltaqgħu. Tliet snin iduru warajh, wara l-Mulej Ġesu, jiġifieri kienu tqaċċtu minn dawk li kienu l-għeruq tal-ħajja tagħhom, il-fatt li kienu sajjieda fil-Galilija fejn kienu jgħixu. F'daqqa waħda raw lill-Mulej fuq is-salib. Kif huma tilfu l-fiduċja fil-Mulej meta rawh fuq is-salib, x'għamlu? Reġgħu marru lura lejn il-Galilija. Hemmhekk reġgħu marru lejn il-ħajja ta' qabel tagħhom. Għaliex? Għaliex issa riedu jfittxu s-sigurta, dak kollu li kien il-passat tagħhom. Dak tfisser il-missjunarjeta fil-Knisja: tfisser li inti tkun kapaċi, tneħħi l-għeruq tiegħek minn dak li kien il-passat tiegħek,

titfagħhom fil-Mulej Ġesu u hu jpoġġilek l-għeruq fejn irid hu. Fil-każ tal-ħajja tal-E. T. Mons. Darmanin kienet propju fil-Knisja.

It-tielet fatt li aħna naraw li tgħaqqadna mal-Axxensjoni tal-Mulej hija li l-missjoni tagħhom kienet li jxandru l-Bxara t-Tajba u tafu x'inhi il-Bxara t-Tajba; kien ġie l-Papa Ġwanni Pawlu II u qalha b'tant qawwa hawnhekk f'pajjizna, hija: "Alla jħobbok, ippriedkawha, emmnuha u aċċettawha". Tant hu veru li l-kliem li jgħidilhom Sidna Ġesu Kristu huwa "xandru l-bxara t-tajba lil-ħolqien kollu".

U meta kont qed naqra l-istorja ta' dak li wassal lil Mons. Darmanin biex ikollu din il-missjoni li għandu llum, qrajt din is-silta, forsi qrajtuha intom ukoll. Qabel ma ġiet imwaqqfa d-djoċesi, qabel ma ġiet imwaqqfa l-missjoni , qed nitkellem fis-sena 1966, kien hemm Isqof Lawrenz Bezzole u mar għand il-Papa Pawlu VI u talbu parir u qallu b'dan il-pajjiż fqir, fejn ma tantx hemm insara, għandna nagħmlu missjoni lew le? U l-Papa Pawlu VI qallu hekk: "Iftah malajr imqar biex tagħti tazza ilma lil dawk li jkunu għaddejjin minn hemmhekk". U din kienet il-motivazzjoni biex il-Patrijiet Kappuċċini jagħmlu l-missjoni tagħhom propju f'dan il-post. U allura l-missjoni li għandu f'idejh, li kellhom il-Patrijiet Kappuċċini, issa hija djoċesi, mhux mibnija fuq in-numru tal-insara, iżda biex turi l-imħabba nisranija lejn il-fqar, li ssir sinjal, sagrament tal-imħabba u t-tama f'Alla.

Tiftakru x'qal fil-Vanġelu l-Mulej Ġesu? Il-Mulej kien jaħdem magħhom u jwettaq il-kelma bil-mirakli li kienu jsiru magħom. L-akbar miraklu, ħuti, huwa l-imħabba. M'hemm l-ebda miraklu ikbar mill-fatt li xi ħadd jagħti ħajtu biex iħobb lil ħaddieħor, għax hekk għamel Ġesu, u m'hemm l-ebda miraklu ikbar milli wieħed jikkonverti għall-imħabba, għax ikun ġie muri l-imħabba.

U jien ma nafx daqskemm jaf Mons. Darmanin, imma jiena naħseb li l-ikbar miraklu li Mons. Darmanin qiegħed jagħmel f'dak il-post hija l-wirja tal-imħabba ta' Sidna Ġesu Kristu permezz tal-fqar, ta' dawk li huma ta' reliġjon differenti, l-imħabba li trid tifdi hemmhekk

u tagħmel żerriegħa ta' mirakli. U nirringrazzjaw lil Mulej, naħseb hu jista' jirrakkonta kemm saru mirakli, kif qal il-Mulej Ġesu permezz tal-imħabba.

U r-raba' riflessjoni li xtaqt li naqsam magħkom huwa l-mod tal-Evanġelizzazzjoni kif qed issir, kif kienet issir wara l-Pentecoste meta l-appostli bdew imorru f'postijiet differenti u jibdew jippriedkaw il-Kelma. Tiftakru, per eżempju, S. Pawl x'kien jagħmel? Kien imur f'post, jibda jippriedka, ikollu xi wħud, irawwimhom u jibni komunita ġdida u jħalli f'idejn dik il-komunita biex tkompli l-missjoni li hu jkun beda. U jien naħseb li dak li mbeda mill-misjoni Kappuċċina hija propju dak li sar elfejn sena ilu mill-appostli. Marru hemmhekk fil-faqar tan-numri - min jaf tal-bidu x'kuraġġ kellhom - marru hemmhekk u niżżuħajr 'l Alla fehmu li huma m'humiex qegħdin hemmhekk biex jibqgħu hemmhekk, imma biex il-Knisja li għadha żgħira, jagħmluha b'saħħitha; marru hemmhekk u ħallew warajhom żewġ wirt li huma kbar ħafna. Ħa nuri tal-ewwel li beda. Għandhom il-wirt ta' Knisja kariżmatika b'mod speċjali bil-preżenza tal-Patrijiet Kappuċċini, il-ħajja konsagrata propju hemmhekk. U dik mhux marru u ġew – marru, sabu vokazzjonijiet u qegħdin hemmhekk. Issa hemm preżenza qawwija Kenjana tal-post li qed tagħmel dik il-missjoni li bdew fil-bidu.

It-tieni ħaġa li ħarġet minn din il-missjoni tal-Patrijiet Kappuċċini hi ovvjament li tifforma l-Knisja istituzzjonali. Naħseb li lkoll tafu li fl'ordinazzjoni episkopali ta' Mons. Darmanin, ma kienetx tfisser biss ordinazzjoni episkopali tiegħu. Kienet tfisser ukoll fl-istess ġurnata twaqqif ta' djoċesi ġdida. Miegħu ġab il-qawwa hemmhekk biex ikun hemm territorju ġdid biex ikun jista' jiġi evanġelizzat. U llum naħseb nistgħu ngħidu li anke hemmhekk il-Knisja hi istituzzjonalizzata, għandha l-qawwa biex tkompli. U aħna ġejna hawnhekk biex niftakru f'dan kollu.

Biex nagħlaq ngħid żewġ riflessjonijiet. L-ewwel riflessjoni:

f'anniversarju ftakru ma nkunux qed infakkru dak li ġara f'ġurnata, f'sagħtejn, ftit siegħat, ħamsa u għoxrin sena ilu, imma aħna qed infakkru dak kollu li ġara tul ħamsa u għoxrin sena, kuljum, kull ġimgħa, kull xahar u kull sena, il-mixja li Alla l-Imbierek, fl-Ispirtu tiegħu ikun għamel fil-missjoni ma' l-Isqof Darmanin. Nista' ngħid u nsemmiha, naħseb jista' jidentifika lilu nnifsu, f'dak li aħna smajna fit-tieni lezzjoni tal-lum mill-Ittra lill-Efesin. Naħseb li din hija l-kelma: "X'inhu l-kobor bla qies tas-setgħa tiegħu fina li emminna, skond il-ħila tal-qawwa kbira tiegħu li wera fi Kristu" (Ef 1, 19) u fil-Knisja tiegħu. Naħseb fl-esperjenza tiegħu jista' jara kien il-Mulej li kien miegħu.

It-tieni waħda: Il-motto tal-Isqof Darmanin huwa "Matre Christi ducenti", jiġifieri Sidtna Marija li qiegħda tmexxi. U nista' ngħid illi anke hawnhekk nagħmlu paragun. Fl-istennija tal-Ispirtu s-Santu kien hemm il-Madonna, kienet qiegħda tmexxihom qabel ma jibdew il-missjoni tiegħu. L-Isqof Darmanin għażilha qabel ma beda l-missjoni tiegħu bħala motto. Jien ċert li tul dawn il-ħamsa u għoxrin sena dak li huwa talab bħala tama fil-Madonna twettaq fil-ħajja tiegħu għax kienet preżenti. Din hija l-isbaħ dixxiplu u l-isbaħ appostlu.

F'isimna lkoll, Eċċellenza, aħna nixtiequ nirringrazzjawk ta' dak li int għamilt anke f'isem il-poplu tagħna, il-Knisja f'Malta, f'dan il-post imbiegħed li huwa l-Kenja u aħna nawgurawlek li l-ħidma tiegħek għal dawn is-snin li ġejjin dejjem iktar tkun qawwija bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu bix-xhieda tal-Kelma u tal-fidi tiegħek. Grazzi ħafna.

3 ta' Ġunju, 2009

## SOLENNITA TA' SAN ĠWANN BATTISTA

### Omelija ta' Monsinjur Arċisqof

Ħuti, aħna llum iltqajna anke għaliex dan il-Kattidral huwa ddedikat lil San Ġwann il-Battista biex nagħmlu s-solennita tat-twelid ta' San Ġwann il-Battista. U San Ġwann il-Battista fost il-ħafna ismijiet li tul l-istorja ngħataw lilu, wieħed minnhom kien il-prekursur tal-Mulej, dak li ġie qabel il-Mulej.

U naħseb li dan l-isem jixraqlu għal zewġ raġunijiet prinċipali. L-ewwelnett aħna nafu li San Ġwann il-Battista kien dak li għalaq l-Antik Testment li aħna nistgħu nikkunsidrawh bħala t-tħejjija għall-miġja tal-Messija, u kien dak li fetah dan l-episodju ġdid tad-dinja li issa hija mmarkata bil-prezenza tal-Messija u li aħna nafuh bħala t-Tesment il-Ġdid. Huwa l-għatba bejn dawn iz-zewġ Testmenti.

It-tieni raġuni għaliex naħseb li nistgħu ngħidulu l-prekursur għaliex aħna fih naraw proprju dak li anke fil-mod kif huwa twieled, anke f'dak li huwa għamel, mela mhux biss bil-kliem, kien il-prekursur tal-Mulej. Qiesu jkun hemm ħafna affarijiet li mbagħad Ġesu, biex ngħid hekk, għexhom bil-mod sħih tiegħu.

Ħa naraw x'jgħidulna fuq hekk it-tliet lezzjonijiet tal-lum. Fil-Vanġelu tal-lum (Lq 1, 5-17), aħna smajna fuq il-ġrajja tat-twelid ta' Ġwanni l-Battista minn Elizabetta u Zakkarija. Ħa naraw għaliex kien il-prekursur. Għaliex aħna rajna li Alla l-Imbierek l-ewwel għazel persuni ġusti biex permezz tagħhom jitwettaq it-twelid ta' Ġwanni l-Battista. U meta ġie Ġesu aħna nafu li għazel lil Marija, skont l-anġlu Gabrijel mimlija bil-grazzja, u għazel lil Ġuzeppi bl-istess kelma li kien bniedem ġust għax mit-tajjeb joħroġ it-tajjeb u l-grazzja.

Naraw ukoll li fil-kaz ta' Ġwanni l-Battista, imbagħad f'ta' Ġesu, kollox kien idur madwar l-iva tal-persuni li kienu konċernati biex, permezz tagħhom, jitwieled l-ewwel Ġwanni l-Battista, imbagħad

jitwieled Sidna Ġesu Kristu. Aħna rajn llum kemm kienet tqila l-iva li wara kellu jgħid Zakkarija fuq it-twelid ta' ibnu. Ġie l-anġlu Gabrijel u ma emminx li Alla jista' jagħmel il-miraklu. Forsi li salvatna f'dan kollu kienet Elizabetta li fis-sempliċita tal-fiduċja tagħha aċċettat mill-ewwel dan il-miraklu. Meta naraw il-paragun mal-ħajja ta' Sidna Ġesu Kristu, naraw ukoll l-iva tal-Madonna li kienet iva l-ewwel imqiegħda f'domanda kif jista'jkun dan, imma mbagħad tispiċċa bil-fiduċja sħiħa: "Jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek". U għandna paragun ukoll ma' Zakkarija għax għal Ġuzeppi meta ra li l-għarusa tiegħu Marija, kienet tqila, u ma jafx kif kienet tqila, kellu dak il-mument - fil-fatt kien se jneħħiha bil-moħbi tan-nies - sakemm fl-aħħar dehrlu l-anġlu ukoll u qallu bil-miraklu u mbagħad huwa aċċetta.

Mela għandna zewġ koppji li aċċettaw; Alla ried li jkollu l-kunsens tagħhom biex jitwieled l-ewwel Ġwanni l-Battista imbagħad jitwieled Sidna Ġesu Kristu. B'rizultat aħna għandna dak li soltu jagħmel Alla l-Imbierek u Alla l-Imbierek juri l-misteru tiegħu meta jkun hemm l-impossibbilta, meta l-moħħ tal-bniedem jasal biex ma jifhimx li dik il-ħaġa tkun se sseħħ, allura jseħħ il-miraklu, u jseħħ fil-misteru. Fl-ewwel kaz tagħna aħna għandna lil Elizabetta li kienet imdaħħla fiz-zmien, qatt ma kellha tarbija u allura kien hemm l-impossibbilta li jista' jkollha tarbija. Fil-kaz ta' Sidtna Marija, hija kienet verġni; l-istess mhux suppost li kellha tarbija, u f'dawn iz-zewġ biex ngħid hekk "mhux suppost" hemmhekk daħlet l-Id ta' Alla biex dawn ikunu t-tnejn twelid li saru bl-intervent ta' Alla l-Imbierek, ovvjament fil-kaz ta' Sidna Ġesu Kristu l-iben t'Alla li sar bniedem. B'rizultati Alla l-Imbierek wera li huwa wkoll huwa s-Sid ta' dak li kellu jitwieled.

Fiz-zewġ kazi ma kienux il-ġenituri li għazlu l-isem tat-tarbija tagħhom, imma kien Alla li qalilhom x'għandhom isemmu lil dak it-tarbija. Tafu li fil-kaz ta' Ġwanni riedu jsemmuh isem ieħor għax fil-familja tagħhom hekk kellu, imbagħad Zakkarija li issa beda

jemmen jikteb: "Le, izda Ġwanni jkun ismu" (Lq 1, 60). U l-fatt li ma kienx Zakkarija li tah l-isem imma Alla l-Imbierek li qal lil Zakkarija x'għandu jsemmi lil ibnu, tafu li dan fisser fl'Antik Testment li min jagħti l-isem, dik it-tarbija tkun tiegħu. U allura anke dik it-tarbija, Ġwanni, kienet ta' Alla l-Imbierek għax l-isem tahulu hu. Tafu l-istess storja li kien hemm fuq Sidna Ġesu Kristu. Alla l-Imbierek, kemm lil Marija, kemm lil Ġuzeppi, lit-tnejn qalilhom li jridu ssemmuh Ġesu li tfisser is-salvazzjoni, dak li huwa s-Salvatur. Fiz-zewġ kazi, anke hawnhekk għandna lil San Ġwann Battista jkun il-prekursur fit-twelid tiegħu għal dak li kellu jitwieled sitt xhur wara.

Dawn it-tnejn kellhom il-modi kif jieħdu l-grazzja ta' Alla proprju minn għajn divina. Fil-kaz ta' Sidna Ġesu Kristu li kien diġa l-Iben t'Alla ġo fih innifsu, diġa kellu d-divinita. Allura l-grazzja kienet ġewwa fih. Fil-kaz ta' Ġwanni l-Battista, għandna dik il-laqgħa ma' Sidtna Marija u allura ma' Ġesu li kien fil-ġuf ta' Sidtna Marija u hemmhekk it-tarbija Ġwanni timtela bil-grazzja proprju mill-grazzja li ħarġet bil-qawwa kollha tagħha minn dak li kellu jkun il-Messija, is-Salvatur tagħna. Mela Ġwanni l-Battista kien il-prekursur tal-Mulej; hemm parallel kbir fuq dan l-ewwel mument tat-twelid, l-ewwel ta' Ġwanni, imbagħad ta' Ġesu.

Fl-ewwel lezzjoni tal-lum, aħna kellna silta mill-profeta Ġeremija (1, 4-12), u jgħid hekk: "tmur kull fejn nibagħtek, tgħid kull ma nordnalek". Alla li qed jgħid lil profeta Ġeremija u naħseb li hawn ukoll nistgħu naraw mument fejn Ġwanni l-Battista kien vermanet il-prekursur ta' Sidna Ġesu Kristu anke fil-mod, fl-ewwel mumenti, kif beda l-appostolat tiegħu. Tafu li Sidna Ġesu Kristu qabel ma beda l-appostolat skont ma għandna miktub mill-Evanġelista, kien dak li l-Ispirtu ħadu fid-dezert biex hemmhekk ikun jista' jitqabad mat-tentazzjonijiet tax-xitan, joħroġ rebbieħ, biex miegħu noħorġu rebbieħa aħna. U Ġwanni l-Battista kien ukoll prekursur, għaliex il-missjoni tiegħu kienet bdiet proprju fid-dezert; dak li mar fid-dezert. Tafu li d-dezert huwa post fejn ma ssibtx aljenazzjonijiet, tiltaqa' ma'

Alla u tiltaqa' wkoll max-xitan. U l-espressjoni li għamel qabel ma ġie Ġesu, proprju Ġwanni l-Battista, għalhekk huwa wkoll prekursur, li huwa beda jippriedka mill-esperjenza tiegħu fid-dezert: "isma, indmu u tgħammdu bl-indiema tal-penitenza" (cfr Mt 3, 11). San Ġwamm huwa prekursur għaliex mid-dezert toħroġ il-grazzja li permezz tagħha x-xitan jitwarrab fil-ġenb, sakemm ġie Ġesu u tana l-Bxara t-Tajba. L-ewwel jiġi ttentat Ġesu b'dawk it-tentazzjonijiet li naqraw fl-Evanġelju, biex imbagħad jagħtina l-Bxara t-Tajba li hu ġie biex jagħtina l-grazzja. U dan Ġwanni kien prekursur għax diġa għamel il-magħmudija tal-imdiema, ippriedka l-magħmudija tal-imdiema.

Fit-tieni lezzjoni tal-lum aħna għandna silta sabiha ħafna mill-I Ittra ta' San Pietru (1Pt 1,8-12). Qiegħed ikellem lill-insara. San Pietru 'l Mulej rah bil-għajnejn tal-ġisem tiegħu, imma qiegħed jippriedka għal dawk li issa ma kienux raw lil Ġesu bl-għajnejn tal-ġisem, imma ridu jarawh bil-għajnejn tal-fidi, bl-għajnejn tal-Ispirtu u jgħidilhom hekk lil-insara li qiegħed ikellem: "Ma rajtuhx" lil Ġesu, "imma tħobbuh" bħal ma nagħmlu aħna, "għalkemm ma tarawhx, tifirħu b'ferħ li ma jitfissirx u ma jitqiesx".

U hawnhekk naħseb jien, naraw ukoll f'dak li kien Ġwanni l-Battista bħala l-prekursur ta' dawk kolha li allavolja kienu għadhom ma rawx 'l Mulej, meta jiltaqgħu miegħu, jifirħu. Tiftakru Ġwanni l-Battista mar fid-dezert – tletin sena qagħad jipprepara ruħħu; ma nafux meta mar, imma f'daqqa waħda jiġi l-Mulej, il-Messija. Ġwanni għadu ma raħx, imma diġa qiegħed jippriedka fuq il-Messija li għad irid jiġi. Għadu ma raħx, imma safrattant diġa mimli bih! Għadu ma raħx, imma bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, jinduna min hu. Tiftakru l-laqgħa tiegħu kif kienet? Għax l-Ispirtu kien qallu: "Dak li l-Ispirtu se joqgħod fuqu, fost in-nies kollha, dak hu l-Messija". U meta Ġwanni l-Battista rah, induna li hemm l-Ispirtu fuq Ġesu, induna li kien Sidna Ġesu Kristu. U allura kien il-prekursur, biex ngħid hekk, ta' dawk kollha li, mhux bħall-appostli li raw lil Ġesu u għexu miegħu, imma ta' dawk kollha li wara l-appostli ma rawx lil-Mulej bl'għajnejn

tal-ġisem imma kapaċi jagħrfuh. Dak li aħna aħna.

Biex nagħlaq, ħuti, aħna nafu u se nsemmiha, li l-ikbar unur li għamillu Sidna Ġesu Kristu f'dan il-mument ta' ħajtu Ġwanni l-Battista, meta kien wasal biex jagħlaq il-missjoni tiegħu, għax issa kien ġie l-Messija, huwa ħalla li jiġi mgħammed minn Ġwanni l-Battista (Mt 3, 13-15). Immaġinaw x'ferħ ħass Ġwanni l-Battista meta jgħidlu: "Kif, int se titgħammed minni?" U Ġesu għax kien jaf li l-missjoni tiegħu kienet se tintemm, ried li jagħti importanza lill-missjoni ta' Ġwanni, li hu li ma kellux bzonn, hu stess jiġi mgħammed minn Ġwanni. Ippruvaw immaġinaw x'ħass Ġwannai meta kien qed jgħammed lill-Mulej Ġesu. Hemmhekk daq kemm il-Mulej huwa ħelu, kemm japprezza kull għemil li nagħmlu f'ismu.

23 ta' Ġunju, 2009

# L-EGĦLUQ IS-SENA PAWLINA

## Omelija ta' Monsinjur Arċisqof fil-Kappella tal-Ħġejjeġ,

San Pawl il-Baħar llum qegħdin niċċelebraw l-għeluq ta' sena ta' ħidma, ta' ċelebrazjonijiet, ta' tagħlim, li fiha ċċelebrajna sena li kienet, biex ngħid hekk, mogħtija lil San Pawl u li llum din il-parroċċa qiegħda tiċċelebra l-egħluq ta' din is-sena. U xtaqt li naqsam daqsxen ta' ħsibijiet magħkom dwar xi tfisser Sena Pawlina, b'mod speċjali fi gzira bħal ma hi tagħna li lil San Pawl ħaditu mhux bħal ħaddieħor li ġie jippriedka 'l San Pawl, imma lil San Pawl ħaditu minn San Pawl stess, li l-predikazzjoni li aħna rċevejna kienet proprju mill-fomm l-appostlu San Pawl.

U naħseb li l-ewwel riflessjoni li kont nagħmel hija x'ġara elfejn sena ilu; ma nistgħux nifirduha minn nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. U naħseb elfejn sena ilu, kien hemm tlieta, biex ngħid hekk, realtajiet li ġew flimkien biex aħna qegħdin niċċelebraw illum dan l-anniversarju; u s-sena d-dieħla niċċelebrawh b'mod qawwi wkoll għax is-sena d-dieħla se niċċelebraw l-1950 sena minn mindu aħna nemmnu San Pawl ġie f'Malta fis-sena 60. U allura dawn it-tliet elementi x'inhuma?

L-ewwel element hu li huwa misteru; huwa providenza ta' Alla. San Pawl ġie Malta mhux għax ried. Kieku kien għalih, ma kienx jiġi Malta. San Pawl qatt ma kien ifittex gzira bħal Malta. Jekk ried jippriedka, jippriedka Korintu, belt kbira, jippriedka Ruma, mela fuq gzira ħadd ma jafha, mitlufa? San Pawl ġie Malta, l-ewwel element – misteru għax il-providenza t'Alla iddeċidiet li San Pawl jitlaq minn fejn kien, isalpa kontra r-rieda tiegħu. Kien il-kaptan tal-ġifen, kontra dak li qallu San Pawl li huwa salpa u ġie Malta. U dan huwa misteru li aħna rridu nkomplu ngħixuh bħala misteru. Tifhem għaliex ikun hemm l-anġlu tal-Mulej jgħidlu li trid tmur Ruma, imma għaliex ġie Malta ma nafuhx u dan irridu nkomplu ngħixuh bħala misteru, sinjal li jrid xi ħaġa minna. Il-providenza t'Alla ma tagħmel xejn b'kumbinazzjoni.

Forsi li hija l-missjoni li għal 2000 sena l-Insara Maltin zammew u qed tiġi mogħtija lilna proprju f'din il-ġurnata biex niftakru li hija wirt li rridu nzommuh.

It-tieni element li kien hemm hu li allavolja San Pawl ġie kontra r-rieda tiegħu, ma qagħadtx jissuppervja, ma qalx: ħa noqgħod hawn fil-kwiet, noqgħod vaganza sitt xhur. Ladarba ltaqa' mal-bnedmin, San Pawl ma setax jibqa' kwiet milli jippriedka lil Kristu. Ma setax. U aħna, fl-Atti tal-Appostli ma nsibu mkien fejn naqraw li San Pawl ippriedka, imkien. Li naraw u nafuh ilkoll, hu li San Pawl għamel is-sinjali, il-mirakli f'Malta. L-ewwel kellna tal-lifgħa, imbagħad kellna ta' San Pubbliju, u morda oħra li huwa fejjaq. Tiftakru l-Vanġelu tal-lum? Meta jsiru s-sinjali, il-mirakli, dawn isiru biex iwettqu l-Kelma. Jiġifieri għal San Pawl mhux il-mirakli kienu mportanti, dawk sekondarji. Imma għax permezz tal-mirakli, bdew jistagħġbu u bdew iktar jemmnu fil-kelma tiegħu. Nafu li ppriedka l-Kelma għaliex is-sinjali jsiru biex tiġi ppriedkata l-Kelma. U din hija t-tieni riflessjoni li aħna rridu nagħmlu. U għalhekk naħseb li din is-sena kellna bzonn nagħmlu daqsxejn ta' korsijiet fuq it-tagħlim ta' San Pawl. Għax San Pawl mhux biss ippriedkalna 'l Kristu, imma ppriedkalna 'l Kristu skont San Pawl. Nittama li kien hemm diversi minnkom li b'kurzita, riedu jafu Ġesu għal San Pawl min kien. Imbagħad ikun San Pawl li qiegħed jippriedka lil Kristu llum ġewwa qalbna. Mela dan hu t-tieni element: San Pawl li ma kienx jieqaf – la darba jara l-bnedmin, qiesu kien jinġibed, kif jara bniedem – hu min hu – irid jagħtih il-Kelma. Irid jagħtih; ma setax jibqa' kwiet.

It-Tielet Element li kien importanti wkoll hu mal-Maltin stess. Tiftakru f'dak ir-rakkont li għandna fl'Atti tal-Appostli, li San Luqa baqa' mistagħġeb kif il-Maltin laqgħuh? U naħseb baqa' mistagħġeb għaliex San Pawl jirrakonta kemm il-darba sawtuh, keċċewh u f'daqqa waħda wasal f'din il-gzira, ħadd ma jafha, nies isejħilhom barbari għax suppost ma kienux edukati, u f'daqqa waħda jsibu din l-akkoljenza kollha! U jien it-tifsira li tawni għal din il-kappella, jgħidulha tal-

Ħġejjeġ hi l-Ħuġġieġa ta' San Pawl. Jien kont ngħid mhux il-ħuġġieġa ta' San Pawl biss, kont inzidha daqsxejn għall-ħġejjeġ kollha li l-Maltin kienu jixegħlu kull darba li kien ikun hemm xi ġifen li jkun qiegħed fil-periklu. Nippreferi nwessagħha jien. Jiġifieri mhux b'kumbinazzjoni għax il-Maltin raw lil dawn; min jaf kemm kien hemm nies oħrajn, kemm kien hemm iġfna oħrajn li għerqu u dawn il-Maltin marru jagħmlulhom proprju din il-ħuġġieġa biex dawn ikunu jistgħu isibu daqsxejn ta' dawl. Nippreferi nwessagħha. Il-Maltin kienu laqgħu lil San Pawl b'mod sabih għax kienu jilqgħu lil kulħadd b'mod sabih kull min kien ikun fil-periklu. Dik hija r-realta. Mhux għax kien San Pawl – ma kienux jafu bih u diġa għamlulu ħuġġieġa! Mela mhux għax l-ewwel għamel il-mirakli, imbagħad għamlulu ħuġġieġa; il-ħuġġieġa għamluhielu qabel! U din hija għalina lezzjoni enormi tal-imħabba tagħna lejn il-persuni kollha, anke dawk li jiġu minn barra, anke dawk li huma mtaqqlin, anke dawk li jiġu hawnhekk u aħna jrid ikollna l-istess imħabba.

Allura fil-Maltin naraw f'daqqa waħda għaliex impressjona ruħhu San Pawl u San Luqa. Għaliex raw żewġ affarijiet. L-ewwel raw dak li għidna: il-mod kif kienu jilqgħu lil-oħrajn bl-imħabba. U t-tieni li raw kif bdew jinterpretaw kollox fid-dawl tad-divin. Meta rawh l-ewwel qalu – "u iva dan ġara kif ġara". Meta raw il-lifgħa - interpretazzjoni divina: mela daħal Alla fil-ħajja tiegħu għax dan għamel xi ħaġa ħazina. Ma mietx – interpretazzjoni divina: mela dan ġej minn Alla. Kemm il-darba anke aħna nitfgħuha fuqna, kemm il-darba aħna nonqsu milli ninterpretaw il-providenza divina fl'affarijiet li jiġru madwarna. U ngħidu: "Mulej, int hemm qiegħed"; fil-mument ta' ferħ nersaq lejh, fil-mument ta' tbatija jiena wkoll nersaq lejh u nagħti interpretazzjoni tal-preżenza t'Alla f'ħajjitna. Mela dawn huma ż-żewġ affarijiet li l-Maltin din id-darba, mhux San Pawl, li l-Maltin ħallulna bħala wirt: l-akkoljenza. Min qalbu tingħalaq ma jistax jaċċetta lil Alla għaliex qalbu tkun ibbieset; il-Mulej ma tistax taċċettah hekk.

It-Tieni Riflessjoni. X'ġara wara li San Pawl għamel dawn it-3 xhur? Fl-Atti tal-Appostli, tiftakru x'ġara? Kien hemm xi wħud li mlewlu l-ġifen b'dawk l-affarijiet li kellhom bzonn u bdew jibkuh. Jien ngħid li kien hemm bidla. Mela qabel kien hemm in-nies li ma kienux jafu min hu San Pawl u laqgħuh; it-tieni darba, meta kien sejjer, (interpretazzjoni tiegħi) għandek komunita li diġa kienet iffurmata f'dawk ix-xhur, li kienet tibki għaliex San Pawl li kien l-għalliem tagħha, issa se jħallihom weħidhom. Allura sadanittant f'dawk it-3 xhur San Pawl għamel komunita nisranija. Komunita nisranija xi tfisser wara li ġie San Pawl? Il-poplu Malti nfired, mhux fis-sens ikrah tal-kelma, imma fis-sens sabih. Infired għaliex? Issa ma baqax taħlita. Issa kien hemm komunita nisranija li temmen u l-poplu Malti kollu ma baqax l-istess.

Daqsxejn ta' riflessjoni għal zmienna. Naħseb li bil-mod il-mod, anke aħna rridu nqisu lilna nfusna – din hi waħda mill-bidliet – hemm il-poplu li għadu jemmen totalment f'poplu Malti iktar wiesa'. Ma nistgħux nintelqu. Tiftakru Ġesu meta darba qal: "Isma, jiena ġibt il-firda"? Firda mhux li aħna niġġieldu; il-firda tfisser li aħna rridu mingħajr mistħija, ngħidu: "jiena nisrani, totalment; skuzani ħi, inhobbok kemm trid imma f'din ma nistax inkompli miegħek, f'din jien nisrani". Hekk hi l-firda fis-sens sabih tal-kelma, ħalli mbagħad hu jistaqsik: "allura inti temmen?" Imbagħad ngħidlu x'nemmen jiena u wara, niġu poplu wieħed. Imma din hi l-ewwel waħda –irridu nikbru fiha. Irid ikun hemm komunita nisranija li tingħaraf iktar, inkella jkollna taħlita bħalma kultant jiġri fejn kulħadd jgħid li hu nisrani. Din qed ngħidha b'ħafna mħabba. Dan l-aħħar kien hemm survey fl-Universita, kulħadd qal li hu parti mill-Knisja, imma mbagħad kulħadd taħwida f'dak li qed jgħix.

It-Tieni ħaġa li ġrat. F'dak il-mument meta San Pawl ippriedkalhom dak il-mod ta' ħajja, dawk il-Maltin ma bdewx iħossuhom daqshekk komdi fil-kultura li kellhom qabel għax bdew jagħzlu minnha: din il-biċċa tal-kultura rrid naċċettaha u din il-biċċa

ma naċċettahiex. Allura bdew jagħmlu dik il-mixja spiritwali fejn dik il-kultura bdew jagħzlu minnha u bdew jiffurmaw kultura kristjana differenti li fiha l-Mulej huwa kollox, il-bidu u t-tmiem. Aħna l-kultura tagħna mhiex faċli llum; biex nisrani jgħix f'din il-kultura tagħna bil-messaġġi li jinagħtaw mill-medja, mhiex faċli. Allura t-tieni waħda din aħna rridu f'dawk l-affarijiet li mhumiex tajba fil-kultura tagħna, ma nistgħux inkomplu nħallu lilna nfusna nkunu komdi. Irid ngħid: "dik mhix se twassalni, din se tfixkilni milli nibnu biha kultura nisranija".

Għalhekk irrid nagħlaq ir-riflessjoni tiegħi llum. Jalla din il-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar li għandha dan il-wirt daqshekk uniku fil-gzejjer tagħna, għax mhux Knisja din, imma post fejn ġie San Pawl. Jalla dan il-wirt taċċettawh dejjem iktar bħala komunita parrokkjali hawnhekk u tkomplu tgħadduh anke lil dawk li jiġu warajna għax huwa wirt li huwa prezzjuż.

Ġunju 2009

# PROFESSJONI SOLENNI
# TA' SR CHIARA LAETITIA
## Soru tal-Klarissi

Ejjew naqsmu daqsxejn ta' riflessjoniiet b'mod speċjali tal-Kelma ta' Alla li llum is-Sorijiet stess għazlu biex nidħlu daqsxejn iktar fil-fond fil-misteru li hemm wara dak li se naraw tagħmel Sr Chiara Laetitia.

U naħseb dan kollu rridu npoġġuh fil-kuntest li Alla hu mħabba. Huwa diffiċli għalina, anke meta naqraw il-Kelma t'Alla li dak il-kliem kollu li aħna naqraw fuq il-kwalita tal-imħabba t'Alla naċċettawh. Alla li jaħfer kull darba li nonqsu. Alla li jagħti lilu nnifsu . Nisrani ma jistax ikun nisrani jekk ma jaċċettax lil Alla li qed jipprezenta lilu nnifsu fil-Kelma t'Alla. Ma nistgħux noħolqu lil Alla; irridu naċċettawh fir-Rivelazzjoni tiegħu.

Imma meta taqra l-Kelma t'Alla, kultant tistagħġeb iktar minn dak li Alla jgħid fuqu nnifsu, li Alla jgħid fl'imħabba tiegħu għalina l-bnedmin. Aħna, jien u intkom, il-ferħ tiegħu, bi dnubietna kollha, bil-limitazzjonijiet kollha. Aħna l-poplu tiegħu u l-għaxqa tiegħu. U aħna llum, bħala nsara, irridu ngħidulu: "Mulej, ma narawħx dan, imma rridu nibdew inħarsu lejna u lejn l-oħrajn kif tħares lejhom int u kif għallimtna fil-Kelma tiegħek". Iktar u iktar nistagħġbu meta Alla l-Imbierek, minbarra l-imħabba li għandu għalina lkoll, jasal biex jieħu persuna u jridha għalih innifsu waħdu. Jasal biex il-Mulej ikun irid jidħol f'relazzjoni daqshekk intima li persuna ma tista' zzomm xejn għaliha imma trid tagħti kollox lilu, għax hu taha kollox.

Naraw fl'Antik Testment kemm il-darba – fil-profeti, patrijarki - u anke fil-Ġdid Testment wara Sidna Ġesu Kristu, wara l-appostli, b'mod speċjali tidher fil-ħajja konsagrata. Mela, permezz tal-

professjoni solenni, b'mod speċjali, il-persuna twieġeb, f'dan il-kaz Sr Chiara Laetitia, twieġeb għal din l-offerta ta' Alla l-Imbierek bl-istess ġenerozita u bħal ma Hu ta kollox, hi tagħti kollox. U dan li aħna qegħdin nagħtu xhieda tiegħu llum. U dan id-dawl jgħidilna San Pawl fl'Ittra tiegħu lill-Efesin (3, 14-21), li għadna kif qrajna llum. U jgħidilna hekk: "Tnizzlu l-għeruq tagħkom fl'imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom". Tnizzlu l-għeruq tagħkom! Ma nafx nistax nispjegaha b'dan il-mod imma llum li se tagħmel Chiara Laetitia – l-għeruq tal-ħajja tagħha toħroġhom mid-dinja li aħna nafu u terġa tpoġġihom, l-istess għeruq, imma din id-darba f'imħabba totali ta' Alla l-Imbierek. Nixtieqkom li tifhmu li f'dan il-mument se jsiru żwġ għemejjel mhux biss wieħed. Sr Chiara Laetitia se toħroġ l-egħruq tagħha minn din il-ħajja li aħna ngħixu u se terġa dawn l-għeruq tħawwilhom fir-realta ta' din l-imħabba totali ta' Alla l-Missier.

U aħna nafu li mhux b'kumbinazzjoni Alla jitkellem fuq l-imħabba tiegħu. Fir-rivelazzjoni ta' Sidna Ġesu Kristu aħna nafu li Alla hu mħabba għaliex huwa Trinita Qaddisa. Kif jista' tkun Tliet Persuni f'Alla wieħed u l-qofol tal-ezistenza tiegħek ma jkunx l-imħabba li tgħaqqad u tagħmel ħaġa waħda? Għalhekk l-imħabba għax Alla huwa Trinita Qaddisa.

U allura llum il-professjoni li se tagħmel Sr Chiara Laetitia se tagħmlu fil-kuntest tar-relazzjoni tagħha ma' Alla l-Missier, Alla l-Iben u Alla l-Ispirtu s-Santu. Se nippruvaw nispjegawha fid-dawl tal-lezzjonijiet li smajna.

L-ewwel relazzjoni tibda mir-relazzjoni ma' Alla l-Missier, u r-relazzjoni ma' Alla l-Missier aħna nispjagawha fil-ħajja kontemplattiva. Fl-ewwel lezzjoni mill-Għanja tal-Ghanjiet (2, 14; 3, 9-11), kien hemm dan il-kliem: "Urini wiċċek" din hija l-kontemplazzjoni, "semmagħli leħnek". U biex inti tkun wiċċ imb'wiċċ, aħna llum il-kontemplazzjoni hekk nispjegawha: tħares fiss f'Alla l-Imbierek proprju fil-mument ta' kwiet, mhux timxi minn

punt għall-ieħor. U dik hija l-kontemplazzjoni. U l-kontemplazzjoni, bħalma taf hija don. Mela llum ir-relazzjoni ma' Alla l-Missier se tidħol fik għax il-ħajja tiegħek hija kontemplattiva, jiġifieri, trid tieqaf, tneħħi d-distrazzjonijiet kemm tista' umanament u tiffissa fl'għajnejn ta' Alla l-Missier biex l-imħabba ma tkunx tiegħek bħala esperjenza umana.

It-tieni relazzjoni biex induqu l-imħabba hija ma' Sidna Ġesu Kristu. U Sidna Ġesu Kristu skont San Pawl fit-tieni Lezzjoni jgħid li "jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi" għaliex ir-relazzjoni ma' Sidna Ġesu Kristu hija ċentrali għax biex tgħix din l-imħabba trid tkun dixxiplu tal-Mulej Ġesu. X'don kbir għandek, Sister, li għandek komunita li flimkien qed tipprovdu spazju għal xulxin, fejn Kristu kulħadd jitkellem fuqu, timmmeditaw fuqu, taqraw il-Kelma tiegħu. M'hemmx mod ieħor.

Illum fil-Vanġelu li għażiltu (Ġw19,24-37), takom mudell ta' dixxiplu u l-mudell hija l-Madonna u l-Madonna ħdejn is-salib. U għaliex is-salib? Għaliex jekk kien hemm mument fejn il-Madonna id-dixxipulat tagħha kien verament challenge kien proprju ħdejn is-salib għax hemmhekk semgħet iż-żewġ kelmiet tal-Mulej Ġesu li huma ċentrali: "Aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu". U hemmhekk saret dixxiplu ta' rikonċiljazzjoni tal-umanita ma' Alla l-Missier ma' Ġesu. It-tieni: "f'idejk jien nerħi ruħi, Missier" hija l-professjoni li se tagħmel issa. Mela t-tieni don hija l-mixja lejn il-Mulej Ġesu permezz tal-meditazzjoni, u din id-darba hija permezz tal-meditazzjoni fuq il-Kelma. M'hemmx triq oħra li twasslek għall-esperjenza tal-imħabba.

U t-tielet relazzjoni hija ovvjament ir-relazzjoni mal-Ispirtu s-Santu li ma nistgħux ngħaddu mingħajrha. Fil-fatt San Pawl fl'Ittra lill-Efesin jgħid hekk: "skond il-għana tal-glorja tiegħu" id-don huwa tiegħu, "jagħtikom din il-qawwa tiegħu permezz tal-Ispirtu s-Santu" permezz tal-ispirtu s-Santu u d-doni li jiġu għandna fil-Knisja permezz tal-Ispirtu s-Santu. U allura inti wkoll se tibni r-relazzjoni ta' mħabba

permezz tal-Ispirtu s-Santu. Hemm ħafna modi kif tispjegaha u ngħinkom billi nispjegaha b'dan il-mod. L-Ispirtu s-Santu huwa dak li se jibnik, Sister, bħalma jibni l-ewwel Knisja u jibni lil kull wieħed u waħda minna. Illum inti taf x'se tagħmillu permezz tal-professjoni, tat-tliet voti? Se tipprovdilu vojt – it-tliet voti tal-ubbidjenza, tal-faqar u tal-kastita m'huma xejn ħlief l-ikbar vojt li tipprovdi lil Mulej ħalli l-Ispirtu s-Santu jimlihom bil-grazzja ta' Alla l-Missier. Jekk int illum se tagħmel il-vot tal-kastita jiġifieri se tħalli vojt f'imħabbtek biex filmixja jimlihielek hu. U jekk se tħalli l-ġid fil-ġenb biex jimlihielek bil-ġid tiegħu, bil-mod il-mod, kif jibni l-Ispirtu s-Santu. Jekk illum se tħalli vojt għax m'għandekx pjanijiet, għax l-ubbidjenza dan tfisser: li ma jkollokx pjanijiet għall-futur, biex il-Mulej jimliehulek bil-pjanijiet tiegħu.

Araw x'kelma sabiha kellna llum, Sister, il-Kelma t'Alla, mhux tiegħi, "lil dak Alla li bis-setgħa tiegħu li taħdem fina, għandu l-qawwa li jagħmel kollox bil-wisq izjed" (ara x'qed jgħidlek) "bil-wisq izjed milli aħna nistgħu nitolbu jew naħsbu". Min jaf x'għandu lest għalik, Sister għaliex inti poġġejt lilek innifsek disponibbli għalih?

Nixtieq nagħlaq jien b'daqsxejn ta' ringrazzjament, anke mhux lilek biss, imma għal komunita, għal dak li tirrapreżentaw fil-Knisja. Kull wieħed u waħda minna qed jirrapreżenta xi biċċa mill-ħajja ta' Kristu. Niżżuħajr 'l Alla, il-ħajja kontemplattiva (importanti mhux għalik, qed ngħidu għalina) qed iġġagħlna ninżlu dejjem iktar fil-fond f'dawk il-mumenti ta' Kristu li fih forsi ma nagħtux daqshekk importanza daqs il-mirakli jew it-tagħlim tiegħu, meta Ġesu ma għamel xejn ħlief kien ma' Alla l-Missier, qabel ma kien se jagħmel xi ħaġa.

Ejja nagħtuhom importanza, lil dawn is-sorijiet; qegħdin hawnhekk f'din il-komunita, biex jgħidulna lil dawk il-mumenti fil-ħajja ta' Kristu huma mumenti ċentrali, huma l-mumenti ta' talb. Grazzi lilek, lill-komunita talli intom ukoll qed tgħaddu ma' Kristu

ftit tal-mumenti meta Ġesu kien biss ma' Alla l-Missier, qed jieħu s-saħħa minn għandu biex permezz tiegħu, jgħaddiha għalina. Dik hija l-missjoni tagħkom. Grazzi Sister talli qed toffri din il-għajnuna.

18 ta' Lulju, 2009

## KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA

## TA' SAN MARTIN, IL-BAĦRIJA

### Omelija ta' Monsinjur Arċisqof

Ħuti, l-ewwelnett nixtieq li naqsam il-ferħ tal-komunita residenzjali ġewwa dan il-post tal-Baħrija għal dan il-jum daqshekk imporanti li sewa tant sagrifiċċji għal bosta snin sakemm twettaq.

Kull komunita biex ngħid hekk ċivili, residenza li jkollha fiha element nisrani ma tistax tkun qalbha kwieta qabel ma jkollha post fejn hija tiltaqa'. L-ebda komunita nisranija ma tista timbena jekk hi tibqa' weħidha – nisrani għalih, nisrani ieħor għalih – u ma jkollhiex post fejn tgħid: hawnhekk huwa l-post fejn jiena nħossni verament nisrani. U għaliex jiena naħseb li hemm tliet raġunijiet prinċipali għal dan?

L-ewwel raġuni, li hija ovvja: hemm postijiet madwari fejn jien nista' jkolli ħaġa kulturali jew xi ħaġa oħra kollha b'finijiet. Hawnhekk huwa l-post fejn in-nisrani jista' jiltaqa' mal-Mulej. U għalhekk se niddedikawh lilu; se ngħidulu: "Mulej, b'din il-biċċa rħama stajna nagħmlu biċċa dar għalina; minflok se nagħmluha għalina, se noffruhielek ħalli tkun parti mid-Dar tiegħek"; meta niġu hawnhekk u nafu li se niltaqgħu mal-Mulej.

It-tieni raġuni għaliex hija importanti li f'kull komunita ikun hemm knisja, post qaddis, huwa biex niltaqgħu flimkien u nħossuna komdi li nitkellmu mal-Mulej. Iktar ma jgħaddi ż-żmien, tafu intom iktar minni, iktar forsi qed isir diffiċli li nitkellmu fuq il-Mulej: jien immur fuq il-post tax-xogħol, u jew għax jidħqu bija jew għax jiċċalinġjawni. Hawnhekk huwa l-post fejn l-insara jħossuhom komdi jitkellmu mal-Mulej. Jiena hekk inħossu l-Mulej f'dan it-talb. Inti qed tħossu 'l Mulej għax illum iltqajt ma' xi ħadd u tak il-Kelma u naqsmu bejnietna dik li hi l-fidi tagħna, mingħajr biża ta' xejn. Għax aħna komunita bi spirtu wieħed.

It-tielet raġuni – u f'din irrid niftiehem tajjeb – huwa l-post fejn in-nisrani jibda jiltaqa' u jkun poplu nisrani ġewwa l-poplu, per eżempju, tal-Baħrija. Min jiġi hawnhekk qiegħed jiddistingwi ruħu u jgħid: jiena parti minn din il-Knisja li qiegħda ġol-post tal-Baħrija. Tafu li qed jasal żmien, bil-mod il-mod, fejn hemm xi wħud jgħidulek: "jiena nisrani għax tgħammidt imma qatt ma niġi l-Knisja". Imma allura kif se tingħaraf li inti parti mill-komunita nisranija jekk ma tieħux gost u tiltaqa' magħhom? U din hija l-firda; għalhekk għidtilkom ifhmuni sew, fis-sens li qalha Kristu: ġie biex iġib il-firda. Firda mhux biex ma nħobbux lill-oħrajn, firda biex niddistingwu ruħna, biex inkunu nafu li hawnhekk tiltaqa' komunita nisranija li tħobb lill-poplu tal-Baħrija għax lesta li tagħtih il-Mulej.

U dan il-post li aħna qegħdin fih, aħna ddedikajnih lil-Mulej. U f'dawn il-ġranet, niżżuħajr 'l Alla, bħala poplu tal-Baħrija, anke llum

saru ħafna affarijiet, festi ċebrazzjonijiet u kollha huma sbieħ, għax aħna l-bnedmin irridu niċċelebraw b'mod uman. Illum forsi, f'din il-Knisja, f'din iċ-ċelebrazzjoni se nagħmlu, naħseb li diġa saret imma nġedduha, imma jekk dan il-post offrejnih lill-Mulej, xi jrid il-Mulej li jkun dan il-post? Inkella forsi dak li nagħmlu jogħġob lilna u mhux bilfors jogħġob mija fil-mija lil-Mulej li għalih offrejnih. U naħseb li fit-tliet lezzjonijiet tal-lum jagħtina daqsxejn ta' dawl.

Fl-ewwel lezzjoni (Neħ 8,2-4a.5-6.8-10), aħna rajna dan il-poplu Lhudi li kellu t-tempju mkisser, kien għadu lanqas bnieh – aħna diġa qegħdin pass iktar. Huma ġew mill-eżilju, u l-ewwel ħaġa li għamlu, anke qabel ma bnew it-tempju, kienet li sabu l-Kotba tal-Antik Testment, jiġifieri tal-Kelma tal-Mulej, iltaqgħu fuq barra u hemmhekk bdew jaqraw il-Kelma tal-Mulej. U r-reazzjoni tal-Poplu kienet, kull darba li jisimgħu l-qari, il-kelma tagħhom kienet: Ammen, ammen. Jiġifieri qabel ma bdew il-ġebel, bdew jiffurmaw ruħhom bħala komunita għax kollha riedu jagħmlu r-rieda tal-Mulej.

L-ewwel raġuni, ħuti, inkunu komunita: meta għandna dan il-post sabiħ, niġu hawnhekk, nisimgħu l-istess Kelma, ma nagħżlux minnha u lkoll ngħidu Ammen, ammen, jien se nipprova, bid-difetti kollha tiegħi, se nipprova ngħixha. Imma din se tkun il-Kelma tal-Mulej inkella nkunu Knisja waħda tal-ġebel imma mhux komunita waħda – ma tgħix u ma temminx l-istess ħaġa.

Fit-tieni lezzjoni (Ef 2, 19-22) tal-lum, aħna rajna lil San Pawl qiegħed jitkellem u jagħmel riflessjoni spiritwali. San Pawl qiegħed jitkellem fuq it-tempju, ma jitkellimx fuq it-tempju tal-ġebel, imma qiegħed jitkellem fuq it-tempju li l-ġebliet vera jridu jkunu kull wieħed u waħda minna. Jiġifieri, ħa npoġġiha f'sens daqsxejn stramb, jiġifieri biex it-tempju tal-ġebel ikollu ruħ, jien irrid nagħtih ruħ, u int rrid tagħtih ruh u int trid tagħtih ruħ, inkella l-ġebel spiritwali jkun immermer.

Allura l-vera komunita nisranija x'inhi? Mhux biss dik li tagħmel iċ-ċelebrazzjonijiet, li hija ħafna importanti, imma dik li waqt iċ-ċelebrazzjonijiet, kull wieħed u waħda minna jipprova jimbena f'tempju tal-Mulej. Il-bidla mhux l-ewwel fil-komunita ssir, l-ewwel fija, u fik u fik imbagħad flimkien il-komunita tkun komunita ġdida, verament tempju tal-Mulej. Kull darba li tiġu hawn, ħuti, ħa ngħiduha, tgħixux barra minnkom x'qed jiġri barra, imma għixu x'qed jiġri ġewwa, ġewwa fija waqt li qed nieħu sehem inkella qatt mhu se nkun ġebla ħajja fit-tempju tal-Mulej.

U fil-Vanġelu (Mt 16,13-19) tal-lum għandna lil Sidna Ġesu Kristu u jagħmel mistoqsija li bilfors irid jagħmilha lil kull nisrani u jgħidilhom: imma għalikom jien min jien? Hawn min beda jitkellem minn dak li sama' – għax int Elija, inti hawn, inti hemm. Illum ukoll għandna ħafna mezzi ta' komunikazzjoni soċjali u ħafna drabi nitkellmu minn dak li jgħidulna. Il-veru nisrani għal San Pietru ma jitkellimx minn dak li jisma' imma b'dak li jaf għax ikun daq 'l Mulej. U jkun hemm Pietru f'daqqa waħda jgħidlu: "Int il-Messija, Mulej".

Allura t-tielet ħaġa: Il-Mulej irid li minn dan it-tempju joħorġu persuni li kapaċi jistqarru 'l Mulej bla biża. Kemm hemm insara – hawnhekk nistqarruha quddiem xulxin għax ma nibżgħux, kif immorru barra naqgħu fil-biża - ma jistqarruhx il Mulej li ma jmurx xi ħadd jgħidlek: inti twajjeb u dik il-kelma saret agħar milli jgħidlek li int ħażin; illum li forsi wieħed jgħid li hu ħażin, lanqas jiddejjaq, imma meta jgħidulek twajjeb, nitwerwru minnha. Jew jgħidulek li int qaddis u tibda titwerwer. U llum Ġesu qalilna: "Le, intkom tridu tħossu li jien il-Messija" u ma tiddejjaqx tistqarru.

Ħuti, biex nagħlaq. Jien meta jkun hemm knisja ġdida u sabiha bħalma hi din jiġuni żewġ immaġni quddiem għajnejja. Ġieli nkun fl'Ewropa, fejn inzertajtu intom ukoll, u naraw knisja enormi u sabiha u sinjura, imma vojta - baqgħet mużew! U darba kont qiegħed is-Sudan, hemmhekk għandhom persekuzzjoni wkoll, u jkun hemm

komunita nisranija – m'għandha xejn minn dan il-bini – għandha reċint fil-beraħ, tiltaqa' flimkien mingħajr biża u tistqarr lill-Mulej. Naħseb il-missjoni tagħkom, ħuti: għandkom l-ewwel parti issa, knisja sabiha, imma t-tieni parti hi l-missjoni li llum il-Mulej permezz tiegħi, qiegħed jagħti lilkom. Il-Mulej illum f'din id-dar li hija tant sabiha, iridkom tagħmlu komunita nisranija, qawwija b'saħħitha fil-fidi, kapaċi tingħaraf biex intom tkunu sinjal għal poplu kollu tal-Baħrija, anke għal dawk li ma jiġux 'l hawn imma ghandhom bżonn il-Kelma, u aħna rridu nagħtuhielhom. Din hija l-missjoni. Min jaf kemm saru sagrifiċċji biex tibni l-ħitan, imma naħseb li c-challenge biex tibni komunita nissoponi li huwa iktar diffiċli. Jalla intom ilkoll li tajtu tant sagrifiċċji biex tibnu l-ħitan, issibu qawwa spiritwali fikom infuskom u ma tiddejqux li tkunu ġebel ħaj biex tagħmlu din il-komunita spiritwali li l-Mulej tant ħerqan li dejjem jibni f'kull post fejn jinsab hu.

19 ta' Lulju, 2009

## ERBGĦIN SENA ANNIVERSARJU TAL-PARROĊĊA TA' SAN LUĊIJA

### Omelija ta' Monsinjur Arċisqof

Ħuti, kif għidna fil-bidu tal-quddiesa aħna qegħdin niċċelebraw l-erbgħin anniversarju ta' din il-parroċċa. U naħseb li din il-parroċċa għandha xi ħaġa partikolari li, fejn ħafna parroċċi oħrajn ħadu diversi snin jekk mhux mijiet ta' snin, f'din il-parroċċa ġara kollox fi ftit snin.

F'diversi parroċċi li jien kont fihom, bdew l-ewwel bħala raħal; għaddew diversi snin imbagħad imbniet knisja; għaddew ħafna snin imbagħad saret parroċċa. U naħseb li l-parroċċa ta' Santa Luċija, kważi kważi, kollox sar fi ftit snin. L-ewwel kien hemm ftit nies; dawn żdiedu u saret komunita ċivili, soċjeta ċivili. Għaddew ftit snin u din il-komunita ċivili bdiet tagħti l-identita tagħha bħala komunita nisranija: bdiet tiltaqa', tfittex il-quddies, l-ewkaristija u saret komunita, ngħidulha ekkleżjali – tal-Knisja. Għadda ftit żmien u kien hemm l-isqof li beda jitkellem ovvjament mas-saċerdoti li kienu jamministraw hawnhekk. U l-isqof qal: "Imma din il-komunita għaliex ma nagħmluhiex parroċċa, jiġifieri din il-komunita intkom tridu tieħdu ħsiebha – dik li tfisser parroċċa – intom m'intomx se tibqgħu tiddependu minn parroċċa oħra li tieħu ħsiebkom, lilkom li issa l-komunita ekkleżjali li diġa qiegħda tiltaqa' flimkien madwar il-Kelma t'Alla fl'ewkaristija, sa nagħtikom ir-responsabbilta ta' dawn in-nies kollha li hawn f'San Luċija". U dik tfisser parroċċa.

Parroċċa tfisser żewġ affarijiet: komunita ta' dawk li jemmnu, komunita ta' dawk li jimpenjaw ruħhom u li qed jagħmlu x'jagħmlu biex jimxu wara l-Mulej. Dik hija komunita; mingħajrha ma jistax ikun hemm parroċċa. Imma hija komunita li taf u rċeviet minn għand il-Mulej, permezz tal-isqof li għandha territorju, it-territorju ta' San Luċija, li din il-komunita quddiem il-Mulej tgħidlu: "Mulej, dawn in-nies li qegħdin hawnhekk, aħna se naraw biex f'ismek nagħtuhom

il-Kelma. Komunita parrokkjali ma tingħalaqx hawn; komunita parrokkjali timbeda hawn biex imbagħad twassal il-Kelma lil dawk li mhux qed jersqu lejna biex xi mument ikunu wkoll parti minna. Dik hija li aħna qegħdin niċċelebraw illum.

U jien nixtieq li meta naħsbu fuq dawn l-erbgħin sena naħsbu wkoll ta' kemm ġid spiritwali, ħafna drabi moħbi, li jkun sar mis-saċerdot, mill-kappillan – hawnhekk hawn tliet ex-kappillani u l-kappillan preżenti – li permezz tagħhom imbniet il-parroċċa u tal-ħafna ħidmiet tal-lajċi mgħammdin li permezz tagħhom imbniet il-parroċċa. Xi wħud kienu ħidmiet li kienu jidhru; per eżempju xi ħadd mexxa grupp u dawn jidhru. Imma l-parroċċa mbniet ukoll.... Min jaf kemm kien hemm membri ta' din il-parroċċa, li ġew quddiem Ġesu fl'Ewkaristija u talbu għal din il-parroċċa, u kienu qegħdin jibnuha, għax il-Mulej tefa' xita ta' grazzji fuq din il-parroċċa.

U jien nixtieq li llum infaħħru dan kollu u nirringrazzjaw lill-Mulej għal dan kollu. Imma l-ebda anniversarju li aħna nagħmlu fil-Knisja, meta niċċelebraw aħna bħala poplu nisrani, ma jieqaf fil-passat. Nieħdu daqsxejn ta' eżempju. U jekk aħna qegħdin niċċelebraw il-Qawmien ta' Ġesu, qegħdin niċċelebraw dak li sar elfejn sena ilu, jew għax il-qawmien ta' Ġesu huwa magħna llum? Għax dak li jagħmel differenza fil-ħajja tagħna. U jekk aħna niċċelebraw it-twaqqif tal-Ewkaristija, qegħdin niċċelebraw dak li sar elfejn sena ilu, jew niċċelebraw l-Ewkaristija li għandna magħna llum? Aħna bħala poplu nisrani niċċelebraw il-passat biex ngħixu l-preżent.

U jien nixtieq li f'dan l-anniversarju intkom bħala parroċċa terġgħu tieħdu, biex ngħid hekk, fuq spallejkom – kelma daqsxejn diffiċli li se ngħidilkom – il-fondazzjoni tal-parroċċa, spiritwalment qed ngħid mhux il-bini, u li l-Mulej ngħidulu: "Iċ-ċirkostanzi ta' erbgħin sena ilu nbiddlu fis-soċjeta tagħna f'Malta". Dawk li għandhom l-eta tiegħi jafu kif is-soċjeta imbidlet. Din il-komunita qed nafdahilkom f'idejkom biex intkom tibnuha skont l-esiġenzi tal-

lum. Illum x'għandha tkun parroċċa fir-realta tas-soċjeta li hemm barra? U nibdew naħdmu minn hemm u nibdew neżerċitaw illum ħalli l-parroċċa li ngħaddu għal dawk li jiġu warajna; għaxar snin oħra se jkollna l-ħamsin sena anniversarju u tkun parroċċa ġdida skont il-bżonnijiet tal-lum.

U llum li xtaqt naqsam magħkom dak li tana l-Mulej, il-lezzjonijiet li għadna kif smajna illum. U ma għażilnihomx aħna; huma ta' dak is-sbatax il-Ħadd ta' matul is-sena. U jien għidt: il-Mulej x'irid jgħid lil din il-komunita permezz ta' dawn il-lezzjonijiet? U xtaqt naqsam magħkom dawn il-ħsibijiet.

L-ewwelnett indunajtu li fil-Vanġelu (Ġw 6,1-15) tal-lum għandna t-tkattir tal-ħobż u minn dan stajt noħroġ ftit riflessjonijiet. L-ewwel waħda: tafu li t-tkattir tal-ħobż nikkonsidrawh bħala tagħna minn qabel ta' dak li għamel Ġesu fl'aħħar ċena meta waqqaf l-Ewkaristija. Naħseb il-Mulej illum qed jgħidilkom: "ma tistax tibni komunita jekk ma tkunx iċċentratha fuq l-Ewkaristija". U trid tieħu ħafna iktar qawwa l-Ewkaristija ta' meta niġu flimkien niċċelebraw u neħduha ġewwa fina u nġorruha d-dar magħna. U l-knisja hija l-post viżibbli fejn aħna b'mod speċjali niltaqgħu mal-Mulej

U x'ħadna minn dan ir-rakkont dwar l-Ewkaristija? Naħseb li nistgħu nieħdu żewġ affarijiet. L-ewwel waħda: Qabel ma għamel il-miraklu Ġesu, kien hemm wieħed mill-appostli, Filippu, biex iġarrbu, qallu: "Għidli kif se nagħmlu biex nagħtuhom jieklu lil dawn?" Filippu ma kienx jaf miskin, u ġablu dawk il-ftit ħobżiet u dawk il-ħutiet. Imma Ġesu lil Filippu talbu: "Għini biex nagħmel il-miraklu; jien se nagħmlu". Nista' ngħaddilkom din ir-riflessjoni? Illum il-Mulej qed isejħilkom: "Għinuni biex nagħmel il-miraklu, għinuni għax għandi bżonn tagħkom, l-eżempju tagħkom, il-ħidma tagħkom biex nagħmel dan il-miraklu". U din hija l-ewwel ħaġa li jiena nixtieq nghaddilkom; ħossu l-Kelma ta' Sidna Ġesu Kristu.

It-tieni ħaġa li xtaqt naqsam magħkom hija li f'daqqa waħda lil Ġesu, wara li rawh jagħmel dan il-miraklu, għax raw sinjal, riedu jagħmluh sultan. U Ġesu ħarab. Għax ma fehmux li mhux dak li jidher għal xhiex se jwassal li kienet il-fidi tagħhom fih bħala l-Messija. Billi tiekol biċċa ħobż li jkun tak il-Mulej, x'se jżiedlek spiritwalment? Meta inti tgħaraf li, permezz tiegħu, lil dak li għamel il-miraklu. It-tieni riflessjoni: hemm aspetti fil-Knisja bilfors iridu jkunu jidhru, bilfors – Knisja tal-ġebel, il-ħafna affarijiet li naraw. Forsi Ġesu qed jgħidilna din it-tieni ħaġa: tibqgħux fl-estern ta' dak li taraw. Kull darba li tiġu hawnhekk, Ġesu qiegħed hawn, dak importanti mhux il-ġebla, il-Knisja sabiha. M'għandkomx ħafna xenxil bħal knejjes oħrajn, ħalli iktar tikkonċentraw fil-Mulej. Imma l-Mulej qed igħidilkom: "Warrab dan kollu, għix spiritwalment". Nara x'qed ngħix ġewwa fija flimkien mal-Mulej Ġesu.

Fit-tieni Lezzjoni tal-lum kellna lil San Pawl ikellem lill-Efesin (4, 1-6), u San Pawl jinsisti ħafna li aħna rridu nagħmlu komunita. Agħmlu mistoqsija ġo fikom; ħa nipprova nagħmililkom jiena. Ħafna drabi anke meta nippriedkaw aħna s-saċerdoti, nippriedkaw fuq l-imħabba tal-proxxmu u, mingħajr ma nindunaw, u sewwa nagħmlu, nitfgħuha mill-ewwel fuq l-imħabba tal-fqar. Imma Ġesu, u qed jgħid San Pawl, qabel dik il-kwalita ta' mħabba li trid toħroġ minna, hemm l-imħabba li jrid ikollna bħala komunita nisranija. Meta tiġi hawnhekk, tifrah: ara dawn ħuti, hawn qed nagħmlu l-mixja flimkien, dawn kollha ħuti. Min hemm barra s'issa għadu mhux daqshekk qrib tagħna, imma hawn dawn ħuti kollha! Qegħdin flimkien nagħmlu din il-mixja! Din irridu inkattruha. Ħuti, "Aħmlu lil xulxin fl'imħabba", independentement jaqblux miegħek. L-unika ħaġa hi li aħna komunita ta' San Luċija li qegħdin f'mixja.

Imma San Pawl jgħid tliet affarijiet importanti għalhekk semmejthom fl'att penitenzjali.

1. Mulej wieħed, u aħna lkoll għandna Mulej wieħed, imma

nafu min hu l-Mulej? Il-Kelma ta' Alla naqrawha biex inkunu nafu min hu l-Mulej, imma naf x'qal u x'għamel, jew ma nafx imbagħad minn fuq xi TV kulħadd jgħid tiegħu u jiena nixxejjer mar-riħ? U ppermettuli l-kelma – nibla kollox għax ma nafx il-Mulej. L-ewwel waħda: ma tistax timbena komunita jekk mhux bl'għatx li nsir naf verament min hu l-Mulej u jkolli r-ruħi għatxana għalih ħalli malli nisma xi ħaġa mhux eżatta, inkeċċiha mal-ewwel mhux noqgħod nilgħab.

2. Fidi waħda u fidi x'inhi? Fidi hija nuċċali li minnu nħares u naraw l-istess dak li hemm. Per eżempju, permezz tan-nuċċali tiegħi, nista' nifhem iktar u iktar kristjanament kif jien se ngħix it-tbatija u l-mewt għax Ġesu għexhom. Ma nistax ngħixhom bħal bniedem li ma jemminx. Per eżempju bniedem, hu min hu - jaqbel miegħi, ma jaqbilx miegħi, tal-ġilda tiegħi, mhux tal-ġilda tiegħi, tar-reliġjon tiegħi, mhux tar-reliġjon tiegħi - irrid inħares lejh bħala xbieha ta' Alla. Biex ikollna l-istess nuċċali! Kif nistgħu nkunu komunita jekk ma jkollniex l-istess nuċċali meta nitkellmu ma' xulxin!

3. Magħmudija waħda. U magħmudija waħda tfisser li aħna Knisja waħda, jiġifieri minbarra l-opinjonijiet differenti u ħafna affarijiet differenti, meta niġi hawn bil-magħmudija tiegħi, u tiegħek u tiegħek, qed ngħid waħda hija l-Knisja; din hija responsabbilta, din tfisser magħmudija waħda. Din tfisser inħobbok: għax għandek l-istess magħmudija bħali. Aħna lkoll għandna l-istess magħmudija, l-istess responsabbilta.

U nagħlaq hawn. Il-Mulej f'dawn l-erbgħin sena li ilkom ilkoll tinsabu hawnhekk, naħseb jagħmlilkom proprju din l-isfida, biex insejħulha hekk. Il-Mulej qed jgħidilkom: "Ibnuli Knisja, imma knisja ġdida, ibnuli komunita, imma komunita ġdida skont ir-realta tal-lum". Jalla l-Mulej jagħtikom l-istess enerġija tan-nies tal-ewwel żmien meta bdew dil-Knisja, biex intom ukoll tagħmlu komunita dejjem iktar skont qalb il-Mulej.

26 ta' Lulju, 2009

# ĦAMSA U GĦOXRIN U ĦAMSIN ANNIVERSARJU MILL-PROFESSJONI RELIĠJUŻA TA' XI SORIJIET FRANĠISKANI

Ħuti, kull darba li niltaqgħu bħala komunita nisranija, kif qed nagħmlu llum, aħna r-riflessjoni tagħna dejjem nibdewha mill-fatt li Alla huwa mħabba. U Alla jħobb il-bnedmin b'imħabba tal-għaġeb għax ħalaq lil kull bniedem xbieha tiegħu u permezz tal-magħmudija jagħmlu bin jew bint Alla l-Missier. U Alla l-Imbierek tant iħobb l-umanita kollha li huwa għamel Knisja biex permezz ta' din il-knisja il-bnedmin kollha ikunu jafu lil Kristu.

U lilna bħala komunita nisranija, il-Mulej tana din il-grazzja kbira li fdalna f'idejna dan il-messaġġ biex inwassluh lill-oħrajn. Biex jagħmel dan, Alla l-Imbierek ta lil kull membru tal-Knisja tiegħu, id-dħul fil-Knisja li kien ifisser magħmudija, li tfisser li tmut flok Kristu biex terġa tqum ma' Kristu. U din hija l-grazzja li aħna lkoll - jiena, saċerdoti, il-poplu, intom miżżewġin – nirringrazzjaw 'l Alla tagħha.

Imma Alla l-Imbierek tant iħobb din il-Knisja, din il-komunita tiegħu, li huwa ta żewġ doni kbar ta' qadi mmarkati b'konsagrazzjoni speċjali lil din il-Knisja tiegħu. L-ewwel don huwa d-don tal-ministeru ministerjali, jiġifieri Alla l-Imbierek jagħżel xi wħud mill-membri tiegħu, jagħżilhom bħala saċerdoti, jagħtihom il-grazzja tas-sagrament tal-Ordinazzjoni biex huma jkunu jistgħu jkunu medjaturi bejn il-Poplu t'Alla u Alla l-Imbierek. U dan huwa l-ewwel don.

It-tieni don ta' konsagrazzjoni totali lil-Knisja huwa proprju dak li aħna qegħdin niċċelebraw illum, jiġifieri d-don tal-ħajja konsagrata jew tal-ħajja reliġjuża li Alla l-Imbierek beda u qiegħed ikompli fil-Knisja. Hija s-sejħa li Alla l-Imbierek jagħmel lil xi wħud biex minflok ma huma jagħżlu sejħa li tkun sejħa limitata, jagħtihom din is-sejħa li huma jżommu ruħhom disponibbli għal Mulej biex jużahom kif u meta jrid, biex il-Poplu ta' Alla jkompli jistagħna bix-xhieda tagħhom.

U waqt li aħna qegħdin niċċelebraw l-anniversarju ta' dawn is-sorijiet, nixtieq li dawn il-lezzjonijiet li kienu ta' dan il-Ħadd, inħalluhom imexxuna biex nidħlu daqsxejn iktar fil-fond xi tfisser il-ħajja konsagrata, x'qegħdin niċċelebraw, xi jfissru dawn il-ħamsa u għoxrin sena, u l-ħamsin sena anniversarju ta' din il-professjoni reliġjuża.

Fl-ewwel Lezzjoni tal-lum aħna kellna silta mill-Esodu (16,2-4,12-15) jiġifieri l-Poplu t'Alla ħareġ mill-Eġittu permezz ta' Mose u qiegħed jimxi lejn is-salvazzjoni, lejn l-Art Imwiegħda. U fis-silta li aħna qrajna llum aħna rajna tliet affarijiet li huma l-qofol anke ta' din il-ħajja.

Rajna l-ewwelnett li dan kollu beda minn dan il-poplu għaliex kellu fiduċja f'Alla li kien kapaċi jeħilsu mill-Eġittu minn fejn kien. U dan sema' l-leħen ta' Alla. Għamel fiduċja sħiha – ma kellux djarju dan, Alla ma qallux nara wara x'se jiġri – mar għax kien jittama u jemmen fil-Mulej. Ħamsa u għoxrin, ħamsin sena ilu dawn is-sorijiet ma kienux jafu x'se jiġri minnhom f'dawn il-25, 50 sena. Semgħu biss il-vuċi tal-Mulej: "Ejja warajja", obdewha u bdew mexjin wara l-Mulej, jafdaw biss lill-Mulej. Indunajtu li fil-lezzjoni tal-lum, kellu jikkonvinċihom: "Huwa jien m'għandiex manna x'naħtikom, taħsbu li se tmutu bil-ġuħ? Huwa jien m'għandiex it-tjur tal-ajru li kapaċi nagħtikom?" U allura baqgħu mexjin fid-deżert. U dawn ir-reliġjużi 25, 50 sena ilu imxew wara l-Mulej. U ippermettuli, mhux għax kienu boloħ, imma għaliex ittamaw li l-Mulej kien kapaċi jimlilhom il-vojt li ħallew bil-mixja tagħhom bil-grazzji tiegħu.

U li rajna f'din l-ewwel lezzjoni, u li għalija tfisser ħafna, ma nafx indunajtux, f'xi mument Alla l-Imbierek qalilhom: "Intkom morru iġbru l-manna imma tiġbrux għal għaxart ijiem, iġbru kuljum għal kull jum". Xi tfisser din? Jiġifieri kull jum tridu tgħixuh miftuħin għall-providenza t'Alla, biex kull jum ikun tal-Mulej. U meta għamlu l-professjoni reliġjuża dawn is-Sorijiet, hekk għamlu. Xi tfisser

professjoni reliġjuża? Tfisser lil Mulej qed tgħidlu: "Mulej, mhux se nagħmel pjanijiet, mhux se ngħidlek din irridha, dik ma rridhiex, din aħjar, mhux se ngħidlek xejn. Jum b'jum inħalli f'idejk, turini dak li inti trid minni u jien nibqa' miftuħ għat-tnebbiħiet tiegħek".

Dawn l-ubbidjenza kollha li għamlu, ħuti, tul dawn is-snin ma kienux xi ħaġa fil-mument; kienu kollha jmorru lura għall-mument meta huma afdaw lil Mulej u baqgħu miftuħin għall-wegħda tagħhom li huma se jħalluh jibnilhom ħajjithom jum jum. Din hija l-professjoni reliġjuża.

Fit-tieni lezzjoni tal-lum aħna smajna lil San Pawl u jgħid lill-Efesin (4,17,20-24), li hemm bżonn li aħna nkunu bnedmin ġodda. Ma tistax tkun kristjan, nisrani jekk inti ma tilbiesx lil Kristu. Imma f'dawn ir-reliġjużi kien hemm żewġ modi fejn huma libsu lil Kristu b'mod ġdid. L-ewwel mod huwa komuni għalina lkoll: meta aħna tgħammidna. Dawn libsu lil Kristu għax fl'imgħoddi huma kienu persuni ġodda fi Kristu mlibbsin f'dik li hija l-ħajja ta' Kristu. U din kienet il-Magħmudija. U din, ħuti, hi l-ikbar grazzja; aħna lkoll irċevejniha u lkoll għexna l-ħajja tagħna fid-dawl ta' din l-ewwel grazzja – miżżewġin, xebbiet jew ġuvintur, saċerdoti, reliġjużi – kollha, aħna lbiesna lil Kristu biex ħajjitna tkun immarkata proprju f'dak li kien Kristu.

Imma dawn is-sorijiet ħassew sejħa oħra: li libsu lil Kristu, biex ngħid hekk, kważi sħiħ – issa nispjegaha. Għaliex? Għaliex Kristu, minbarra li ġie biex jgħallimna dak li hu komuni għalina - kif inħobbu lil Alla u lil proxxmu, kif nitolbu, kif għandna nħarsu lejn it-tbatijiet tagħna – ġie wkoll b'forma speċjali u din il-forma speċjali kienet li Ġesu ġie mhux miżżewweġ. U għaliex mhux miżżewweġ? Għax kontra ż-żwieġ? Assolutament le għax dak huwa sagrament imma għaliex ma ried li jkollu 'l ħadd tiegħu biex kulħadd ikun tiegħu. Ma kellux mara tiegħu u tfal tiegħu, u l-oħrajn le, imma kullħadd kien tiegħu. Dawn is-sorijiet hekk għamlu: qalu: "Aħna mhux se jkollna

raġel tagħna, mhux se jkollna tfal tagħna, ħalli kull min jiġi fit-triq tagħna jkun, kif qalilna Ġesu, ħuti u oħti u missieri u ommi, kulħadd". Ġesu seta jiġi b'ħafna qawwa. Min għandu qawwa ikbar minn Alla?

U Alla għażel li Ġesu jiġi fil-faqar għaliex fil-faqar hemmekk turi d-divinita ta' Alla l-Imbierek. U dawn is-sorijiet, 25, 50 sena ilu qalu: "Aħna mhu se jkollna xejn tagħna biex namministraw, biex ikollna rasna mistrieħa; aħna se nħaddnu l-faqar, infittxu s-Saltna t'Alla u Alla l-Imbierek jagħtina dak kollu li għandna bżonn". Min jaf, irridu ngħiduh, fl-appostolat tagħhom, min jaf kemm il-darba marru f'postijiet anke barra minn Malta, ma kellhomx flus, ma kellhomx biex jieklu u l-providenza t'Alla fil-faqar tagħhom ipprovditilhom kollox.

U Sidna Ġesu Kristu ġie wkoll hawnhekk bħala xi ħadd li jobdi. Tiftarku kull darba kien jgħid Ġesu: "Għax il-Missier bagħatni, għax hekk kien meħtieġ"? Naħseb kien ikun hemm nies, mhux veru, li forsi meta jmut xi ħadd jibdew jagħżlu, jibdew jgħidu kemm għamlu affarijiet. Lil dawn is-sorijiet, l-unika ħaġa li jistgħu jgħidu quddiem Alla l-Imbierek u għal glorja tagħhom: "Kull ma għamilna, għamilna b'ubbidjenza, kull ma għamilna mhux għax kien proġett tagħna, imma għax Alla permezz tas-superjuri, qalulna biex nagħmlu". U dan huwa "il-bniedem il-ġdid" li dawn is-sorijiet għażlu li jimxu warajh 25/50 sena ilu.

U fil-Vanġelu tal-lum (Ġw 6,24-35), għandna lil Sidna Ġesu Kristu u li qed jgħidilna li l-għajn ta' kull ħajja nisranija għandha isem wieħed u dan l-isem wieħed huwa Sidna Ġesu Kristu. Din il-ħajja mhix possibbli, lanqas ħajjiet oħra, jekk mhux għaliex bniedem ifittex il-qawwa tiegħu fi Kristu. Ħa nfakkarkom ftit it-tliet kelmiet li qalilna Ġesu biex inżommuhom ġewwa fina. L-ewwel Ġesu qalilna: "Min irid li jkollu l-ħobż tal-ħajja, irid jersaq lejja" b'mod speċjali bit-talb; it-tieni: "Irid jemmen fija" f'Ġesu, u t-tielet: "irid jaħdem għall-ħajja ta' dejjem". U allura dawn is-sorijiet kellhom, biex ngħid hekk, qiesu xxiftjar tal-ħajja tagħhom – hemm min jaħdem għall-ġid ta' din

id-dinja, hemm min jersaq lejn dawk li f'din id-dinja jaqbillu; dawn jersqu lejn il-Mulej Ġesu u fih sabu l-qawwa tal-ħajja tagħhom.

Biex nagħlaq, ħuti, dik hija l-ħajja konsagrata. Xi tfisser li huma Franġiskani? Mhux se nidħol f'dettalji; infisser ħaġa waħda. It-triq li huma għażlu biex dan kollu jgħixuh - setgħu kienu sorijiet ta' Ordnijiet oħrajn, kollha l-istess: ħajja konsagrata - it-triq, il-mudell li għexu dawn, kien San Franġisk, dak ifisser. Ħarsu lejn il-ħajja ta' San Franġisk fejn il-Mulej għoġbu li jkun mudell, u qalu: "dik il-ħajja irridu ngħixuha fid-dawl tal-ħajja ta' missierna San Franġisk".

Għalhekk ħuti, jiena nagħlaq f'isimkom ilkoll. L-ewwelnett nifirħilkom għal dak li għamiltu 25, 50 sena ilu. F'isem il-Knisja nirringrazzjakom għal dak li għamiltu mal-Knisja u jien ngħid il-grazzji tal-Mulej m'għandomx limiti. Jiena għall-futur ħafna drabi soltu nixtieqilhom li jkollhom xi pensjoni u jkunu fil-kwiet – lilkom nixtieqilkom li l-Mulej jagħtikom qawwiet ġodda biex tkomplu taqduh skont il-limitazzjonijiet tagħkom, imma tkomplu taqduh b'ġenerożita u fedelta.

2 ta' Awwissu, 2009

# QUDDIESA FIL-KAPPELLA
# TAL-FERGĦA EWKARISTIKA, MARSA
## Omelija ta' Monsinjur Arċisqof

Ħuti darba l-Papa Ġwanni Pawlu II kien tana enċiklika fuq l-Ewkaristija; l-enċiklika kien semmieha Il-Knisja tgħix bl-Ewkaristija. U f'dik l-Ittra kien qalilna li l-Ewkaristija hija l-għajn u l-quċċata ta' kull ħajja nisranija u ta' kull ħidma nisranija (EE,1). L-għajn għaliex minnha rridu nieħdu l-qawwa; il-quċċata għaliex l-Ewkaristija ma twasslikx għal xi ħaġa oħra, imma hija l-preżenża ta' Alla personali li fiha nkunu nistgħu nilħqu l-milja ta' kull relazzjoni ma' Alla l-Imbierek. U allura għal kull nisrani, hu min hu, hi min hi, l-Ewkaristija hija l-qofol.

Jien illum ġejt fostkom u tafu li l-fundazzjoni u l-fundatur semma din l-għaqda - seta' jsemmiha ħafna modi differenti – bħala l-Fergħa Ewkaristika. Fergħa għax bilfors trid tkun magħquda mal-Knisja u permezz tal-Knisja ma' Ġesu; u Ewkaristika għaliex qiegħda madwar l-Ewkaristija. U allura naħseb li fil-każ tagħkom, intom ma tiġux hawn biss biex tieħdu mill-Ewkaristija, imma nippretendi li l-Mulej, permezz tagħkom, jixtieq li l-Ewkaristija tkun ippropagata, tkun imxerrda permezz tal-esperjenza tagħkom hawn ġew. U naħseb li din hija l-missjoni li intom tridu tieħdu fuq spallejkom bħala komunita iktar stabbli - dawk li jiltaqgħu hawnhekk regolarment - imma anke dawk li jduqu minn dik li hija l-esperjenza ewkaristika ta' din il-komunita.

U jien fil-bidu għidt li l-Kelma t'Alla qisu ppreparatli t-triq, ma ppreparajnihiex aħna, tad-19 il-Ħadd; kull min jisma' l-quddies illum jew għada se jisma' l-istess lezzjonijiet. Imma nixtieq li napplikawhom: x'għandha tkun l-Ewkaristija fid-dawl tal-messaġġ li llum bagħtilna l-Mulej.

Nibdew mill-I Lezzjoni tal-lum (1 Slat 19, 4-8) li titkellem fuq il-profeta Elija u hemm miktub dan il-kliem li kien hemm Elija, kien qed jibża', allura telaq għax twerwer mill-persekuzzjoni u mar taħt siġra tal-ġummar. U hemmhekk ikun hemm anġlu tal-Mulej u jgħidlu hekk: "Qum u kul inkella ma tkunx tiflaħ għall-mixja li fadallek". U dan huwa l-ewwel messaġġ li jrid jagħmlilna. Għan-nisrani, il-mixja lejn il-Mulej, l-ikel tagħha jrid jagħtihulu l-Mulej. U l-ikel li jagħtih il-Mulej huwa l-Ewkaristija. X'għamel Elija? Ħa dan l-ikel li ġie pprovdut minn Alla bħala don u baqa' miexi, u jgħidilna lejn xhiex baqa' miexi, lejn Ħoreb li hi l-muntanja tal-Mulej. Aħna bħala komunita nisranija rridu nersqu lejn il-muntanja tal-Mulej, fil-każ tagħna nafu li hi l-eternita. Il-ħobż tat-triq, il-qawwa tat-triq, dak li diġa jagħtina it-togħma għal fejn se naslu, hija l-Ewkaristija. Mela din hija l-ewwel riflessjoni li tana l-Mulej illum. Ejjew naraw li l-Ewkaristija tkun verament l-ikel tagħna li jrid iwassalna lejn il-muntanja tal-Mulej, li hija l-ħajja ta' dejjem.

It-tieni riflessjoni li qisu hija l-katekeżi li Alla l-Imbierek tana dwar l-Ewkaristija. Tafu li f'dan il-kap 6 ta' San Ġwann, Ġesu l-ewwel ikattar il-ħobż imbagħad jagħmlilhom daqsxejn ta' diskors tal-Ewkaristija. Min jerġa jmur id-dar u min iħobb l-Ewkaristija ma jistax, minn żmien għal żmien, ma jaqrax dan il-kap 6 ta' San Ġwann. Ngħidilkom aqrawh u aqrawh u aqrawh għax huwa l-katekeżi ta' Ġesu biex iħejjihom għall-Ewkaristija li mbagħad tahom fl-aħħar ċena. U f'din il-katekeżi għandna l-Kelma prinċipali: "Jien hu l-Ħobż li niżel mis-sema". Ġesu hu dan l-ikel li aħna rajna, id-don li fil-każ ta' Elija, kien tah permezz tal-anġlu. Ġesu: "Jien hu l-Ħobż li niżel mis-sema".

U għandna tliet riflessjonijiet li xtaqt naqsam magħkom.

L-ewwelnett huwa ċ-ċentralita ta' Alla l-Missier. Il-ħobż huwa don li tana Alla l-Missier permezz ta' Ġesu. Nixtieq li tkun ċara, din Ġesu qalha mhux jien. Kemm il-darba Ġesu qal: "Għax il-Missier bagħatni"; "Għax hekk kien hemm bżonn"; "Għax għalhekk bagħatni

Alla l-Missier" Mela ħadd ma' jista jersaq u jkollu l-frott kollu tal-Ewkaristija jekk ma jibdiex mill-fatt ta' Alla l-Missier u jħallih jgħannqu. Dan huwa il-bidu ta' kull Ewkaristija. Qabel ma nersaq lejn l-Ewkaristija irrid nipprova nidħol f'dan il-misteru ta' Alla l-Missier.

It-tieni riflessjoni: U Ġesu jgħidilna li ma tistax timbidel f'Alla l-Missier jekk ma tismax kelmtu. Kif nista' jien inkun naf min hu Alla l-Missier u d-don li tani jekk il-Kelma t'Alla inħalliha tgħaddi minn ġo fija? Jew ma nagħtix kazha? L-isbah ħaġa li nistgħu nagħmlu hi li anke aħna, fid-dar tagħna, kull tant nifthu daqsxejn il-Vanġelu u naqrawh. Aħna daqsxejn għażżenin.

Imma minbarra din, nixtieq li nagħmel enfazi li min iħobb l-Ewkaristija u jiġi hawnhekk għall-Ewkaristija, irid jagħti ħafna kaz tal-Kelma li jisma' hawnhekk. Kemm nixtieq li jkun hemm bosta Maltin li meta joħorġu minn hawnhekk, jibqgħu jaħsbu: "Imma ħa nara fil-Vanġelu xi smajt", mhux ħriġna minn hawnhekk, tqarbinna, imma l-Kelma ma baqgħatx ġewwa qalbna! Qed jgħidha Ġesu: "Min jisma' l-Kelma ta' Alla l-Missier". Ħa ngħid ħmerija, imma ngħidha. Kultant inkun qed nisma' r-radju, nisma' riċetta u Alla jbierek tibqa' f'moħħi – veru jew le? U għaliex il-Kelma t'Alla li hija tant qawwija, ġejt hawn u mmur minn hawnhekk u jekk nistaqsik xi smajt, tgħidli: "Ma nafx, ta"? Ma nafx! Irrid nagħmel l-istess sforz meta jien inkun qed nisma' riċetta; din hija għan-nisa imma hemm xi ħaġa oħra parallela għall-irġiel. Imma d-differenza tafu x'inhi, ħuti? Li waqt li bir-riċetta nifhem għaliex tagħtini xi ħaġa materjali, il-Vanġelu peress li huwa spiritwali, ma nistax nintelaq u ma noqgħodx attent għalih. Hu l-Ispirtu li jrid jgħidli qabel ma niġi hawnhekk: "Illum dieħel hawnhekk, niżżuħajr 'l Alla se nieħu sehem fl'Ewkaristija imma illum il-Mulej se jgħallimni xi ħaġa". U meta mmur barra, nista' ngħid ġewwa qalbi: "Illum tgħallimt din!". Din ċentrali, hemm bżonn nikbru fiha.

Tafu għaliex il-Kelma ta' Alla hi importanti? Għaliex il-Kelma ta' Alla tbiddillek moħħok! U kif tkun taf li Alla ħafirlek, anke meta għamilt ħafna dnubiet jekk ma tismagħhiex fil-Vanġelu? Imbagħad nibdew nivvintaw f'moħħna: min jaf ħafirliex? U żgur, jekk inti ma qrajtx il-Vanġelu! Kif tista'? U kif naf li kull bniedem, l-iktar bniedem ikrah u ma nafx x'hawn fid-dinja, xorta l-Mulej iħobbu? Jekk jiena ma naqrax il-Vanġelu? Hu jgħidli li kull bniedem huwa ibnu, jew bintu! Li jifdalli f'moħħi, noqgħod nivvinta! Ma nistgħux nivvintaw! Għandna l-Kelma ta' Alla!

It-tielet Riflessjoni li hawnhekk igħidilna Ġesu fil-Vanġelu li din il-Kelma għandha Isem, din il-Kelma l-Isem huwa Ġesu, il-Wiċċ ta' Ġesu. Tiftakru l-aħħar kelma li qal: "Il-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għal ħajja tad-dinja". Ma nistgħux nifirdu l-Ewkaristija mill-meditazzjoni fuq il-fatt li din tahielna Ġesu fuq is-salib, u Ġesu tahielna biex ikollna l-ħajja ta' dejjem. Tiddejqux, ħuti, meta tiġu hawnhekk, tibqgħux biss fl'Ewkaristija; din qalha l-Papa Ġwanni Pawlu II meta tana dik l-enċiklika u qalilna: "Hija t-tiġdid sagramentali tal-misteru tal-Għid" (EE, 3). Tiġdid għaliex? Jiġifieri dak li għamel Ġesu elfejn sena ilu, fl'Ewkaristija meta qed nieħu sehem, se ssir tiegħi, il-grazzja se ssir tiegħi meta nieħu l-Ewkaristija sagramentali għaliex is-sagrament huwa dak li jidher; l-Ewkaristija tidher taħt l-ispeċi, imma hemm din il-qawwa kollha ta' Ġesu. Mela ma nistax nifred dak li l-Mulej jagħtina.

It-Tieni Lezzjoni hija mill-Ittra lill-Efesin (4,30-5,2). U l-istess Papa Ġwanni Pawlu II kien qalilna li l-Ispiritwalita tal-Ewkaristija hija spiritwalita soċjali, ta' komunjoni. Naħseb li ried jgħid il-Papa tafu x'inhu? Mela hawnhekk hawn l-Ewkaristija, hawn ħafna ostji u Ġesu jiġi fik, jiġi fik u fik u jgħaqqadna. Kif nista' jiena ma nħobbokx jekk l-istess Ewkaristija li hemm ġewwa fija, qiegħda ġo fik? Ma nistax! Għalhekk l-ispiritwalita l-Papa qalilna hija soċjali. Jiena l-Ewkaristija trid tbiddilli l-viżjoni tal-oħrajn, b'mod speċjali meta qed tiġu hawnhekk bħala komunita tal-Fergħa Ewkaristika. Fitttxuha

din. Il-persuni jista' ma jkollix grazzja magħhom – mhux importanti – Ġesu qatt ma jgħidlek irid ikollok grazzja mal-oħrajn, m'hemmx għalfejn. Imma jiena inħobbhom għaliex flimkien l-Ewkaristija qed tgħaqqadna u tagħmilna ġisem wieħed. U San Pawl, indunajtu x'qal meta kien qed jitkellem, jikteb lill-Efesin u jgħidilhom: "Imma se ssibu diffikulta". Għax l-imħabba tal-proxxmu kultant hi aktar diffiċli mill-imħabba ta' Alla għax fl-imħabba ta' Alla mhux se jinkwetak il-Mulej, imma ta' madwarek jinkwetawk, mhux veru? Bħal ma jien ninkwieta lil ħaddieħor! Allura San Pawl x'jgħidilhom? Jgħidilhom: "Isma' dawk l-affarijiet li jistgħu jkunu reazzjoni – imrar, saħna... " X'jiġifieri? Jiġifieri jekk qed tagħmilli xi ħaġa, tagħmilli l-ħsara meta jiena se nħalliha tidħol ġewwa fija u ssir imrar u saħna. Għax li tagħmilli int mhux se jbiddilni. Ġesu fuq is-salib kien hemm dawk li qegħdin isalbuh, imma ma biddluhx lil Ġesu! Kienu jagħmlu verament ħsara kieku Ġesu flok ħafrilhom minn fuq is-salib, x'kien jgħid: "Pattihielhom, Missier" għax kien ibiddel in-natura ta' Sidna Ġesu Kristu. Araw x'missjoni sabiha għandna flimkien li rridu nibnu.

U nieqaf hawn. Jiena anke nħalli f'idejkom bħala komunita: itolbu lill-Mulej, itolbu lill-Ispirtu. Dan li aħna għandna bħala l-ispiritwalita speċifika, mhux biss bħala insara, speċifika bħala Fergħa Ewkaristika. Kid iridna l-Mulej inqassmuh? Is-Salm (33) jgħidilna riflessjoni waħda: "Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej" Issa jekk inti kilt u rajt kemm hu tajjeb, għax ma tgħidx lil ta' ħdejk, bħalma tajt riċetta: "Kieku taf kemm hu tajjeb"? Aħna meta jkollna kejk, meta jkollna ġelat ma ngħidux lill ħaddieħor, taf kemm hu tajjeb? L-istess ħaġa! Jien kilt, jien doqt: "Ħija, ħa ngħidlek jien x'doqt ħalli int ukoll tiekol miegħi". Mhux din hija l-evanġelizżazzjoni?

Jalla l-Mulej ikompli jberikkom, jagħtikom dwal ġodda li jiġu mill-Ispirtu s-Santu ħalli din il-missjoni tagħmluha b'qawwa, b'qawwa kbira ħafna.

8 ta' Awwissu, 2009

## SIDTNA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA

### Omelija ta' Monsinjur Arċisqof fil-Quddiesa tal-Vġili

Ħuti, il-Knisja, tul is-sena liturġika, tippreżentalna katekeżi sħiħa fuq Sidtna Marija. Id-diversi testi li nagħmlu jippreżentawlna parti minn dan id-don, din il-grazzja li hi Sidtna Marija fiha nfisha li kienet Sidtna Marija għal binha Ġesu u li hi Sidtna Marija għall-Knisja universali f'kull post u f'kull żmien.

U llum din il-katekeżi qed twassalna biex nirriflettu fuq aspett wieħed li ngħatat Sidtna Marija: il-fatt li Sidtna Marija ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. U dan il-misteru, id-don kbir huwa maqgħud ħafna u jiddependi ħafna ma' don ieħor li Sidtna Marija kienet irċeviet, jiġifieri li hi ġiet imnissla mingħajr tebgħa. Infatti biex il-Knisja setgħet tipproklama l-festa tal-lum bħala domma, l-ewwel kellha tipproklama t-tnissil bla tebgħa ta' Sidtna Marija bħala domma; hija bbażata fuqha. U r-raġuni aħna nsibuha fil-Ktieb tal-Ġenesi għaliex minħabba li l-bniedem għandu ġol-ġisem tiegħu ż-żerriegħa tad-dnub, iż-żerriegħa tad-dnub tinqered eżatt kif immutu għaliex il-ġisem tagħna jsir trab, biex aħna nkunu nistgħu niġu mogħtija, fl-aħħar taż-żmien, il-ġisem glorjuż mingħajr l-ebda tebgħa tad-dnub.

Fil-kaz tagħna li aħna għandna ż-żerriegħa tad-dnub, il-mewt tiġi grazzja. Il-ġisem tagħna li jsir xejn isir grazzja għaliex huwa pont neċessarju biex imbagħad ikollna ġisem li huwa glorjuż flimkien mal-Mulej Ġesu. Fil-kaz ta' Santa Marija hija ma kellhiex bżonn dan il-pont. La darba tnisslet mingħajr tebgħa tad-dnub ma kellhiex bżonn li l-ġisem tagħha l-ewwel isir xejn, biex imut il-ġisem tad-dnub għax fiha ma kienx hemm dnub, imma għaddiet mal-ewwel mingħajr it-taħsir tal-ġisem tagħna. Tafu li mhux importanti jekk il-Madonna mitietx jew il-Madonna raqdietx, mhiex importanti; mhux dak il-misteru. Imma żgur li l-ġisem tagħha, kif temmet il-ħajja tagħha fuq hawnhekk, ma kellux bżonn ta' tisfija allura l-Mulej sata' jtellagħha bil-ġisem u r-ruħ tagħha totalment biex tkun parti waħda fl'eternita

ma' Binha Ġesu. Hija dik li marret qabilna. Aħna se naslu fit-totalita sa' l-aħħar taż-żmien.

Imma aħna wkoll meta nħarsu lejn Sidtna Marija, xtaqt li naqsam magħkom dan il-ħsieb. Sidtna Marija kienet ukoll unika għax kienet l-unika waħda li kellha tliet esperjenzi differenti mal-Mulej Ġesu, ħadd iżjed! Tliet esperjenzi differenti!

L-ewwel esperjenza li kellha Sidtna Marija kienet l-esperjenza ma' Binha Ġesu meta kien għadu fil-ġisem, kien għadu bniedem fostna. U Sidtna Marija għexet mal-Mulej Ġesu bħalma jgħixu żewġ persuni. Il-Vanġelu tal-lum (Lq 11, 27-28), fakkarni f'dan, meta kien hemm dik il-mara u qalet: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt". Hija fl-esperjenza personali umana li Sidna Marija kellha mal-Mulej Ġesu anke jekk Ġesu fil-Vanġelu kkwalifikaha billi qal Sidtna Marija għexitha, imma għexitha fil-Kelma, fil-fidi, fl-Ispirtu, mhux fil-ġisem biss. Mela din hija l-ewwel esperjenza: l-esperjenza tal-Madonna li tgħix f'dan il-ġisem flimkien ma' Binha Ġesu.

It-tieni esperjenza li kellha Sidtna Marija ma' Binha Ġesu kienet permezz tas-sagramenti. Sidna Ġesu Kristu miet fuq is-salib, irxoxta u rritorna għand Alla l-Missier. U allura Sidna Ġesu Kristu ma setax ikompli ma' ommu u l-Madonnna ma setgħetx tkompli r-relazzjoni ma' Binha permezz tal-ġisem li jidher, jinstema' u jinħass. Issa kellha l-esperjenza tal-Mulej Ġesu permezz tas-sagramenti kif ikollna fil-Knisja. Hija saret parti mill-Knisja u l-Knisja – jiena u intom – l-esperjenza tal-Mulej Ġesu neħduhom permezz tas-sagramenti. Issa l-Madonna ma kellhiex l-esperjenzi ta' Binha fil-ġuf imma kellha l-esperjenza reali ta' Ġesu fl'Ewkaristija: il-prezenza reali tiegħu. Issa Sidtna Marija ma setgħetx tgħix il-misteru tal-Għid ħdejn is-salib tal-Mulej Ġesu, imma kellha tgħixu fl'Ewkaristija li hi t-tiġdid sagramentali proprju ta' dak il-misteru bħalma kienet tgħannqu meta kien fil-ġisem, imma setgħet tgħannaq – immaġinawha fl-ewwel mument tal-Knisja tgħannaq lil Knisja li issa hija l-Ġisem ta'

Ġesu! Din hija t-tieni esperjenza: il-Madonna li jkollha l-esperjenza sagramentali ta' Binha Ġesu.

U aħna llum qegħdin niċċelebraw it-tielet esperjenza li hija l-esperjenza ta' Sidtna Marija ma' Binha Ġesu din id-darba fil-glorja tiegħu. Tafu, ħuti, li aħna meta se nkunu quddiem il-Mulej fl'eternita, il-bniedem mhux l-ewwel iħares lejn il-bniedem, imbagħad jara lil Alla li hemm lil hinn mill-bniedem jew mir-realta, imma l-ewwel iħares lejn Alla għax Alla jkun kollox, narawh wiċċ imb'wiċċ skont San Pawl, imbagħad naraw ukoll kollox f'Alla l-Imbierek wiċċ imb'wiċċ. Il-Madonna issa mhux se jkollha lil Binha Ġesu fil-ġisem, mhux se jkollha lil Binha Ġesu fis-sagrament, imma direttament għandha l-viżjoni ta' Ġesu fil-glorja tiegħu bħala l-Iben ta' Alla. U din hija t-tielet esperjenza.

U din xtaqt naqsam magħkom, ħuti, ħalli meta nkunu weħidna, nippruvaw nidħlu iktar fil-profond, mhux biex nibqgħu fil-Madonna, imma biex dak li aħna nitgħallmu fuq il-Madonna nafu li qiegħed hemm għalina. Jalla l-Mulej jagħmel li anke din il-festa ma tgħaddhiex mingħajr ma aħna jkollna daqsxejn iktar profondita fid-devozzjoni, fl'għarfien tagħna ta' Sidtna Marija

14 ta' Awwissu, 2009

# PREŻENTAZZJONI TAR-RAPPORT 'FOR WORSE NOT FOR BETTER', MILL-MEMBRI TAL-PROGETTIMPENN

## DISKORS TAL-ARĊISQOF

L-ewwelnett nixtieq nirringrazzja lilkom tal-ProġettImpenn għall-ħidma kollha li għamiltu f'din is-sena biex tiġbdu l-attenzjoni dwar il-Familja, u l-importanza li naħdmu għall-istabilita' tagħha. Naħseb il-kampanja li għamiltu kienet ta' fejda kbira kemm fiha nfisha, kif ukoll għaliex il-messaġġ tagħkom kien ċar: mhux se jkollna familji u żwiġijiet stabbli jekk stat, Knisja, u entitajiet oħrajn mhux se jaħdmu għaliha b'kull mod. Hemm wisq xi jfixkel illum fl-istabilita' taż-żwieġ. Jekk l-istat jistqarr li żwieġ u familji sodi huma ta' ġid bażiku għas-soċjeta', mela il-koppji miżżewġin iridu l-għajnuna minħabba l-kontribut li jagħtu għall-ġid tal-istat, bħalma sitwazzjonijiet oħrajn jeħtieġu għajnuna mill-Istat biex jgħixu ħajja deċenti meta tifrik ta' familja jirriżulta f'faqar ta' kull xorta: finanzjarju, emozzjonali, soċjali.

Illum nixtieq nirringrazzjakom għaliex ħadtu l-impenn biex tagħtu l-kontribut tagħkom ukoll fuq il-kwistjoni tad-Divorzju. Huwa dibattitu li ilu li beda fis-soċjeta', u bħalma hemm min jikteb favur id-divorzju, il-konsegwenzi li jġib miegħu jqiegħed dover fuq dawk li jemmnu fl-istabilita' taż-żwieġ, inkluża l-Knisja Kattolika, li taqsam mal-Poplu Malti l-ħsieb tagħha. Nieħu gost li d-Dokument huwa bbażat fuq studji u riċerki, u mhux fuq nuqqas ta' rispett lejn il-persuni li jaħsbuha b'mod differenti.

Il-Knisja tibbaża l-argumenti tagħha fuq żewg livelli. L-ewwel wieħed huwa fuq it-tagħlim tal-Mulej Ġesu'. Sentenzi ta' Ġesu' bħal: "Kien minħabba l-ebusija ta' qalbkom li Mose' takom il-permess tibagħtu n-nisa tagħkom" u "Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" (Mt 19, 8.6) juru ċar il-ħsieb ta' Ġesu' fuq iż-żwieġ.

Minkejja kull diskussjoni fuq il-kliem "barra minn żwieġ ħażin" (in-nisrani jġħaddi għall-Kelma ta' Alla mill-interpretazzjoni tal-Knisja Kattolika, bħalma protestant jgħaddi minn interpretazzjoni tal-Knisja tiegħu), jidher ċar li Ġesu', f'dan id-diskors qatt ma seta' jippermetti li l-poter spiritwali li huwa ta' Alla ("li għaqqad Alla"), u din hija l-veru emfasi ta' Ġesu', jgħaddi biex ikun poter f'idejn il-bniedem ("ma għandux jifirdu l-bniedem"). Dan hu d-divorzju li qed jiġi propost illum: li 'dak li għaqqad Alla' jgħaddi f'idejn il-bniedem biex ikun jista' jifirdu hu bid-divorzju. Il-Knisja Kattolika qatt ma tista' tippermetti li dan isir.

Iżda dan it-tagħlim li hu validu fi ħdan il-membri tal-Knisja, aħna nixtieqa ngħadduh lis-soċjeta' kollha hawn f'Malta bħala offerta ta' riflessjoni. Inkunu qed nonqsu lis-soċjeta' li aħna parti minnha jekk ma nagħmlux dan. Iżda din id-darba aħna ma nitilqux minn pożizzjoni ta' twemmin, iżda minn pożizzjoni ta' fatti. In-nisrani jara li l-fatti jipprovaw dak li jemmen. Lis-soċjeta' nipproponulha dawn il-fatti biex imbagħad kull wieħed u waħda fis-soċjeta', u s-soċjeta' fiha nfisha, tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Mill-ġdid nirringrazzjakom għall-impenn tagħkom favur żwieġ dejjiemi bħala bażi ta' kull familja, kif ukoll ta' dan id-Dokument, li għalkemm huwa miftuħ li jiġi ribattut fuq l-argumenti u l-istatistiċi li fih, minn argument u stastiċi oħra, żgur li jgħinna biex id-deċiżjoni ma neħduhiex biss għaliex pajjiżi oħra għamluha jew għaliex qed issir pressure fuqna, iżda b'għażla, favur jew kontra, libera u mdawla.

17 ta' Awwissu, 2009

## ĊIRKOLARI NUMRU 37

### REGOLI TEMPORANJI DWAR TQARBIN

Minħabba li bdew jidhru f'pajjiżna xi każijiet ta' Influenza tal-virus H1N1, sakemm jingħataw direttivi oħra, it-Tqarbin Ewkaristiku bl-ostja għandu jsir biss fl-idejn, u mhux fil-ħalq. Fil-każijiet permessi għal Tqarbin mill-kalċi, it-Tqarbin m'għandux jsir billi wieħed jixrob direttament mill-istess kalċi, iżda biss 'per intinctionem'.

Dawn id-direttivi qed jingħataw, wara konsultazzjoni mal-Awtoritajiet tas-Saħħa, biex kemm jista' jkun jiġi evitat il-periklu.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum 3 ta' Lulju 2009.

| | |
|---|---|
| Mons. Lawrence Gatt<br>Kanċellier | + Annetto Depasquale<br>Isqof Awżiljarju<br>Vigarju Ġenerali |

A. Din iċ-Ċirkolari għandha tinqara s-Sibt u l-Ħadd, 4 u 5 ta' Lulju.
B. Din il-parti hawn taħt taċ-Ċirkolari mhux biex tinqara fil-knejjes:

1. Is-Saċerdoti, Djakni u Ministri Straordinarji tat-Tqarbin huma mfakkra li għandhom jaħslu idejhom qabel u wara it-Tqarbin Ewkaristiku.
2. Meta ssir Quddiesa Konċelebrata, għandhom jintużaw żewġ kalċijiet: min jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni jixrob, skont ir-regoli liturġiċi, id-Demm tal-Mulej li jkun f'kalċi wieħed; il-konċelebranti jitqarbnu bid-Demm 'per intinctionem' mill-kalċi l-ieħor, u l-aħħar konċelebrant, jew id-Djaknu skont il-każ, jixrob id-Demm kollu li jkun fadal f'dan il-kalċi.

# KAWŻA TAL-BEATIFIKAZZJONI TAL-QADDEJ TA' ALLA L-ISQOF EMANUEL GALEA

Nhar is-Sibt 4 ta' Lulju 2009 ser issir konċelebrazzjoni fil-Knisja Arċipretali tal-Isla li fiha ser isir talb speċjali għall-Beatifikazzjoni tal-Qaddej t'Alla l-Isqof Emanuel Galea, fl-okkażjoni tal-Anniversarju tal-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu. Għal din il-quddiesa nistiednu lil dawk kollha li qalgħu grazzji bl-interċessjoni tiegħu, u dawk li jenħtieġu l-għajnuna t'Alla f'dan il-mument.

L-Isqof Emanuel Galea gie ikkonsagrat Isqof mill-Arċisqof Mauro Caruana nhar il-5 ta' Lulju 1942, fl-eqqel tal-gwerra. L-ordinazzjoni saret fil-Katidral tal-Imdina. Minkejja li ma kienx hemm trasport pubbliku minħabba l-gwerra, in-nies inġabret l-Imdina b'kull mezz li sabet. Fosthom kien hemm numru sabiħ ta' nies mill-Isla, il-belt fejn twieled. Waqt il-funzjoni, bomba tal-ħin splodiet in-naħa ta' wara tal-Katidral, imma ma ġara xejn.

L-Arċisqof Caruana ħatru Vigarju Ġenerali, u l-Arċisqof Gonzi kkonfermah f'dan il-ministeru.

Baqa' magħruf bħala Isqof għax kien qrib ħafna tal-poplu. Kien jagħmel żjajjar spissi fil-parroċċi, u fejn kien imur biex jiċċelebra l-Griżma tal-Isqof ma kienx jonqos li jiltaqa' u jkellem lill-familji. Fil-Kurja tal-Arċisqof kulħadd kien jafu bħala r-ragħaj li lest li jgħin lil kulħadd bl-aktar mod dirett u sempliċi. Għamel ħafna ġid fis-sagrament tal-qrar u bil-priedki tiegħu. Xerred id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija u lejn ir-Rużarju Mqaddes. L-isqof Galea jibqa' msemmi għas-sehem tiegħu fl-appostolat tal-Lajċi.

Mons. Alwig Deguara
ViċI Postulatur 1 ta' Lulju, 2009

# L-ARĊISQOF FL-ART MQADDSA F'PELLEGRINAĠĠ MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ MATLIN

Fl-ewwel jum tal-pellegrinaġġ tiegħu fl-Art Imqaddsa, l-Arċisqof Pawl Cremona OP ħeġġeġ liż-żgħażagħ biex bħal Marija huma jippermettu lil Kristu jidħol fl-umanità, b'mod speċjali f'Malta.

Il-Ħadd li għadda, l-Arċisqof ta bidu għall-pellegrinaġġ maż-żgħażagħ lejn l-Art Imqaddsa. Ukoll fuq dan il-pellegrinaġġ hemm l-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca.
Illum, kienet l-ewwel ġurnata propija għall-pellegrini fl-Art Imqaddsa, ġurnata li matulha huma żaru l-Bażilika tal-Annunzjata f'Nazaret u l-għolja tat-Tabor. L-Arċisqof ippresieda quddiesa fil-Bażilika Superjuri fuq is-sit fejn l-arkeoloġija uriet li x'aktarx kienet tinsab id-dar fejn l-Arkanġlu Gabriel deher lil Marija.

L-Arċisqof bena l-messaġġ tiegħu fuq ir-rwol li kull individwu għandu biex il-messaġġ tal-imħabba ta' Alla jkun jista ' jitwassal. Huwa saħaq li "Alla ma jimponix, iżda ried lil xi ħadd biex jgħidlu 'iva'. Huwa sar bniedem bil-permess ta' Marija. L-iva tagħha hija l-iva f'isem l-umanità kollha, sew dik ta' qabel kif ukoll dik ta' wara id-dehra tal-Arkanġlu Gabriel". Hekk ukoll, fir-realta Maltija ta' llum, "Biex Kristu jidħol f'Malta irid li xi ħadd jagħtih il-permess... Kieku f'Malta ħadd ma jemmen, u għalhekk ħadd ma jgħidlu iva, kif jista' jidħol? Jien irrid nagħtih il-permess biex jidħol fl-umanità, b'mod speċjali f'Malta" huwa qal waqt li saħaq li hekk biss iż-żgħażagħ preżenti jistgħu jidħlu fl-annunzjazzjoni li kienu qed ifakkru fil-Bażilika ta' nazaret u jagħmluha tagħhom.

Jirraporta Stefan Cachia mill-Art Mqaddsa

7 ta' Lulju, 2009

# L-ARĊISQOF FL-ART MQADDSA : IT-TIELET JUM U R-RABA' JUM

|jara fis-Santwarju li jfakkar il-qawmien ta' lażżru mill-mewt fil-belt Palestinjana ta' Azar, il-bibblika Betanja, kienet il-mument spiritwali ewlieni tat-tielet jum tal-pellegrinaġġ tal-Arċisqof Pawlu Cremona OP flimkien ma' madwar 160 żagħżugħ u żagħżugħa, ġurnata li rat ukoll fost l-oħrajn żjarat f'Qumran magħruf għas-sejba tal-iskrolli tat-testment il-qadim użati mis-setta Lhudija tal-Esseni u ukoll għawma fil-Baħar il-Mejjet.

Anki llum l-Arċisqof Cremona saħaq fuq ir-relazzjoni indivdiwali bejn iż-żgħażugħ u Alla, tema rikorrenti f'kull omelija tiegħu matul dawn it-tlett ijiem. Fl-isfond tal-ġrajjiet li seħħew Betanja, l-Arċisqof saħaq dwar id-dimensjoni ta' ħbiberija li għandha tieħu din ir-relazzjoni.

L-Arċisqof irrifletta li kull persuna għandu sehem minn Martha u minn Marija, u ħafna drabi il-bniedem iħalli id-diversi appuntamenti u affarijiet li jkollu x'jagħmel itellfuh mill-ftit minuti li jista' jiddedika għal Alla. "Ħafna drabi rridu niġġieldu mal-egoiżmi tagħna tal-ħajja, huwa qal liż-żgħażagħ miġbura fis-santwarju ta' betanja. Huwa fisser li ħafna drabi il-bniedem jfittex wisq dak li jrid hu, u ma jagħtix ċans għal dak li jrid jagħtina Alla. Huwa saħaq li Alla għandu mħabba personali u ndividwali lejn kull żgħażugħ u żagħżuha, għaliex aħna m'aħniex bħal fliexken tal-cocacola, kollha l-istess".

## Ir-Raba' Jum

Il-kliem ta' "Fuq tiben f'Maxtura" illum dwew fil-Grotta fejn skont it-tradizzjoni twieled Ġesù hekk kif madwar 20 żgħażugħ u żagħżugħa, filgħaxija, reġgħu lura f'dan is-santwarju li kienu diġà żaru iktar kmieni matul il-ġurnata u hemm qattgħu madwar siegħa quddiem l-istilla li timmarka l-post fejn jingħad li twieled Ġesù. Dan

għamluh għat-tbissima ta' soru u patri Ortodoss li kienu fil-Grotta u li taż-żamma tagħha huma risponsabbli.

Il-Grotta ta' Betlehem kienet esperjenza kommoventi għall-pellegrini żgħażagħ li bħalissa jinsabu fl-Art Imqaddsa għal pellegrinaġġ ta' tmint ijiem flimkien mal-Arċisqof Pawlu Cremona OP. Il-ġurnata bdiet b'quddiesa filgħodu fil-Knisja ta' Santa Katerina li tinsab biswit is-santwarju, u li matulha l-Arċisqof emeritus Ġużeppi Mercieca fakkar fuq is-sempliċità tat-twelid ta' Kristu u s-sejħa ta' kull Nisrani li jkun sempliċi u umli f'dak kollu li jagħmel. Għall-ħabta ta' nofsinhar, imbgħad il-pellegrini Maltin ingħaqdu mal-purċissjoni tal-Patrijiet Franġiskani fis-santwarju tan-Natività u fl-għar fejn jingħad li twieled Ġesù. Il-ġurnata kienet tinkludi ukoll żjajjar fis-Santwarju ta' fejn jingħad li Marija sqiet lil binha Ġesù waqt il-ħarba lejn l-Eġittu, santwarju fejn Insara u Misilmin mill-Art Imqaddsa li jkunu se jwelldu jmorru jitolbu, kif ukoll żjajar fis-santwarju tar-Rgħajja u s-santwarji marbuta mal-viżitazzjoni ta' Marija lil Eliżabetta u t-twelid ta' Ġwanni l-Battista.

Kull wieħed minn dawn is-santwarji kienu esperjenza partikolari, iżda l-iżjed li miss liż-żgħażagħ kienet bla dubju l-Grotta tan-Nattività hekk kif, lura fil-Casa Nova tal-Franġiskani, li tinsab fl-istess kumpless tas-Santwarju tan-Natività, qtajja qtajja bdew jerġgħu iżuru l-grotta għal mumenti ta' talb u riflessjoni.

Ta' min ifakkar li l-grotta hi gvernata mill-hekk imsejjah Status Quo impost fi żmien l-Imperu Ottoman u li jirregola l-ħinijiet għall-Kattoliċi, Ortodossi u Armeni. Dawn id-drittijiet huma spiss frott ta' konfrontazzjoni u għalhekk it-tbissima tas-soru u l-patri Ortodoss għall-kant bil-Malti tal-pellegrini maltin kien ġest ekumeniku simboliku ħafna li żied mal-kommovenza tal-mument.

Jirraporta Stefam Cachia mil-Art Mqaddsa. 10 ta' Lulju, 2009

## L-ARĊISQOF JILTAQA' MAL-MISSJUNARJI MALTIN

L-E.T. Mons Arċisqof Pawlu Cremona O.P. ser jiltaqa' mal-missjunarji Maltlin, saċerdoti, reliġjużi u lajċi, li qegħdin għall-btala f'Malta f'dawn ix-xhur tas-Sajf.

Din il-laqgħa ser issir nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju fis-5.00 p.m. f'Dar l-Emigrant, Valletta.
Il-Missjunarji kollha qed jiġu mistiedna u mħeġġa biex jattendu. Tkun okkażjoni sabiħa għall-missjunarji biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mal-Arċisqof u bejniethom.

Din hija l-31 darba li qed tiġi organiżżata din il-laqgħa.

Dawk li ser jattendu huma ġentilment mitluba jikkonfermaw il-preżenza tagħhom ma' Dar l-Emigrant, Valletta fuq in-numri tat-telefon: 21222644 / 21240255 / 21232545.

8 ta' Lulju, 2009

# L-40 ANNIVERSARJU MILL-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI TAL-E.T. MONS ARĊISQOF PAWLU CREMONA O.P. U L-E.T. MONS ISQOF GEORGE FRENDO O.P.

Nhar il-Ħadd 19 ta' Lulju, il-Parroċċa tal-Madonna Fatima ta' G'Mangia laqgħet bil-ferħ liż-żewġ isqfijiet li bħala patrijiet dumnikani kienu kapillani ta' din il-parroċċa. L-okkażjoni kienet quddiesa ta' ringrazzjament fl-40 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tagħhom.

Mons Arċisqof fakkar li s-sejħa tagħhom bħala ħaddiema fl-għalqa tal-Mulej bdiet f'dan il-kunvent meta bdew in-novizjat fi ħdan l-Ordni tal-Predikaturi. Huwa rringrazzja l'Alla li għoġbu jinqeda bihom biex jaqduh bħala rgħajja tal-poplu tiegħu fid-diversi ħidmiet li wettqu tul dawn l-erbgħin sena ta' saċerdozju. Wera wkoll sens ta' gratitudni lejn il-ġenituri u l-familjari tiegħu u dawk ta' sieħbu l-Isqof Patri George, u lejn dawk kollha li taw sehemhom fil-formazzjoni tagħhom fi ħdan l-Ordni Dumnikan. Ħeġġeg lil dawk preżenti biex jibqgħu jitolbu għalihom ħalli l-Mulej jagħtihom is-saħħa u l-grazzji meħtieġa biex jibqgħu jaħdmu għalih sal-aħħar.

Fl-omelija, Mons Frendo qal li l-Liturġija tal-Ħadd (is-16 tas-Sena B) kienet providenzjali għax titħaddet dwar ir-ragħaj u d-dmirijiet tiegħu. Huwa qal li jilqa' bl-umilta' t-twissija tal-Profeta Ġeremija biex bħala saċerdot ikun fidil għas-sejħa tiegħu ħalli jiġbor u jħares

in-nagħaġ ta' Kristu. Qal li hu jibqa' japprezza u jgħożż il-karizma tal-Ordni tal-Predikaturi li pprofessa, li trabba fiha u li rawmitu jżomm djalogu ħaj ma' Alla u mal-Bniedem. Mons Frendo fisser kif San Duminku jgħallem lis-saċerdoti li d-djalogu sinċier ma' Alla permezz tal-kontemplazzjoni jressaqhom lejn il-bniedem mifdi minn Kristu, filwaqt li l-kuntatt mal-bniedem, ħolqien t'Alla, jressaqhom dejjem iżjed lejn il-Krejatur. Hu kompla jghid li l-bniedem fil-bżonn, jgħin lis-saċerdot jħoss kemm hi kbira l-imħabba t'Alla u l-qawwa tas-salib ta' Kristu.

Il-Provinċjal tad-Dumnikani, P.Pawl Gatt O.P., u l-Kappillan tal-Parroċċa, P. Michael Camilleri O.P. wrew l-apprezzament tagħhom għall-fatt li Alla l-imbierek għoġbu jżejjen l-Ordni u l-Provinċja b'dan iż-żewġ ulied fidili ta' San Duminku. Huwa talab sabiex Marija Santissima, patruna tal-Ordni tal-Predikaturi, tħarishom u tinterċedi għalihom quddiem binha Ġesu'.

20 ta' Lulju, 2009

# IL-KUMMISSJONI DJOĊESANA ŻGĦAŻAGĦ F'LAQGĦA TA' KORTESIJA MAL-E.T. DR. GEORGE ABELA, PRESIDENT TA' MALTA

Delegazzjoni mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ) immexxija minn Fr. Savio Vella sdb (id-Delegat ta' l-Arċisqof għaż-Żgħażagħ), u żgħażagħ minn ghaqdiet affiljati kienu preżenti f'laqgħa uffiċjali ma' l-E. T. Il-President ta' Malta Dr. George Abela, il-bieraħ, 28 ta' Lulju 2009, fejn ippreżentawlu memorandum dwar l-aspirazzjonijiet tagħhom fuq iż-*Żwieġ u l-Familja.*

Iż-żgħażagħ qasmu ma' l-E. T. xogħol kollettiv li sar minn żgħażagħ attivi fid-Djoċesi, impenjati sabiex jipproġettaw it-tamiet u xewqat tagħhom għar-rigward ta' żwieġ u familja. Huma ddiskutew il-punti ewlenin tad-dokument konsultattiv dwar iż-żwieġ u l-familja li jiġbor flimkien il-ħsibijiet u l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ involuti fl-għaqdiet.

Iż-żgħażagħ urew l-apprezzament tagħhom għaliex dan l-eżerċizzju ta' vuċi żagħżugħa qiegħed iħalli l-frott tiegħu f'dibattitu nazzjonali dwar suġġetti ta' interess nazzjonali bħal ma huma l-familja.

L-E.T. ta l-inkoraġġiment tiegħu għal mod kif iż-żgħażagħ qegħdin jippartecipaw fis-soċjeta ċivili. Huwa żied jgħid li kull dibattitu nazzjonali dwar il-familja għandu jkollu fil-qalba tiegħu l-istabbilita` u l-protezzjoni tat-tfal, li huma l-aktar membri f'pożizzjoni dgħajfa fis-soċjeta tagħna.

L-E.T. Dr. George Ablea qal li huwa jħares il-quddiem lejn forum li ser ikun organizzat mill-KDŻ f'Ottubru li ġej sabiex ikunu diskussi realtajiet soċjali relatati mal-Faqar, u qal li dan hu suġġett li jorbot mill-qrib ma' dak tal-Familja, u li għalhekk għandhom ikunu diskussi aktar spiss miż-żgħażagħ.

29 ta' Lulju, 2009

# L-ARCISQOF JILQA' LIĊ-ĊIKLISTI TAL-LIFECYCLE 2009

Fuq xewqa tagħhom stess, iċ-ċiklisti tal-Lifecycle żaru lill-Arċisqof Pawlu Cremona fir-residenza tiegħu f'Ħ'Attard, ftit siegħat biss qabel ħallew Malta biex jibdew il-vjaġġ tagħhom għal din is-sena.

Fost dawk prezenti kien hemm ukoll il-familja ta' Cliff Micallef, li miet f'inċident traġiku waqt li kien qiegħed iħejji għal maratona ta' din is-sena. L-Arċisqof Cremona wera l-apprezzament kbir tiegħu għall-fatt li f'mument hekk diffiċċli għall-familja Micallef, huma għoġobhom iżuruh.

F'kelmtejn tal-okkażżjoni, l-Arċisqof qal li Cliff Micallef se jibqa' ħaj mhux biss fil-memorja tal-familja tiegħu izda wkoll fil-memorja ta' sħabu ċ-ċiklisti li qal Monsinjur Arċisqof, se jkomplu jaħdmu kif kien jagħmel Cliff, biex jgħinu lill-oħrajn.

Dwar l-isforz kollettiv taċ-ċiklisti li għal dawn l-ahhar xhur ilhom jitħarġu għal din il-maratona, l-Arċisqof ikkwota vers mill-Iskrittura li jgħid li jekk iż-żerriegħa ma tmutx ma tagħmilx frott. Dan b'referenza għas-sagrifiċċju li qed jagħmlu ċ-ċiklisti biex dawk morda bil-kliwi jibqgħu ħajjin. Il-maratona tal-Lifecycle ssir kull sena bil-għan li jinġabru fondi għar-Renal Unit tal-Isptar Mater Dei.

5 ta' Awwissu, 2009

## F'GĦELUQ IL-35 SENA MILL-MEWT TAL-QADDEJ T'ALLA L-ISQOF EMANUEL GALEA

Fil-Knisja Arċipretali taż-Żejtun, nhar l-Erbg]a, 19 ta' Awwissu, fis-6:30p.m. se ssir Konċelebrazzjoni u ħin ta' talb biex Alla jigglorifika fuq l-art lill-Isqof Emanuel Galea, billi jagħti grazzji ta' fejqan fir-ruħ u fil-ġisem.

Monsinjur Alwiġ Deguara, il-Viċi Postulatur tal-Kawza tal-Beatifikazzjoni tal-Isqof Emanuel Galea, jħeġġeġ lil kulħadd biex jieħu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni, specjalment dawk li ġa qalgħu grazzji kbar bl-interċessjoni tiegħu. Din iċ-ċelebrazzjoni se ssir fil-Parroċċa fejn jinsabu l-fdalijiet tiegħu u fejn ħafna jitolbuh jinterċedi għalihom.

## DWAR L-ISQOF EMANUEL GALEA

Wara marda qasira ta' jumejn, il-Qaddej t'Alla l-Isqof Emanuel Galea mar lura fid-Dar tal-Missier biex jirċievi l-premju mistħoqq għall-ħajja mgħoddija kollha fis-servizz t'Alla.

Baqa' sal-aħħar il-Vigarju Ġenerali tad-Djocesi, kollu ħerqan biex jilqa' u jisma' lil kulħadd; baqa' responsabbli mit-tmexxija tal-Istitut Ġesu Nazzarenu għat-tfal orfni u foqra; baqa' l-konfessur assidwu u l-Predikatur għaref; baqa' sal-ahhar jiltaqa' mal-poplu u jieħu pjaċir jifraħ fil-festi sbieħ ta' kull parroċċa.

Il-Ħadd fil-għodu, 18 ta' Awwissu 1974, ħa sehem fil-festa ta' Ħad-Dingli, mar iżur qassis marid l-isptar u wara li kiel xi ħaġa ma' ħutu kien sejjer lejn l-Istitut. Fit-triq ħassu ħażin u l-għada fil-għodu ħaduh l-isptar. Hu miet nhar l-Erbgħa, 21 ta' Awwissu, 1974.

14 ta' Awwissu, 2009

# L-EBDA ĠID MID-DIVORZJU PROĠETTIMPENN JIRRIBATTI LIS-SUR MARTIN SCICLUNA

1. Fl-ewwel paragrafu tat-tweġiba tas-Sur Scicluna hemm xaqq ta' tama, għaliex jagħraf li id-Dokument tagħna "jipprova jidħol f'diskussjoni serja." Imma minn hemm 'il quddiem hija litanija ta' insulti u insinwazzjonijiet kontra l-Knisja. L-aktar li nistgħu ngħid hu li għal raġunijiet li ma nafuhomx, is-Sur Scicluna ma mexiex fuq il-passi tagħna ta' diskussjoni serja.

2. Huwa jagħmel l-akkuża li d-Dokument tagħna "bilfors huwa selettiv u jaqdi lilna nfusna." Din hi biss il-fantasija tiegħu. Aħna m'aħna nippruvaw naqdu lil ħadd, imma qed nippruvaw nippreżentaw viżjoni aktar wiesgħa permezz tar-riċerka u l-esperjenzi ta' pajjiżi oħra. L-anqas huwa veru li għażilna dak li jaqblilna. Fil-fatt, ikkwotajna studji li jsemmi s-Sur Scicluna stess fil-bibljografija, li imbagħad ma jgħidx lill-qarrejja tiegħu r-riżultat ta' dawn l-istudji (ara paragrafi 3.10, 5.5, 8.4, u 8.6). Nikkwotaw ftit fit-tul, studji li ma jaqblux preċiż mal-pożizzjoni tagħna (ara paragrafi 5.1, 5.3, 5.4, 5.7, 5.8 u 8.5). Ftit aktar 'l isfel, is-Sur Scicluna jgħid li jħossu diżppuntat għaliex, skont hu, bnejna "l-argumenti ewlenin fuq pedamenti faloz". Jiftaħar li eżamina 25 studju importanti" (paġna 7). X'żammu li jagħti referenzi ċari għal dawn l-istudji li jmeru dak li ngħidu aħna? F'dan il-każ, is-silenzju mhux risposta xierqa.

3. Fit-tweġiba tiegħu, l-awtur, ħafna drabi jirrepeti li d-divorzju mhux il-kawża tat-tkissir taż-żwieġ u jwaħħal fil-Knisja li ivvintat dan. Aktar minn darba isejjaħ dan il-fatt bħala "pożizzjoni

żballjata" (paġna 8). Nixtiequ nfakkru lis-Sur Scicluna li la l-Knisja u l-anqas aħna ma wasalna għal dik il-konkluzzjoni, imma wasalu għaliha bosta studji li ftit minnhom semmejnihom fid-Dokument. Fuq l-istess argument, is-Sur Scicluna stess semma fil-bibljografija wieħed minn dawn l-istudji li jikkonkludi li d-divorzju jġib tkissir fiż-żwieġ. Din ir-riċerka saret minn żewġ universitajiet fi 18-il pajjiz ta' l-Ewropa. Għalfejn tattakka l-Knisja fuq dan?

4. F'din it-tweġiba, is-Sur Scicluna jirrepeti dak li għamel fir-Rapport oriġinali u ma jagħmel l-ebda differenza bejn separazzjoni, dikjarazzjoni ta' nullita' u divorzju. Anzi issa fl-istess keffa jżid ukoll l-adulterju. Jagħmel mistoqsija lill-Knisja u għaliha t-tweġiba hija semplici: "Le, il-Knisja ma tippreferiex l-adulterju aktar minn 'relazzjoni formali u tar-rispett'". Wara kollox, iż-żwieġ oriġinali mhux ukoll relazzjoni formali u tar-rispett? U l-adulterju mhux waħda mill-kawżi prinċipali tat-tkissir taż-żwiġijiet?

5. L-awtur jagħmel ġudizzju żballjat ieħor meta jgħid li aħna nassumu li "m'hemm l-ebda problema reali u li ż-żwiġijiet f'Malta m'għndhom bżonn l-ebda bidla mis-sitwazjoni preżenti." Aħna stess bis-sinċerita' għidna (Fil-Ġabra fil-Qosor tad-Dokument u f'paragrafu 9.4) li "hemm numru ta' sitwazzjonijiet soċjali negattivi fis-soċjeta' tagħna." Imma għidna wkoll li "is-sitwazzjoni mhix ħażina daqs kemm jippreżentha t-TPPI." Fi kliem ieħor konna qed ngħidu li s-sitwazzjoni hija ħażina. Imma għidna wkoll li "l-ebda waħda minn dawn il-mardiet soċjali ma tfejqu, jew kellhom l-effetti tagħhom imnaqqsa bid-divorzju." Barra minn dan, aħna mmorru pass ieħor 'il quddiem u nagħmlu proposti pożittivi lill-Gvern biex nippruvaw nibdlu s-sitwazzjoni attwali għall-aħjar.

6. Is-Sur Scicluna jagħmel akkuża oħra kontra l-Knisja, dik li "ma tagħrafx it-tbatija u d-diffikultajiet li jġibu magħhom it-tkissir taż-żwiġijiet." Is-sensiela sħiħa matul ħafna snin tal-ħidma tal-Knisja b'risq il-familji u l-familji f'diffikulta' tagħmilha ħafna diffiċli biex din l-akkuża titwemmen. Għall-Knisja kull persuna hija importanti. Imma l-istudji u l-analiżi jridu jsiru permezz ta' persentaġġi u kategoriji. Min f'pajjiżna, aktar mill-Knisja għandu storja ta' aktar minn 50 sena formazzjoni għaż-żwieġ, *counselling* għall-għarajjes u għall-miżżewwġin, korsijiet ta spiritwalita' għall-koppji, gruppi ta' appoġġ, residenzi għall-vittmi ta' vjolenza domestika u inizjattivi oħra. Minbarra din l-għajnuna kollha li jagħtu istituzzjonijiet tal-Knisja, mijiet ta' familji jsibu l-għajnuna f'saċerdoti individwali. Is-Sur Scicluna jgħid li jagħraf dan, imma mbagħad ipoġġi kollox fil-ġenb. U ma' dan kollu, min aktar mill-Knisja, permezz tal-membri dedikati tagħha fid-djar residenzjali, jieqfu ma' l-ulied li jbatu l-effetti tat-tkissir taż-zwieġ tal-ġenituri tagħhom? Il-ftit riċerki li saru f'pajjiżna dejjem urew li n-nies għandhom fiduċja kbira fil-Knisja meta jkollhom bżonn għajnuna għall-familja tagħhom. Nistgħu aħna wkoll nistaqsu lill-awtur jekk huwiex jirrifjuta li jara t-tbatija u d-diffikultajiet li jkollhom jgħaddu minnhom l-ulied ta' ġenituri mifruda, meta xi wħud jidħlu f'relazzjoni oħra?

7. L-awtur tar-Rapport jirrepeti bosta drabi li l-pożizzjoni tagħna hija bbażta fuq "raġunijiet duttrinali .... (u) reliġjużi." Mill-bidunett ċħadna dan f'sezzjoni 9 tad-Dokument tagħna. Nirrepetu li "d-divorzju jhedded il-familja u ż-żwieġ u mhux sempliċement il-viżjoni kattolika tagħhom. Nemmnu li d-duttrina kattolika fuq il-familja u ż-żwieġ hija tajba, imma aħna nagħtu valur ukoll ir-riċerki soċjoloġiċi u l-istatistiċi, kif urejna fid-Dokument. Fi spirtu ta' djalogu sinċier, stennejna li l-konklużjonijiet tagħna jkunu diskussi mhux fuq

bażi tal-fidi tagħna imma fuq il-valur tar-riċerka li semmejna.

8. Is-Sur Scicluna ta parir "lill-kattoliċi li jemmnu li għandhom dritt ma jagħmlux użu minn miżuri li jiġġudikawhom ħżiena, imma m'għandhomx dritt jużaw il-*veto* kontra l-oħrajn. Min qed juża' l-*veto*? Aħna poġġejna quddiem kulħadd pożizzjoni studjata xjentifikment fuq dik li d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tiddefinixxi bhala "l-unita' naturali u fundamentali tas-soċjeta' (art. 16.3), il-familja. Il-konkluzzjonijiet tagħna minn din ir-riċeka jaqblu mad-duttrina kattolika. B'daqshekk il-kontribut tagħna huwa kontra "id-demokrazija sekulari", tfisser xi tfisser? Fil-verita', qed nitkellmu fuq żewġ kwalitajiet differenti ta' soċjeta', li minnhom irridu nagħżlu waħda. Waħda hija ttimbrata bid-divorzju u l-oħra hija impenjata biex isaħħaħ iż-żwieġ u l-familja.

9. Is-Sur Scicluna huwa tal-fehma li mhemmx rabta ta' kawża u effett bejn in-numru ta' koppji koabitati u d-divorzju. Huwa jitfa' din l-asserzjoni fuq "il-Knisja Maltija" wkoll u jagħtiha t-tort. Fid-Dokument tagħna, fl-ebda ħin m'għidna li hemm din ir-rabta. Kull ma għamilna hu li semmejna eżempji ta' statistiċi mill-Awstalja, Irlanda u l-Ingilterra li wrew li kull fejn daħal id-divorzju, ir-rata taż-żwiġijiet naqset u tal-koabitazzjoni żdiedet. (Sezzjoni 7). Għidna ċar u tond li wkoll jekk m'hemmx rabta ta' kawża u effett, il-leġiżlazzjoni tad-divorzju ma solvietx il-problemi li toħloq il-koabitazzjoni fis-soċjeta'.

10. Lejn in n-nofs tat-twegiba tieghu, is-Sur Scicluna jgħid li ħassu "mġiegħel li jagħti fid-dettal evidenza ta' statistika li huwa semma fir-Rapport." Dik l-aħbar kienet xaqq ieħor ta' tama, għaliex fid-Dokument tagħna rrimarkajna kemm-il darba li r-Rapport kien

nieqes minn dokumentazzjoni dwar l-istatistika li jsemmi. Imma, din it-tama tagħna wkoll ma saritx realta'.

10.1 Żjieda perċentwali fit-tkissir taż-żwiġijiet bejn l-1995-2005: Ir-Rapport oriġinali jsemmi żjieda ta' 160 fil-mija. Fit-twegiba tiegħu, is-sur Scicluna jsemmi li din iż-żjieda kienet minn tlieta għal sebgħa fil-mija. Dan ifisser li ż-żjieda perċetwali hija ta' 133 fil-mija mhux ta' 160. Dan huwa eżatt dak li għidna aħna fid-Dokument (par. 3.2).

10.2 Kalkolu għas-sena 2015: Is-Sur Scicluna qalilna li dan il-kalkolu sar mid-Discern, l-Istitut ta' Riċerka fuq is-Sinjali taż-Żminijiet. Din kienet informazzjoni ġdida, għalkemm xorta ma tax referenza għal dan l-istudju. Fil-fatt, aħna ma merejniex dan l-istudju. Kull ma tlabna hu li jippreżenta kif wasal għal din il-figura (par. 3.6) u din l-informazzjoni baqgħet ma waslitx.

10.3 Dikjarazzjonijiet ta' Nullita' mit-Tribunal tal-Knisja: Is-Sur Scicluna injora t-tifsira li tajna u kull ma għamel hu li tenna dak li qal fir-Rapport oriġinali: li l-figuri li ta ġabhom mill-Kurja, jiġifieri 173 fl-2006, 162 fl-2007 u 131 fl-2008. Kif għidna fid-Dokument oriġinali, in-numru ta' annullamenti trid teħodhom mit-Tribunal ta' l-Appell u jkunu dawk li jkollhom t-tieni sentenza pożittiva taqbel ma' l-ewwel waħda. Dawn huma 39 fl-2006, 57 fl-2007 u 85 fl-2008.

10.4 Separazzjonijiet u Annullamenti mill-Qorti Ċivili: Mingħajr ma rridu npoġġu l-ħtija fuq is-Sur Scicluna, irridu nammettu li ma stajniex insibu rkaptu ta' l-istatistika li pprezenta. L-istatistika li ta l-Ministru Carm Mifsud Bonnici, u li poġġejna fid-Dokument tagħna hija differenti ħafna minn dak li qed jagħtina s-Sur Scicluna.

Barra minn dan, l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika fl-14 ta' Lulju li għadda, ippubblika statistika li taqbel ħafna aktar magħna milli mas-Sur Scicluna. Din hija:

"Matul 2008 daħlu 519 separazzjoni, 18.5 fil-mija anqas mill-2007. Minn dawn, 464 (89 fil-mija) huma koppji fejn it-tnejn huma ċittadini Maltin. Kienu wkoll registrati 188 annullament (35 reliġjuż u 153 ċivili) imqabbla ma' 167 fl-2007.... Is-sena l-oħra kien hemm 31 divorzju minn barra li kienu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin, erbgħa anqas mis-sena ta' qabel" (Stqarrija għall-Istampa, 10 ta' Lulju 2009, 122/2009).

Dawn il-fatti bl-ebda mod ma jaqblu ma' dak li s-Sur Scicluna jsejjaħ "in-numru dejjem jiżdied ta' żwiġijiet li jitkissru" (paġna 6) u li minħabba fihom jakkuża lill-Knisja bħala "ċassa, immexxija minn preġudizzju aktar milli mir-raġuni."

10.5 *Stock Number*: Fit-tweġiba tiegħu, l-awtur joġġezjona għall-frażi *stock number* u wkoll jakkużana b'disprezz. Ma nistgħux nifhmu għaliex. Din il-frażi hija waħda teknika u wżata fl-istatistika. Tfisser li meta ngħidu li fl-2005 kien hemm 13,354 persuna separata, dan ma jfissierx li dawk isseparaw fl-2005. L-Uffiċċju Nazjonali ta' l-Istatistika wkoll uża' din il-frażi meta ppubblika kjarifika dwar l-istatistika li kien semma r-rapport tat-TPPI (The Malta Independent p. 7, 20 ta' Mejju, 2009).

11 Is-Sur Scicluna jgħidilna li huwa ħa l-mudell ta' l-Irlanda fejn il-liġi tad-divorzju ilha 12-il sena. Isostni li "Li ma kienx hemm xi dulluvju ta' divorzji u tkissir taż-żwieġ" (paġna 7). Jiddispjaċina li ma naqblux ma dan u nissuġġerulu jfittex mudell aħjar li jista' jaqbel mal-pożizzjoni tiegħu. Fid-Dokument tagħna (par. 7.4) urejna li fl-aħħar erba' snin, fl-Irlanda kien hemm 56 fil-mija żjieda

fil-koppji li jikkoabitaw. Fl-1996 (jiġifieri sena qabel ma' daħlet il-liġi tad-divorzju) it-tkissir taż-żwiġijiet kien ta' sebgħa fil-mija, waqt li fl-2006 kien ta' 13 fil-mija, li tfisser żjieda ta' 46 fil-mija (Ara Iona Institute, Domestic Partnership, Dublin 2007, p.16).

12. Nixtiequ wkoll niġbdu l-attenzjoni tas-Sur Scicluna kif ukoll tal-pubbliku, li ma weġibx għal numru ta' argumenti li qajjiemna fid-Dokument tagħna. Dawn huma: il-pożizzjoni tal-membri tat-Think Tank fuq id-dokument, in-nuqqas ta' referenzi, li d-dokument huwa wieħed li jxaqleb bil-qawwi favur id-divorzju, il-kuntentizza tal-koppji miżżewwġa meta mqabbla ma koppji li jikkoabitaw, kif ukoll l-effetti negattivi fuq l-ulied li l-ġenituri tagħhom ikunu ddivorzjaw u daħlu f'relazzjoni oħra.

13. Naqblu ma' l-istqarrija li nsibu fit-tweġiba tas-Sur Scicluna: "L-Istat, permezz tal-leġislazzjoni jrid jiddeċiedi x'inhu ta' ġid għas-soċjeta' kollha" (paġna 8). Dan huwa magħruf bħala ġid komuni. Hija l-fehma tagħna li d-Dokument oriġinali tagħna jipprova fil-wisa' li d-dħul ta' leġislazzjoni tad-divorzju mhuwiex fl-aħjar interess tas-soċjeta' kollha. Dak li ġara f'pajjiżi oħra huwa xhieda ta' dan.

14. Aħna intennu l-impenn tagħna għal żwieġ b'saħħtu. Nemmnu ħafna li l-familji ma jirbħu xejn bid-dħul tad-divorzju jew billi sempliċement ma jsir xejn. Huwa l-isforz flimkien ta' dawk kollha interessati: familji, organizazzjonijiet volontarji, media, Knisja, Stat, Trade Unions u oħrajn, kulħadd skond in-natura u r-rwol tiegħu, li jagħti spinta 'l quddiem għall-aħjar.

**ProgettImpenn**

27 ta' Awwissu, 2009